# Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgha s-Sema

## L-Imġarr A.D. 2011

# Festa 2015



Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr A.D. 2011

Festa 2015



# Werrej


Messaġġ mill-President.......5
Kumitat Eżekuttiv 2015 - 2017.......7
Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali.......8
Sezzjonijiet u Kummissjonijiet.......10
Messaġġ mill-Kaxxiera.......12
Rendikont finanzjarju Ottubru 2014 – April 2015.......12
Messaġġ mill-Viċi President.......13
Messaġġ mis-Sindku.......33
Messaġġi mill-Asst. Segretarju u Asst. Kaxxiera.......37
Messaġġ mill-P.R.O.......40
Messaġġ mill-Kappillan u Direttur Spiritwali.......41
Messaġġi mill-Membri Kumitat Eżekuttiv.......44
Messaġġ mis-Surmast Direttur u Għalliem tal-Allievi Sezzjoni tar-Ram u Perkussjoni.....48
Messaġġ mill-Assistent Surmast u Għalliem tal-Allievi Sezzjoni Strumenti tal-Qasba......49
Messaġġ mill-President tas-Sezzjoni Nisa.......50
Messaġġ mill-President Għaqda Każini tal-Banda.......51
Messaġġ mill-Għaqda Patrimonju u Festa Mġarr.......52
Messaġġ mis-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta.......53
Flimkien għall-Banda 2015.......54
Bejn Festa u oħra.......58
Tliet Programmi Mużikali fl-okkażjoni tal-festa titulari 2015.......68
Programm tal-Festa tal-Familja Mġarrija 2015.......72
Sehem is-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema"
tal-Imġarr fil-Festa Titulari ta' Santa Marija 2015.......77
Programm Vokali u Strumentali.......79
Tagħrif fuq il-mużika li se tindaqq fil-Programm Vokali u Strumentali ta' lejlet il-festa....80
Toroq minn fejn se jgħaddu l-baned mistiedna.......83
Innijiet u marċi proċessjonali li se jindaqqu mill-banda.......84
Marċi brijużi li se jindaqqu mill-banda.......85
Bandisti u Allievi.......86
Servizzi Mużikali li għamilna matul is-sena.......88
Il-klarinett.......90
L-Imġarr u Niesu – Tifkiriet ta' Nostalġija.......92
Ix-xjenza tax-xjentisti biss?.......108
L-Imġarrin li ħallew raħal twelidhom fl-ewwel tas-seklu għoxrin.......113
Familja kollha kemm hi Mġarrija.......116
Stejjer minn ta' Ħaġrat u Skorba.......119
Il-Ġawhra tal-Imġarrin.......125
Teżori fil-Mużewijiet Maltin.......127
Ciappella Racing Team.......162
Wiġi Bongailas (1910 – 1985).......164
Liema huma n-nutrijenti illi l-ġisem għandu bżonn?.......167
Agħraf kul lokali u tal-istaġun.......169
Is-Sajf, il-Festa tar-Raħal u l-Għoti tad-Demm.......170
Festi Marjani fil-Gżejjer Maltin.......172
Sorijiet Agostinjani – Servi ta' Ġesù u Marija.......177
Storja ta' suċċess għal Mġarr Eagles fis-snin 80 u 90.......180
Joseph Galea u l-passatemp tiegħu.......185
Mġarr United Football Club.......188
Innu f'Jum il-Festa.......192
Innu Santa Marija.......193
Min irreklama.......208



Pubblikazzjoni tas-
**Soċjetà Filarmonika**
**"Marija Mtellgħa s-Sema",**
**tal-Imġarr A.D.2011**

Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari
ta' Santa Marija, Awwissu 2015

Editur:
Joseph Caruana Dip. Oper.Mgt

Qari tal-provi:
Mario Sant

Ġbir tar-reklami:
Joseph Caruana
Giovanni Gatt
Maria Vella

Ritratti:
Raymond Muscat
Awturi tal-artikli
Kumitat Eżekuttiv
Arkivji

Fotografija u disinn tal-kopertina:
Raymond Muscat

Ħajr: Lill-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà, lil dawk li ġabru r-reklami, kontributuri tal-artikli, u tar-ritratti, lid-ditti u lill-kumpaniji li rreklamaw u lilkom li tapprezzaw din il-pubblikazzjoni.



Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti minn din il-pubblikazzjoni mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà.

Il-kontenut tal-artikli mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr.



Kull reklam li jidher f'din il-pubblikazzjoni huwa donazzjoni lis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa S-Sema", tal-Imġarr.

Din il-pubblikazzjoni qed titqassam bla ħlas.

Kull donazzjoni tiġi apprezzata.

Issettjat u Stampat
**Best Print Co. Ltd, Qrendi**

In-Nutar

# Dr Tony Abela

(Anthony Abela)



jawgura kull suċċess

lis-Soċjetà Filarmonika

Marija Mtellgħa s-Sema

tal-Imġarr

u jitlob li ningħaqdu

u nagħtuha sapport tassew.

Tel:
21454008

Fax:
21456114

Mob:
99493541

E-mail:
tony@nutarabela.com

# ĠURNATA SQALLIJA

b'risq il-Banda tal-Imġarr

it-Tlieta 25 ta' Awwissu, 2015

## Marzamemi-Kantina tal-Inbid-Ikla u Ċentru Kummerċjali











**Prezzijiet:**

Adulti: €140 • Tfal: €60

**X'JINKLUDI:**

- Vjaġġ bil- Katamaran Jean De Valette
- Pullman magħna l-ġurnata kollha
- Passiġġata maċ-ċentru storiku ta' Marżamemi
- Żjara ġo kantina tal- inbid
- Ikla 6 course,stil Sqalli
- Xiri miċ-ċentru kummerċjali
- Tour leader ta'Micallef Joe Travel
- Taxxi nklużi fil- prezz

Bookings u dettalji fuq

79674678



# IKLA

b'risq il-Banda

**"Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr**

*Nhar l-Erbgħa 12 t'Awwissu,2015*

**Ħin:** 8pm

**Post:** Fejn is-Salib tal-Knisja

**Prezz:** Kbar: €16

Tfal: €8

**Bookings u dettalji:**

79391306 - 99265409

jew mingħand Abela Grocery





Bil-parteċipazzjoni ta' diversi kantanti popolari fosthom Michela Galea, Rachel Lowell u l-mistieden speċjali

Renato

## MENU

Maltese Platter

Tiġieġ / Majjal / Cuberoll

Deżerta

Tazza inbid / Luminata

*Tfal jistgħu jieħdu Burgers u Zalzett*







# Dak li stinkajna għalih issa qed ingawduh



**Giovanni Gatt**
*President*

Ħuti Mġarrin

Dak li stinkajna għalih issa qed ingawduh. Kien bidu iebes, imma ħdimna bil-għaqal u fil-kwiet u qed nirnexxu. Din hi l-banda ta' kulħadd u kif inhu xieraq qed tieħu sehem sħiħ fil-festa tal-Imġarrin kollha. Dan ir-raħal għalhekk hu sabiħ għax niċċelebraw festa waħda u għandna banda waħda.

Din l-Għaqda mużikali mhux bil-kliem imma bil-fatti qed twettaq il-pjanijiet u l-ħolm tagħkom l-Imġarrin. Allievi u bandisti Mġarrin kunu kburin fi ħdan din il-Banda. Ġenituri tal-allievi u bandisti grazzi tas-sapport li tagħtuna u tal-fiduċja li għandkom fina.

Nixtieq nirringrazzja lis-Sindku u l-kunsilliera tal-għajnuna li jagħtuna. Nirringrazzja lill-membri kollha tal-Kumitat tal-Banda talli naħdmu flimkien id f'id biex nimxu 'l quddiem u nappella biex inkomplu naħdmu bil-qalb għax b'dak li nagħmlu aħna nkunu qed inferrħu lill-ħafna nies tar-raħal tagħna.

Jalla din il-festa tkun sabiħa u waħda li tixraq lill-Patruna tagħna.

Flimkien ngħidu għalenija Viva Santa Marija għal dejjem.

Nawguralkom il-festa t-tajba.

Offerta għall-kiri tal-bar tal-Każin
tal-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr.
Min hu interessat ikun jaf iktar dettalji
għandu jikkuntattja
lis-Segretarju Joseph Caruana fuq 79674678




*Wara mix-xellug:*
*Sandro Muscat, Christian Vella, Angela Muscat, Ġorġ Debrincat u Maria Vella.*

*Quddiem mix-xellug:*
*Colin Falzon (Viċi President), Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali) , Giovanni Gatt (President*
*u Rose Apap Bologna (Kaxxiera).*


martin grima ltd.
Għajn Astas
St Paul's Bay
tel 21 574 474
mob 9947 1982
fax 21 583 087
grimar@maltanet.net

Importers & Distributors of Agriculture & Horticulture Products





'Together we are the growing power'

Seeds & Crop Protection • Tractors & Agriculture machinery • Compost • Fertiliser • Plant Raisers • Irrigation Systems • Packing Products • Greenhouses • Plastic Film • Bumble Bees • Biological Control Beneficial

# Kumitat Eżekuttiv 2015-2017

*Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema",*
*L-Imġarr A.D.2011*

**Presidenti Onorarji**
In-Nutar Tony Abela
L-Onor. Dr.Godfrey Farrugia MP
L-Onor. Dr. Ian Borg MP
Is-Sur Louis Vella
Is-Sur Raymond Muscat
Is-Sur Michael Attard
Is-Sindku s-Sur Paul Vella

**Membri Onorarji**
Is-Sur Nazju Schembri
Is-Sur Tony Vella
Is-Sinjura Doris Vella

**Segretarju Ġenerali**
Is-Sur Joseph Caruana

**President**
Is-Sur Giovanni Gatt

**Kaxxiera**
Is-Sinjura Rose Apap Bologna

**Assistent Segretarju**
Is-Sur Christian Vella

**Viċi President**
Is-Sur Colin Falzon

**Asst. Kaxxiera**
Is-Sinjura Anġela Muscat,

**P.R.O**
Is-Sinjura.Maria Vella

**Membri**
Is-Sur George Debrincat
Is-Sur Sandro Muscat

**Delegat tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana

**Rappreżentant Kummissjoni Festa**
Is-Sur Joseph Caruana

**Rappreżentant Għaqda Każini tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana
Is-Sur Christian Vella

**Surmast Direttur u Għalliem tar-Ramm u Perkussjoni**
Mro Tancred Grech FLCM, B.A(Hons) Music, LLCM, PGCE

**Assistent Surmast u Għalliem Strumenti tal-Qasba**
Mro Neville Pace
FLCM, A.Mus LCM., LL.C.M., A.L.C.M.

**Awdituri**
Is-Sinjura Simone Galea
Is-Sra Kristina Mifsud

**Nutar tal-Każin**
In-Nutar Tony Abela



# Il-Kumitat Eżekuttiv din is-sena ħadem qatiegħ



**Joseph Caruana**
*Segretarju Ġenerali*

Ix-xahar ta' Awwissu bla ebda dubju hu magħruf għas-sħana u l-vaganzi. Però għal ħafna dan ix-xahar hu x-xahar tal-festa titulari. F'dan ix-xahar jiġu ċċelebrati l-parti l-kbira tal-festi. Fl-Imġarr mhux l-inqas. Fil-fatt Ħadd fuq il-15 t'Awwissu aħna nżommu l-appuntament mal-kalendarju u niċċelebraw festa kif tassew tixraq lil Ommna Marija s-Sultana tas-Sema u s-Sultana tal-Imġarr.

Matul din is-sena komplejna fejn ħallejna s-sena l-oħra u l-prijorità baqgħet it-tagħlim tal-mużika. Il-banda tagħna kellha diversi servizzi u minħabba l-ammont ta' servizzi li se nagħmlu fil-festa kien jeħtieġ li nippreparaw sew. Fl-Ewwel ta' Mejju, il-Kappillan tagħna Mons. Kalċidon Vassallo beda l-ħidma pastorali tiegħu fostna. Għal din l-okkażjoni ħadna sehem billi għamilna marċ brijuż li akkumpanja l-wasla tal-Kappillan flimkien ma' Mons. Arċisqof minn fejn l-iskola sal-Knisja Parrokkjali. Kien ta' sodisfazzjon kbir għalina li l-Kappillan aċċetta l-offerta tagħna li nakkumpanjawh bil-banda u żgur se nibqgħu niftakru dan il-jum għażiż għall-Imġarrin. Dan għaliex kien ifisser ir-ritorn fostna ta' Dun Kalċ li ta' min jgħid kien diġà serva bħala Kappillan ta' din il-Parroċċa. Fil-bidu ta' Ġunju l-bandisti u l-allievi tagħna flimkien mas-Surmast u l-Assistent tiegħu tellgħu s-serata "Flimkien għall-Banda". Din l-attività kienet suċċess kbir u kulħadd ammira t-talenti li jħaddnu l-allievi u l-bandisti tagħna. Kienet opportunità li ta' kull sena noffrulhom biex jesponu dak li qed jistinkaw għalih quddiem udjenza numeruża li bi ħġarha tattendi għal din is-serata annwali. Wara nuqqas ta' sena din is-sena l-banda tagħna reġgħet ħadet sehem fil-purċissjoni ta' Corpus. Bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill reġa' stedinna biex nieħdu sehem, permezz ta' *ensemble* f'ċelebrazzjoni li tfakkar lil ħutna l-vittmi tal-gwerra. Il-banda tagħna ġiet mistiedna u ħadet sehem ukoll f'attività organizzata mill-Iskola San Andrea biex inġabru fondi għall-Puttinu Cares u entitajiet oħra filantropiċi. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk il-bandisti kollha li taw is-servizz tagħhom bla ħlas. Għal darb'oħra ġejna mistiedna biex nagħmlu żewġ servizzi barra l-Imġarr. Dawn kienu għall-festa tad-Duluri f'San Pawl il-Baħar u fil-festa tas-Salvatur f'Ħal Lija. Minn qalbna nirringrazzjaw lill-għaqdiet li stednuna tal-fiduċja li wrew fil-banda tagħna.

Issa żgur li l-ikbar impenn se jkun il-festa titulari ta' Santa Marija. Din hi l-vetrina tagħna u ilna nistennew li jaslu dawn il-jiem sena sħiħa. Il-festa ta' din is-sena se tkun ftit differenti mis-soltu, il-banda tagħna se tkun impenjata iktar ukoll. Is-servizzi tagħna se jibdew bil-kbir billi nhar il-Ħadd 16 t'Awwissu filgħaxija fuq xewqa tal-Kappillan stess se ntellgħu programm ta' mużika sagra fil-Knisja Parrokkjali. Waqt dan il-programm se jieħu sehem il-kor tal-Parroċċa Reġina Coeli taħt it-tmexxija tas-Surmast Mary Cauchi. Dakinhar il-banda tagħna se ddoqq għall-ewwel darba l-Innu l-kbir lil Santa Marija, kompożizzjoni tas-Surmast Joseph Abela Scolaro u versi ta' Dun Oraz. Se jkun programm imżewwaq

ħafna bil-parteċipazzjoni wkoll tas-Sopran Marita Bezzina u Pauline Vella. Avveniment li ħadd m'għandu jitlef, għalhekk inħeġġiġkom tattendu u ġġibu lil qrabatkom. Jumejn wara mbagħad il-banda se takkumpanja l-purċissjoni tat-tfal u wara se tieħu sehem waqt quddiesa li se ssir fi Triq Dun Edgar biswit id-Dar Parrokkjali. Wara l-quddiesa l-banda se ddoqq ukoll l-antifona flimkien mal-kor tal-Parroċċa. Fl-aħħar jum tat-tridu nagħmlu l-marċ tradizzjonali tal-Ġimgħa. Dan ikun tant mistenni mill-parruċċani biex f'atmosfera ta' briju nieħdu pjaċir flimkien. F'lejlet il-festa nakkumpanjaw bil-banda t-translazzjoni solenni mill-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija sal-Knisja. Wara l-quddiesa l-banda tagħmel marċ qasir u wara tesegwixxi programm vokali u strumentali fuq il-pjanċier armat għal darb'oħra fuq iz-zuntier tal-Knisja. Dan il-programm se jkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Tancred Grech. Dan il-programm annwali jiġbed udjenza numeruża u biex kulħadd ikun jista' jgawdi sew ix-xogħol tal-banda se jkun hemm is-siġġijiet biex tkunu tistgħu ssegwuh bil-kumdità. F'jum il-festa filgħaxija l-banda tagħna se takkumpanja l-purċissjoni fl-ewwel parti tagħha. Wara l-banda se ttella' programm fuq il-pjanċier u takkumpanja d-dħul tal-vara fil-Knisja. Hawn se jkun hemm kordinament mas-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta biex kollox jitgawda kif inhu xieraq.

F'Mejju kellna laqgħa ġenerali straordinarja fejn Rose Apap Bologna nħatret Kaxxiera tal-Għaqda tagħna. Hawn nirringrazzja lis-Sinjura Mary Abela li ħadet ħsieb il-finanzi tal-Għaqda mit-twaqqif sa Mejju ta' din is-sena u nawgura kull suċċess u nwiegħed l-appoġġ tiegħi kollu lil Rose fil-kariga ġdida tagħha.

Ftit jiem qabel il-festa ħareġ ukoll il-permess ta' żvilupp tal-MEPA biex jekk il-Bambin irid issa kif tgħaddi l-festa nibdew naħdmu biex ikollna l-każin tagħna wkoll. Nappellalkom biex tgħinuna għax hemm ħafna xogħol xi jsir u minbarra li neħtieġu ħafna finanzi għandna bżonn l-għajnuna tagħkom.

Il-Kumitat Eżekuttiv din is-sena ħadem qatiegħ biex wettaq il-pjanijiet tiegħu. Is-sezzjoni nisa kienet strumentali l-iktar fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet soċjali. Mingħajrhom il-piż kien ikun ferm ikbar. Inħeġġeġ lilkom Imġarrin u dilettanti tal-festa biex tingħaqdu magħna. Aħna nilqgħu lil kulħadd għax nixtiequ lill-banda unika Mġarrija tkun ta' kulħadd u ma nixtiqux li jkun hemm xi ħadd li jħossu eskluż. Jekk kien hemm min ħassu mwarrab matul is-snin li għaddew minn dawn il-versi nitolbu skuża f'isem sħabi tal-Kumitat u nħeġġu biex jagħmel pass 'l quddiem u jersaq lejna. Aħna lkoll umani u lkoll niżbaljaw imma l-fatt li nitolbu skuża hu pass importanti 'l quddiem.

Imġarrin ejjew flimkien ningħaqdu mas-Sultana tal-Imġarr biex niċċelebrawlha festa xierqa. Festa li tagħmel ġieħ lill-Imġarr kollu. Nixtiequ li nibqgħu msemmija għall-festa sabiħa li nagħmlu, festa xempju tal-għaqda, għax hekk biss tkun kuntenta Ommna Santa Marija. F'dawn il-jiem ta' festi nersqu lejn is-sagrament tat-tqarbin u ngħidu r-rużarju flimkien mal-familji tagħna. Nappellalkom biex tixegħlu u żżejnu l-gallariji u l-faċċati tad-djar biex l-Imġarr ukoll jilbes il-libsa tal-festa u nidħlu iktar fl-atmosfera.

Minn qalbi nirringrazzja lill-President u sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv u kummissjonijiet fi ħdan l-Għaqda tagħna tal-appoġġ li jagħtuni, lis-Surmast Direttur u l-Assistent Surmast tal-impenn tagħhom biex jgħallmu lill-bandisti u l-allievi tagħna, lil ħutna l-emigranti li ġew fostna biex jiċċelebraw il-festa magħna u nitolbu għall-morda li ma jistgħux jiċċelebraw il-festa magħna. Fl-aħħar nett filwaqt li nirringrazzja lil kulħadd tal-għajnuna li jagħtina matul is-sena, nawguralkom il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija u Viva l-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr.

# Sezzjonijiet u Kummissjonijiet



## Bord Editorjali

*Mix-xellug: Maria Vella, Sandro Muscat, Joseph Caruana (Editur), Giovanni Gatt u Raymond Muscat (Fotografija)*



## Sezzjoni Nisa

*Mix-xellug: Maria Vella (Kaxxiera), Marbeck Muscat (Segretarja), Odette Muscat (President) u Joyce Gauci*




*Mix-xellug: Sandro Muscat, Mro Neville Pace, Joseph Caruana, Mro Tancred Grech, Christian Vella u Raymond Muscat*





# Żgura li se naslu biex ikollna każin li jagħmel unur



**Rose Apap Bologna**
*Kaxxiera*

Din hija l-ewwel darba li qed nikteb bħala Kaxxiera tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" L-Imġarr AD 2011. Nibda biex nirringrazzja lis-Sinjura Mary Abela l-Kaxxiera ta' qabli tax-xogħol kollu li wettqet fi ħdan il-Banda tagħna.

Din is-sena kienet mimlija sfidi għalina. Kellna ħafna spejjeż sakemm ħareġ il-permess tal-każin. Issa ġejjin sfidi ikbar. Irridu nsibu l-flus biex nibdew nirranġaw il-post. Imma bl-għajnuna tagħkom u ta' sħabi tal-Kumitat ninsab żgura li se naslu biex ikollna każin li jagħmel unur lill-Ïmġarrin kollha.

Tkun kaxxiera tal-banda mhux faċli. Din il-kariga tinvolvi li żżomm rendikont tajjeb ta' kull donazzjoni, miżati ta' *membership*, u dħul mill-attivitajiet. Dan trid tibbilanċjah kontra l-ispejjeż. Tinvolvi wkoll li tara sew fiex qed jintefqu l-flus. Il-Kaxxiera hija responsabbli li tqabbel il-kontijiet tal-bank u tħallas lill-bandisti, lis-surmastrijiet u kontijiet oħra (li dejjem ġejjin u qatt ma jispiċċaw). Waqt kull laqgħa jrid jingħata rendikont tal-pożizzjoni finanzjarja tal-banda. Biex dan kollu jsir trid tkun lesta li tiddedika ftit ħin mhux ħażin, imma kemm jien kif ukoll sħabi kollha tal-Kumitat naħdmu mill-qalb għall-ġid tal-Banda u tal-allievi tagħna.

Nispiċċa biex nirringrazzja lil kull minn tana xi għajnuna. Grazzi lil minn jattendi l-attiviatjiet li norganizzaw kif ukoll tad-donazzjonijiet. Anke kelma ta' inkoraġġiment tagħtina l-enerġija biex inkomplu naħdmu sabiex titkattar iktar l-imħabba għall-mużika u tradizzjonijiet sbieħ li għandna aħna l-Imġarrin. Ma ninsewx li t-tagħlim tal-banda huwa b'xejn għall-allievi kollha u għalhekk inħeġġiġkom biex tgħinuna fejn tistgħu.

Nixtieq nawgura lil kulħadd il-festa mill-isbaħ.

## Rendikont finanzjarju
### *Ottubru 2014 – April 2015*

| | |
|---|---|
| Bilanċ mis-sena ta' qabel | 6999.93 |
| **Dħul** | |
| Donazzjonijiet | 555.00 |
| Menswalità | 260.00 |
| Attivitajiet | 2017.86 |
| *Sponsors* | 1717.00 |
| Servizz tal-banda | 1000.00 |
| Dħul ieħor | 382.54 |
| **Total** | **5932.40** |
| **Ħruġ** | |
| Donazzjonijiet | 50.00 |
| Perit | 890.90 |
| Ħlas bandisti 2014 | 8161.70 |
| Ħlas għat-tagħlim tal-banda | 1190.00 |
| Spejjeż oħra | 279.98 |
| **Total** | **10572.58** |
| Bilanċ | 2359.75 |



# Dan l-impenn jagħtini sodisfazzjon kbir



**Colin Falzon**
*Viċi President*

Imġarriin għal darb'oħra nagħtikom merħba permezz ta' dawn il-kelmtejn li ktibt fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija. Lanqas naf kif għaddiet sena u reġgħet waslet festa oħra. Kienet sena mimlija attivitajiet u impenji għall-banda tagħna, sena li tatna sodisfazzjon kbir l-iktar issa li anke ħareġ il-permess tal-każin.

Kemm ilni nifforma parti mill-Kumitat ta' din il-Banda sirt iktar nieħu sehem fl-organizzazzjoni tal-festa u dan l-impenn jagħtini sodisfazzjon kbir, l-iktar meta nara l-ulied l-Imġarr magħqudin flimkien f'festa unika Maltija, festa ta' għaqda ferħ u briju. Dan kollu leħaq il-qofol tiegħu bit-twaqqif tal-Banda tagħna li issa qiegħda, iktar ma jgħaddi ż-żmien, tistabbilixxi ruħha u ssib postha fir-raħal. Għalkemm ilna biss ftit snin niffunzjonaw, qed nagħtu kontribut siewi lill-komunità tagħna.

Jien inħeġġeġ lilkom biex tingħaqdu magħna. Aħna nilqgħu lil kulħadd u ma hemmx bżonn tkun tifhem fil-banda jew fil-festa, l-importanti li tkun tixtieq tgħin lir-raħal twelidek. Ġaladarba jkollok id-determinazzjoni u r-rieda tajba li tgħin ibqa' ċert li se tkun ta' kontribut u kun żgur li aħna għandna bżonn l-għajnuna tiegħek biex inkomplu nimxu 'l quddiem.

Nirringrazzjakom talli tattendu l-attivitajiet li norganizzaw biex waqt li nieħdu pjaċir flimkien fl-istess ħin inkunu qed nagħtu l-kontribut tagħna lill-Banda tagħna li tant qed tagħmel ġid speċjalment għal uliedna. Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li jagħtuna donazzjonijiet biex inwettqu l-proġetti tagħna. Ippermettuli issa iżda nitlobkom biex tkunu ġenerużi iktar minn qabel biex fi żmien qasir inlestu l-każin tagħna, biex fl-iqsar żmien inkunu f'darna u nkunu nistgħu noperaw u norganizzaw ruħna aħjar.

Insellem lil ħutna l-emigranti li f'dawn il jiem ġew fostna biex jiċċelebraw il-festa magħna, u niftakru f'ħutna l-emigranti l-oħra li din is-sena ma setgħux jingħaqdu magħna. Niftakru wkoll fil-morda li minħabba l-kundizzjoni tagħhom ma jistgħux igawdu l-festa magħna.

Nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv tal-appoġġ kontinwu, u lis-sezzjonijiet u fergħat kollha tal-għaqda tagħna tal-ħidma kbira li jwettqu, lis-Surmast Direttur u l-Assistent Surmast tal-ħidma tagħhom biex jgħallmu lil uliedna, lill-Kappillan u l-kleru tal-għajnuna li jagħtuna u lilkom Imġarrin kollha tas-sostenn tagħkom.

Viva Santa Marija u Viva l-Banda tagħna.

**Is-Sibt 15 ta' Awwissu, 2015 filgħodu fil-pjazza se jkun hemm il-mobile unit tal-għoti tad-demm**



# MUSCAT

## POOL CONSTRUCTION

*Specialising in Pool & Spa Construction, Finishing & Repairs*
*Roof Top or In-ground Pools*

• PENTAIR Pool Equipment • REVIGLASS Mosaic glass
• Copings & Tiles – Marble or Ceramic
• Naturalchlor Salt Chlorination Systems
• HIDROTEN Pool Fittings

**MUSCAT POOLS CONSTRUCTION & SUPPLIES LTD.**

**Phone:** 21 582761 **Fax:** 21 586242 **Mob:** 99457491 / 79258227
**Email:** pools@muscatpools.com **Web:** muscatpools.com



natural chlor
AIS EUROPEAN BRANCH







# WHY STRAIN? GET A CRANE

CRANE FLEET RANGING FROM 25 TO 100 TONNES




- Self Erecting / Static Tower Crane
- Sales, Rentals, Erection & Dismantling
- Specialising in Crane Parts for European & Japanese Cranes
- All Type of Crane Repairs, Structural & Hydraulics
- Safe Load Indicator Crane Computer Sales & Repairs
- Industrial Remote Controllers as Fitted to Tower Cranes, High Up Cranes & Tow Trucks

## SWAEY BROS. LTD.
*Crane Services*

Vella Garage, Tal-Blata L-Gholja, Mosta MST 3880
Tel: 21 433 380 Mob: 99 492 362
Email: swaey@swaey.com

GPS Codes
35. 902961
14.415860




www.swaey.com

## SWAEY BROS. LTD.
*Crane Services*

- Hydraulic Sales, Repairs and Installations
- Hydraulic Hoses and Fittings • All Types of Control Valves
- Lifting Slings, Endless & Conventional Chains, Lifting Tackles, Wire Ropes and Special Hooks
- Rental of Electronic Weighing, Remote Control Load Cells up to 25 Tonnes
- PTOs, Pumps and Fittings
- Crane Repair - Hydraulic Hammer Sales and Repair
- Pneumatic Jack Hammers & Jiggers
- Supply of Chisels for any type of Hammer

difast s.r.l. sollevamento oleodinamica DIFLEX
PAT
BPE Electronics
Demac
Atlas Copco
Rock Tools
PENTA HYDRAULIC POWER
Chicago Pneumatic
FABERCOM Electronics and hydraulics for mobile machines
PZB
YOKE Safety is our first priority

Vella Garage, Tal–Blata L-Gholja, Mosta MST 3880
Tel: 21 433 380 Mob: 99 492 362
Email: swaey@swaey.com Web: www.swaey.com


KEVIN VASSALLO
Ta' Fellusa
Specialising in
Small Machinery
99896598
Rock/Drum Cutting
& all types of excavations


VEXILLINA
• Printers
• Bookbinders
• Stationers
• Religious Articles
71, Victory Street,Rabat Malta
2145 2624
www.vexillina.com
Like us on
Facebook



QUICKSILVER®
OPEN
CABIN
QS455
€14199
4.55m
1.85m
HP MAX 60Hp
5
QS455 + COMFORT PACK + CANOPY + FUEL TANK + TRAILER + MERCURY 40Hp 4 Stroke EFI
QS505
€18999
5.15m
2.12m
HP MAX 90Hp
5
QS505 + COMFORT PACK + CANOPY + FUEL TANK + TRAILER + MERCURY 75Hp OPTIMAX
QS430
€12899
4.40m
2.11m
HP MAX 50Hp
4
QS430 Cruiser + CANOPY + FUEL TANK + TRAILER + MERCURY 30Hp 4 Stroke EFI
QS470
€16999
4.83m
2.37m
HP MAX 60Hp
5
QS470 Cruiser + CANOPY + FUEL TANK + TRAILER + MERCURY 50Hp 4 Stroke EFI
CRUISER QS805
LENGTH 7.88m
BEAM 2.55m
HP MAX POWER 400Hp
PERSONS 9
Complete with Electronics, Extras & Mercury OPTIMAX 250Hp
VAT PAID Ready for delivery
€59999
Mecca Marine
MECCA ENTERPRISES LTD
473, St. Paul's Street, St. Paul's Bay
T: 2157 3278 / 7973 2783
E: mecca@mecca.com.mt
www.mecca-marine.com
Powered by MERCURY

# Briju u allegrija


















Festa 2014


UNITED
BAR & RESTAURANT
79050283
21572512
www.united.com.mt


Vehicle
AIR-CONDITIONING
REPAIRS & SERVICING
CALL US ON
9944 3588
VZ Lines Ltd.
Garage 95 St George's Road
St Paul's Bay, SPB 3475
M: +356 99443588
VZ Lines Ltd.
Servicing and Repairs of Air-conditions


maltatransfer.com
Get on board
Hotel Transfers directly to the
doorstep of your accommodation
Airport
Shuttle
Hotel
€5
Prices starting from only €5
per person / each way
Tel: +356 21332016 • Mob: +356 79646481
E-mail: sales@maltatransfer.com • Web: www.maltatransfer.com


KopTaCo
Airport transfers
Point - Point transfers
School transport service
Day outings
Tours
Contact us on
79338667
21338667
info@koptaco.com


VZ Lines Ltd.
Coaches, Mini Buses & Chauffeur Driven Cars
Point - Point transfers, Airport transfers,
Tours, School transport service, Day outings
VZ Lines Ltd.
Garage 95 St George's Road
St Paul's Bay, SPB 3475
M: +356 99239663


Angel PROFESSIONAL
Free
COOLER BAG OR
MOBILE PHONE
WATER PROOF CASE
with every
ANGEL SUMMER
HAIR RELAX SUIT
with Argan Oil
Available from all
Leading Hair Salons
Angel PROFESSIONAL
Protect your hair and scalp
this summer with the best
products from Angel Haircare
extremes
TRADING
Trade Enquiries:
Extremes Trading, Triq it-Taghlim, Fgura - Tel: 2166 0795
E-mail: info@salonuser.com - Website: www.salonuser.com


Framegrip
METRA
REHAU
Framegrip Ltd. Mosta Road, Lija
BZN 09, Malta.
(+356) 21 419787 / 21 419788 / 21 434948
(+356) 21 419862
info@framegrip.com


Fida Feeds
A Guarantee of Nutrition & Well-Being
Horse, Pig, Sheep
Layers, Dog Food
& a wide range of
Rabbit feeds
LEONE
Indri Psaila street,Handaq, Qormi QRM 4000
Tel +356 21494694 Fax +356 21441799 Mobile +356 79797757
Email info@fidafeeds.com Web www.fidafeeds.com

JON WAYNE GARAGE

Spray Painting & Panel Beating




BIDNIJA

CONTACT: JONATHAN - 99016427
WAYNE - 99029543

WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!

MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND ALL RELATED ACCESSORIES

WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE



BIBAS

YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT BIBAS,
HOMPESCH ROAD, FGURA.
Tel: 2169 1269 E-mail: bibas@go.net.mt

5% DISCOUNT
ON PRESENTATION OF THIS ADVERT


CINI MARBLES
Factory 9, Handaq Road, Qormi
T: 2147 2714 | M: 9928 3131 | E: cinimarbles@yahoo.com
T: 2147 2714 | M: 9928 3131 | E: cinimarbles@yahoo.com
Showroom opening hours: 09:00 - 11:00 & 11:45 - 18:00
Cini Marbles is proud to be considered as one of Malta's most trusted and reliable supplier of: Marble, Quartz, Granite and Travertine.
Our products include staircases, facade, kitchen tops & bathrooms.
We specialise in kitchen tops, various different coulors of quartz in stock.
iTV
www.cinimarbles.com
You've got the vision we have the tools
Find us on Facebook
iTV
www.cinimarbles.com
You've got the vision we have the tools
Find us on Facebook




Music LINK

Importers • Wholesalers • Distributors

... the **link** between **music** and **musician**

*We stock all types of musical instruments, Pro-Audio Equipment, accessories and music books including ABRSM, LCM and Trinity Publications*

We are also agents for FERNANDES Guitars

**Have you always wished to learn the piano?**
**Is your child interested in learning piano but the thought of being an inconvenience to your neighbours puts you off?**
**Do you live in a small apartment and so space is an issue?**

## ROLAND DIGITAL PIANOS is your answer!



With same hammered piano touch feeling and less space taken, this makes Roland digital pianos unique and comfortable in your home. It gives you the advantage of studying any time you want, even during the night, by using the headphones!

**Benefits when purchasing a Roland Digital Piano:**
• Never needs tuning • No maintenance necessary • lighter to move
• Safe from humidity and temperature • total control of volume
**• Exceeds the specifications for digital pianos prescribed by UK Examination Boards** • 2 years guarantee on parts and labour

Roland Digital Piano Pianos are used at The Royal Academy of Music and The Royal College of Music.

**All models are now with IVORY FEEL TOUCH for the perfect piano playing!**

262, Fleur De Lys Road, Birkirkara | Tel: 2148 2796 | Fax: 2131 5022 | E-mail: info@nvgent.com

www.nvgent.com

# Il-Kunsillier **Clayton Gauci**



Jixtieq jawgura
l-festa t-tajba
lill-Imġarrin
kollha.



Kull min jixtieq jagħmel kuntatt ma' Clayton jista' jagħmel dan
fuq 9987 1185
jew claytongauci86@gmail.com




A NEW ADDRESS
FOR DESIGN & STYLE

MARBLE | GRANITE | TERRAZZO | COMPOSITE STONE | HARD STONE | QUARTZITE

**Showroom:** The Factory, Mosta Road, Lija LJA 9016 - Malta **Tel:** +356 21 433636 **Fax:** +356 21 412499 **E-mail:** info@halmannvella.com

Halmann VELLA®
www.halmannvella.com

CAVETT PLACE

*Premium Quality*

WE CATER FOR HENS, BACHELORS,
STAFF PARTIES, REUNIONS
AND OTHER OCCASIONS
79441327



**MENU**

APPETIZERS

FTIRA BIŻ-ŻEJT

PLATTER

(BIGILLA, SALAMI, FETA CHEESE, STUFFED OLIVES, QOFFA GALLETTI)

SPICY CHICKEN WINGS

LIVER IN GRAVY

**MAIN**

SUCKLING PIG €14

RIBEYE €17.50

SPARE RIBS €15

CHICKEN BREAST €12

PORK BELLY (STUFFED) €15.50

(GAMMON, SAUSAGE MEAT, PRUNA)

MALTESE RABBIT €10

2 PIECES OF PORK NECK €12

FRESH FISH €16

KING PRAWNS €16

ALL DISHES SERVED WITH POTATO WEDGES
MEDITERRANEAN ROASTED VEG & FRESH GREEN SALAD

**DESSERT**

ĦELWA TAT-TORK

BETTIEĦ

BIRTHDAY CAKES OR ANY OCCASION ON ORDER
(IT'S ON THE HOUSE)

Il-President
is-**Sur Giovanni Gatt**
jawgura kull suċċess
lill-Banda
**"Marija Mtellgħa s-Sema"**
u jwiegħed lill-Imġarrin
l-appoġġ
sħiħ tiegħu biex tissokta
tikber u tissaħħaħ.

Viva l-Banda
**"Marija Mtellgħa
s-Sema"**,
tal-Imġarr



# L-Onor. Dr Godfrey Farrugia jawgura l-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha

*"Il-festa hi manifestazzjoni ta' devozzjoni u ferħ li jferraħ."*



Tel Klinika: 9949 5486 / 2146 5359
Tel / SMS Kostitwenza: 7996 0808
Email: farrugiagodfrey@gmail.com



# Apprezzajt il-ħiliet li għandhom l-allievi u l-bandisti tal-banda lokali



**Paul Vella**
*Sindku*

Il-festa reġgħet magħna u għal darb'oħra erġajt ġejt mistieden biex nagħti messaġġ għall-ktieb li toħroġ il-Banda tagħna f'din l-okkażjoni speċjali.

Matul din is-sena li għaddiet, jien u sħabi l-kunsilliera bqajna noffru s-sapport tagħna lil din l-għaqda mużikali biex tkompli tagħmel il-ġid fil-komunità Mġarrija billi xxerred t-tagħlim tal-mużika. Kien ta' sodisfazzjon kbir għalija li attendejt għas-serata annwali tal-istess Banda 'Flimkien għall-Banda' u apprezzajt il-ħiliet li għandhom l-allievi u l-bandisti tal-Banda lokali. Meta tiftakar li din il-Banda għadha fil-bidu tagħha u tara li diġà qed ingawdu l-frott tagħha, tieħu pjaċir u tħoss sodisfazzjon għall-fatt li tkun qed tagħti kontribut bil-mod li tista'. Aħna bħala kunsill lesti li sakemm ikun possibbli nappoġġjaw din l-inizjattiva.

Waqt l-istess serata l-Banda ġiet ippreżentata wkoll b'kurunetta sabiħa. Din ġiet regalata minn grupp ta' emigranti Mġarrin fl-Awstralja. Dan il-fattur filwaqt li apprezzajtu ħafna kkonferma kemm din il-Banda qed issib għajnuna. Barra minn hekk f'kelmtejn li għamel is-Segretarju tal-Banda, waqt din l-attività, qal li għat-tieni sena konsekuttiva l-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" reġgħet ġiet mistiedna biex tagħmel żewġ servizzi barra mir-raħal. Dan filwaqt li jikkonferma li l-Banda tat servizz tajjeb is-sena l-oħra, juri wkoll li iktar ma jgħaddi ż-żmien il-banda qed iżżid fil-popolarità tagħha.

Din is-sena l-kunsill flimkien mal-għaqdiet lokali qed jaħdmu flimkien fi spirtu ta' kalma u għaqda. Dan żgur li hu mertu tal-Kappillan Dun Kalċ u tal-istess għaqdiet li qed ifittxu biss l-interessi tal-Imġarr u l-festa u mhux tagħhom individwali. Issa bit-twaqqif tal-Kummissjoni Festa kollox qed jiġi diskuss u miftiehem qabel u b'hekk ma nantiċipawx li jkollna sorpriżi li jżiedu t-tensjoni fl-aħħar jiem.

It-tagħlim tal-mużika hu element importanti u jkattar l-kultura fostna. L-ammont ta' allievi fi ħdan il-Banda tagħna dejjem qed jiżdied u dan hu ta' kuraġġ.

F'isem sħabi l-kunsilliera u l-istaff kollu tal-kunsill nawgura l-festa t-tajba.


**MĠARR IRONMONGERY**

Tel: 21574683 / Mob: 99449922



Patrick Azzopardi

Triq iż-Żebbiegħ, L-Imġarr






**DAVID VASSALLO** PERIT

KANDIDAT GĦALL-ELEZZJONI ĠENERALI

9943 6306

perit.davidvassallo@gmail.com

AutOmax

PANEL BEATING & SPRAY PAINTING

Gudja Industrial Estate,

Tarxien Road,

Gudja

**Tel: 2166 1149**

**Mob: 9947 2196**


Newwes Garage
Prop. Horace Spiteri
Make your most important day of your life a memorable day!
A wide range of
• Wedding Cars for Hire • Mini Bus Service • Taxi Service
Opening Hours: Monday - Saturday: 9.00am - 12:00 • 5.00pm - 8.00pm Sunday: 9.00am - 12.00 am
Triq Alfred Cachia Zammit, Żejtun • 5, Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar
Tel: (+356) 2169 3247 • 2169 4212/1 • Mob: (+356) 9949 8829 • E-mail: newwes1@go.net.mt


PARTIT NAZZJONALISTA
JOE CASSAR
Il-festa t-tajba
9995 5359
facebook.com/CassarJoe
joe.cassar@teampn.org


LJ GATT
FOR HIRE
MINI DUMPER
MINI CRANE
MINI CONCRETE MIXER
Lawrence
Mob: 9949 5753 - 9986 9976



# Niċċelebraw festa li tassew tagħmel ġieħ lil Ommna tas-Sema



**Christian Vella**
*Asst. Segretarju*

Il-festa hi l-isbaħ żmien tas-sena. Imma biex dan iż-żmien ikun sabiħ jeħtieġ preparamenti kbar. Li tkun involut f'kumitat li jagħti sehem sħiħ fl-organizzazzjoni tal-festa hu ta' unur għax aħna l-Imġarrin niċċelebraw festa li tassew tagħmel ġieħ lil Ommna tas-Sema.

Għalkemm raħal żgħir niċċelebraw festa sabiħa u mżejna b'kollox. Barra minn hekk għandna wkoll dik il-karatteristika tagħna l-Imġarrin. Festa ta' għaqda u bogħod minn kull pika. Hekk sabiħ għax tiċċelebra festa mingħajr tensjoni u mingħajr ebda għira anzi festa li tieħu gost tifraħ ma' ħutek u qrabatek.

Jien bħala żagħżugħ inħeġġeġ liż-żgħażagħ bħali biex ningħaqdu flimkien ħalli nieħdu pjaċir flimkien. Il-briju li nagħmlu jferraħ li kull min jiġi jarana u nieħdu pjaċir aħna ukoll. Għalhekk hu importanti li nattendu għall-marċi tal-banda għax il-briju hu element importanti fil-festi Maltin.

Nawgura minn qalbi festa sabiħa u festa ta' għaqda lil kulħadd.

Viva Santa Marija u Viva l-banda tal-Imġarrin.



# Il-Banda tieħu sehem b'mod attiv fil-festa tar-raħal tagħna

**Angela Muscat**
*Asst. Kaxxiera*

Għeżież ħuti Mġarrin, Huwa ta' pjaċir għalija li għal darb'oħra qed nindirizzakom bħala membru tal-Kumitat. Din hija r-raba' sena minn mindu kienet imwaqqfa l-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" u nista' ngħid li ż-żmien tassew igerbeb meta tkun għaddej b'ħidma kontinwa. Għan importanti u li għalih ħdimna kien li l-Banda tieħu sehem b'mod attiv fil-festa tar-raħal tagħna. Dan ma setax ikun possibbli mingħajr il-ħidma u l-parteċipazzjoni tal-allievi fi ħdan is-soċjetà. Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr kien ta' għajnuna kbira għalina fejn bi ħġaru laqa' fil-post lill-istess allievi sabiex ikomplu javvanzaw fl-istudju u fil-prattika tal-istrument. Riċentament ingħatajna l-permess għall-każin tal-banda u b'hekk ma jonqosx li l-ispejjeż ikomplu jiżdiedu. Minkejja dan ma għandniex qalbna maqtugħa għaliex nafu kemm l-Imġarrin kienu u għadhom ta' sostenn għal din is-soċjetà u ta' dan nirringrazzjakom. Issa li wasal ix-xahar ta' Awwissu, flimkien ma' sħabi tal-Kumitat, ninsab ħerqana għas-sehem tal-Banda fil-programm tal-festa tar-raħal. Hija sensazzjoni unika li l-Patruna tagħna Santa Marija tkun akkumpanjata min-noti mużikali ta' raħalna. Nawgura lill-Imġarrin kollha festa hienja u ta' għaqda.

Viva Santa Marija. Viva l-Banda tagħna.


JARDINLAND
AGRIPRODUCTS LTD
Ghajn Tuffieha Road, St Paul's Bay.
Tel: 21521559, 21570215.
E-mail: jardin@maltanet.net


VELLA WHOLESALERS
Groceries, Toiletries, Detergents and Petshop
'St.Michael', Sir Temi Zammit Str, Zebbiegh
Tel – 21 522 805 Mob – 99 837 837
whiskas
ROYAL CANIN
IAMS
Miglior cane
Eukanuba
Make a Good Dog Great


Tal-Majjistra
EAT HOUSE
Traditional Maltese Cuisine
Tal-Majjistra Eat House situated in Mgarr (Malta) offers a variety of the best Maltese dishes. Menus are based on a mixture of traditional Maltese cuisine blended with Mediterranean dishes.
A TASTE OF OUR MENU
Pork Belly
Marinated pork belly with cinnamon, coriander, cumin and cardamon slowly roasted served with apple and marsala.
Rabbit Stew
Maltese-bred rabbit stewed the traditional way.
Beef Olives
Thinly-sliced beef stuffed with minced meat, boiled eggs, carrots and bacon slowly braised.
Triq il-Kbira, Mġarr, Malta
info@tal-majjistra.com
+356 99448805
Bon Appetit



# Żmien hekk importanti għall-għaqda tagħna



**Maria Vella**
*P.R.O*

Għaddiet sena oħra, reġgħet waslet il-festa ta' Santa Marija. Festa li ġġib magħha bosta xogħol u ferħ. Festa li nkunu ilna nistennew sena sħiħa. Dan hu żmien importanti għalina għax minbarra li jiġu jżuruna ħutna l-emigranti, ningħaqdu lkoll flimkien raħal wieħed biex niċċelebraw festa xierqa lis-Sultana tal-Imġarr.

F'dan iż-żmien hekk importanti għall-għaqda tagħna nkunu fl-aqwa tal-preparamenti tal-festa l-iktar biex inħejju tajjeb għall-programm mużikali ta' lejlet il-festa. Din is-sena l-impenn hu ferm ikbar għax għall-festa flok programm wieħed se jkollna tlieta. Hekk se nagħmlu programm ta' mużika sagra fil-knisja, ieħor fuq il-pjanċier lejlet il-festa, u programm mużikali f'nhar il-festa. Jien inħeġġeġ lill-bandisti tagħna biex jattendu għall-kunċerti għax dawn huma ferm importanti biex kollox imur kif mixtieq.

Matul is-sena fejn ikun possibbli norganizzaw attività kull xahar. L-għan ikun biex niġbru fondi biżżejjed biex inlaħħqu mal-ispejjeż kbar li tirrikjedi l-banda u l-festa, u issa l-każin ukoll. Dawn l-attivitajiet jinvolvu ħafna xogħol, imma jekk il-kumitat jaħdem id f'id naraw il-frott wara. Inħeġġeġ lilkom Imġarrin biex tattendu għal dawn l-attivitajiet b'mod speċjali lill-ġenituri tal-allievi u bandisti. Il-preżenza tagħkom timliena bil-kuraġġ.

Kif forsi tafu fiż-żmien qarib ħa jibda l-proġett tal-każin. Dan jinvolvi spejjeż kbar imma dan ma jaqtagħlniex qalbna għax għandna fiduċja fikom u ċerti li se tappoġġjawna u tagħtuna donazzjonijiet xierqa.

Fl-aħħar nett nixtieq nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd u nixtieq kull suċċess lill-banda tagħna.

Viva Santa Marija.

Bid-donazzjoni tiegħek nimxu 'l quddiem

*Grazzi mill-qalb*

Il-Kumitat



# Santa Marija... Festa msebbħa bil-Banda



**Mons. Kalċidon Vassallo**
*Kappillan u Direttur Spiritwali*

Kont qiegħed imbierek. Dħalt għand familja.

"Għaddi Kappillan", qaltli l-mara, "hawn it-tfal jistudjaw!"

Wara ftit ġie t-tifel bl-*earphones* f'widnejh.

"Hekk tistudja?" għedtlu jien. Neħħa waħda mill-*earphones* u għamilli sinjal biex nerġa' ngħidlu.

"Hekk qed tistudja?" erġajt staqsejtu.

"Mingħajr naqra mużika ma nafx nistudja", qalli.

Ma nifhimhiex, għax ngħid għalija kont inkun irrid is-skiet biex nistudja naqra.

Il-Mużika: hawn min iħobb il-mużika għax jibża' mis-skiet,
hawn min iħobb il-mużika għax iħobb jiżfen,
hawn min ħobb il-mużika għax ma jafx jaħdem fis-skiet.

Il-mużika tal-banda ġeneralment nassoċjawha mal-marċi, allura hija mużika li tferraħ.

Min ivvinta l-marċi naħseb li qiegħed il-Ġenna, għax min jaf kemm ferraħ nies.

Sfortunatament, bħal kull ħaġa oħra tajba, anke l-banda u l-marċi jistgħu jintużaw għal skop ħażin. Mhux l-ewwel darba li waqt marċ, ikun mgħajjar xi każin tal-banda ieħor jew insulentat xi ħadd.

Din mhux ħaġa sewwa, anzi hija ħaġa kerha ħafna. Jiena kont f'parroċċi fejn, waqt xi marċ inqala' ġlied u ġieli weġġgħu n-nies.

Bħala Kumitat tal-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema", inħeġġiġkom iżżommu isem il-banda tagħna 'l fuq minn kull tebgħa ta' ħmieġ. Inkunu dejjem attenti biex ma jintużax kliem li jweġġa'. Nevitaw ix-xorb żejjed, għax meta nixorbu żżejjed, l-ilsien imorrulu l-brejkijiet.

Nuru li nħobbu l-Patruna tagħna l-Imġarrin, u l-Patruna tal-Banda, billi nifirħu mingħajr ma nweġġgħu lil ħadd, għax il-festa tagħna lkoll.

Minn qalbi nixtieq lill-familji kollha tal-parroċċa,

Festa sabiħa u ferrieħa.

CUTS, BLOW DRIES, COLOURS, LIGHTS, UP STYLES,
PERMS, STRAIGHTENINGS, HAIR TREATMENTS

**Blink** Unisex Hair Salon
By AnnMarie

3, Triq Kurat Chetcuti, Mġarr
Tel: 2158 4492 / 7909 3569




QLED™ 1.5W
Decorative Ball
Shape LED Lamps
FULLY WATERPROOF
- Consumes only 1.5W while producing the same illumination of a 15W incandescent lamp
- Average lifetime 30,000 hours
- Vivid Warm White, Cool White, Red, Blue, Yellow and Green colours
- Fully Waterproof
- Available in B22 (Bayonet) and E27 (Edison Screw) base cap
Available from all leading
Hardware Stores and Light Shops
Another product brought to you by:
Trade Enquiries: 7901 3878
QUALITY PRODUCTS
your light source


PINKISHLINE
25 years of dedication
Thank You
Pinkish Line is proud to support and will commit to keep contributing to the local voluntary organizations.
Roderick Cachia
Director
Pinkish Line House
Pietru Xuereb Street, G'Mangia - PTA1501
+356 99766212 / +356 27677212
info@pinkishline.com
www.pinkishline.com
www.facebook.com/Pinkishline


A CUT ABOVE THE REST!
We specialise in all kinds of young, tender beef cuts
& a wide range of marinated chicken & meat products
Also available daily fresh meat & poultry products at reduced prices. So its certainly worth the drive!
• Ideal for BBQ's and parties • Deliveries all over Malta
• FREE delivery or FREE pork liver with every €40.00
• You can order online on: www.snowwhite.com.mt
Snow White
QUALITY MEAT & POULTRY MARKET
Snow White Meat & Poultry Market,
Zebbiegh Road, Mgarr
(next door to Ta' Soldi Restaurant)
T: 21 575 346 M: 99 475 131
E: snowhite@maltanet.net
Opening hours: Mon to Fri: 7.30am - 6.30pm, Sat: 7.30am - 1.00pm


DESANA
GRANITE & MARBLE WORKS
www.desanamarbles.com
A Buskett Road, Dingli.
@ info@desanamarbles.com
M 99487776



# Ix-xogħol tal-Kumitat jibqa' għaddej matul is-sena kollha



**Sandro Muscat**
*Membru Kumitat Eżekuttiv u bandist tas-Soċjetà*

Għeżież ħbieb,

Iż-żmien reġa' wasal sabiex niċċelebraw il-festa tagħna tant għal qalbna. Għalkemm il-ġranet tal-festa jkunu ftit, ix-xogħol tal-Kumitat jibqa' għaddej matul is-sena kollha bil-għan illi ntejbu l-livell tal-festa u nagħtu pjaċir lill-pubbliku bil-prestazzjoni tal-Banda tal-Imġarr. Nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-bandisti tal-ħin u s-sagrifiċċji tagħhom sabiex dan ikun possibbli. Inħeġġeġ lil kulħadd biex tattendu għall-attivitajiet tal-Banda ħalli b'hekk tkunu qed tagħtu s-sapport neċessarju lill-bandisti tagħna.

Fl-aħħar nirringrazzja lil min jagħti kull tip ta' kontribuzzjoni lill-Banda tal-Imġarr. Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lil kullħadd u niftakru wkoll f'dawk li ma jistgħux jattendu għall-festa minħabba xi raġuni jew oħra.





# Ir-raħal jixraqlu li jkollu għaqda mużikali



**Ġorġ Debrincat**
*Membru Kumitat Eżekuttiv*

Għeziez ħuti Mġarrin,

Nibda billi nawgura kull suċċess lill-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" u nwiegħed lill-Imġarrin l-appoġġ sħiħ tiegħi biex din l-għaqda tkompli tikber u tissaħħaħ.

Napprezza li tagħtu l-għajnuna lil din il-banda għax ir-raħal jixraqlu li jkollu għaqda mużikali biex nagħtu ġieħ lill-Madonna.

Viva l-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr.

**Viva Santa Marija.**

It-tagħlim tal-mużika jkattar il-kultura
għalhekk ħajjar lil uliedek
jitgħallmu strument
mal-Banda Marija Mtellgħa s-sema
tal-Imġarr

MGARR
Pharmacy

Main Street c/w Vitale Street, L-Imġarr Malta
Email: pharmacymgarr@gmail.com

Contact Numbers: 21577784/79577784

Opening hours:
Monday: 08.00 – 19.00
Tuesday - Saturday: 08.00 - 13.00 ~ 16.00 - 19.00



# DINE WEST

Come and try our delicious food which is always cooked to order
using the best ingredients and fresh potatoes and vegetables. Choose from a selection of pasta, rabbit, duck, chicken, pork, charcoal grilled beef, home-made burgers, fish, etc… and for those pizza lovers amongst you, we offer a vast variety of pizzas made to your liking.

You can also choose from a selection of local and foreign wine from our cellar to accompany any meal.

*We don't serve fast food but we serve good food as fast as we can!*



30, Triq Fisher
Mgarr Malta
MGR 9053

**Opening Hrs:**
Wednesday – Monday
19:00 - 22:00

2015 Winner
tripadvisor
CERTIFICATE *of* EXCELLENCE

FREE WiFi

**Tel:** 21434014 - 99299980



# Numru sabiħ ta' studenti li qed jitgħallmu xi strument... bla ħlas



**Mro Tancred Grech**
**FLCM, B.A (Hons) Music, LLCM,PGCE**
***Surmast Direttur u Għalliem tal-Allievi***
***Sezzjoni tar-Ram u Perkussjoni***

Nagħtikom merħba,

Wasal Awwissu u dan iffisser li reġgħet waslet il-festa tant għażiża tagħna; il-festa ta' Marija Santissima Mtellgħa s-Sema.

Għaddiet sena oħra ta' ħidma sabiex intejbu l-għan ewlieni li ngħallmu u nkabbru l-kultura tal-mużika fl-Imġarr; dan qiegħed iseħħ u qed jiġi ppruvat ukoll. Għat-tieni sena erġajna tellajna s-serata 'Flimkien għall-Banda' fejn kull alliev jew bandist ikun jista' jagħti eżekuzzjoni ta' x'tgħallem matul is-sena, quddiem udjenza mdaqqsa. Din is-serata tant dehret li niżlet tajjeb li din is-sena kellna kemm numru sabiħ ta' allievi kif ukoll ta' bandisti li ħadu sehem. Dawn it-tip ta' *concerts* huma ta' motivazzjoni kemm għas-Soċjetà, għax tkun qed turi b'mod reali x'livell ta' servizz qed toffri, kif ukoll għall-istudent li tippreparah sabiex ikun jista' jaffaċċja mentalment udjenza. Huwa żgur li aħna l-għalliema ta' din is-Soċjetà, flimkien mal-Kumitat, se naħdmu flimkien, u għandna pjanijiet oħra sabiex serati bħal dawn ikomplu jsiru.

Nixtieq inħeġġeġ lil dawk kollha, kemm żgħar kif ukoll kbar, li jixtiequ jibdew jitgħallmu xi strument biex ma jaqtgħux qalbhom. Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema toffri dan is-servizz b'xejn! Għandna numru sabiħ ta' studenti li qed jitgħallmu l-mużika magħna, kemm żgħar u kif ukoll kbar. Illum il-ġurnata daħal ħafna l-kunċett tal-*lifelong learning* fejn m'hemmx età ta' kemm għandek tibqa' jew tibda tistudja. Fis-Soċjetà għandna numru sabiħ t'allievi li mhumiex żgħar fl-età u xorta waħda tħajru jibdew jistudjaw il-mużika.

Bħalissa qed naħdmu fuq proġett sabiex nibdew noffru tagħlim ta' teorija fuq livell akkademiku fis-Soċjetà tagħna. Dan wara li numru ta' studenti wrew ix-xewqa li jkomplu jtejbu l-livell tagħhom kif ukoll jagħmlu l-eżamijiet.

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja minn qalbi lil dawk kollha li b'xi mod jgħinu sabiex din is-Soċjetà tkompli tikber. Grazzi b'mod speċjali lis-Segretarju Joseph Caruana u lill-Kumitat kollu għall-għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem sibt mingħandhom. Nirringrazzja wkoll lill-Assistent tiegħi s-Surmast Neville Pace u nirringrazzjah tal-koperazzjoni li sibt mingħandu matul din is-sena.

Nixtieq nawgura lill-poplu Mġarri kollu l-festa t-tajba u jalla jkollna festa sabiħa kif tixraq li jkollha Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema!

*Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema toffri dan is-servizz b'xejn!*



# Qed naraw interess kbir



**Mro Neville Pace**
**FLCM,A.Mus.LCM,LLCM,ALCM**
***Assistent Surmast u Għalliem tal-Allievi***
***Sezzjoni Strumenti tal-Qasba***

Hekk kif jibda joqrob Awwissu nibdew nistennew bi ħġarna l-festa ta' Santa Marija li hija ferm għall-qalb l-Imġarrin kollha u ta' dawk l-irħula li jiċċelebraw din il-festa. Madwar sena u nofs ilu jien ġejt magħżul mill-Kumitat u s-Surmast bħala Assistent Surmast u Għalliem tal-qasba ma' din il-Banda. Jiena llum inħossni kuntent ħafna ma' din il-Banda u se nibqa' nerfa' r-responsabilità kollha biex b'hekk il-Banda tagħna tkompli tikber u tissaħħaħ.

Matul is-snin qed norganizzaw attivitajiet għall-allievi fis-sala tal-Kunsill Lokali biex b' hekk l-allievi jkollhom l-opportunità li jdoqqu biċċa mużika, li jkunu studjaw huma stess, quddiem l-udjenza u l-familjari tagħhom stess. Dan qegħdin nagħmluh biex b'hekk l-allievi tagħna jkomplu jġibu aktar esperjenza fl-istudji mużikali tagħhom. Jiena flimkien mas-Surmast qed nagħmlu ħilitna kollha, u kif suppost, biex b'hekk inkomplu nsaħħu l-livell mużikali biex il-Banda tagħna tkompli tikber kif dejjem għamlet fis-snin ta' qabel.

Bħalissa għandna numru sostanzjali ta' allievi u għall-grazzja t'Alla qed naraw interess kbir f'dak li huwa tagħlim. kemm prattika kif ukoll solveġġ. Jalla li jibqa' jkollna aktar allievi ta' din il-kwalità biex dejjem ikollna livell tajjeb ħafna u nkunu nistgħu nkabbru l-banda. Nixtieq inħeġġeġ iktar ġenituri biex jibagħtu lil uliedhom jitgħallmu strument li jixtiequ huma mal-Banda tagħna.

Min-naħa tiegħi nixtieq ngħidilkom il-festa t-tajba, lilkom u lill-familji tagħkom kollha.

Grazzi

**MECHANICAL WORKS & SPARES**

***JOE ABELA***





**MARINA GARAGE**
**Barbara Street, Mgarr**
**MGR 1330, Malta**
**Tel/Fax: 21574662**



# Konna ta' kontribut għas-Soċjetà



**Odette Muscat**
*President – Sezzjoni Nisa*

Matul din is-sena, is-Sezzjoni Nisa ħadmet ħafna u stinkajna ħafna biex nagħmludiversi attivitajiet kemm għat-tfal u anke għan-nisa Mġarrin. B'wiċċi minn quddiem nixtieq ngħid li dawn l-attivitajiet kienu ta' suċċess kbir għal din il-fergħa.

Fost l-attivitajiet li organizzajna għamilna *Halloween Party, party* tal-Milied u ieħor tal-Karnival għat-tfal, fejn irċevejna kummenti pożittivi kemm mingħand it-tfal kif ukoll mill-ġenituri.

Għamilna diversi *Coffee Mornings g*ħan-nisa u organizzajnielhom ħarġa sal-Monti tal-Birgu u *late Breakfast* f'lukanda magħrufa fil-Mellieħa għal Jum l-Omm. Il-kummenti li għaddewlna wara dawn l-attivitajiet jimlewna b'kuraġġ kbir u jgħinuna biex nibqgħu nħarsu 'l quddiem b'entużjażmu u ottimiżmu.

Bil-fondi li daħħalna matul diversi attivitajiet li organizzajna konna ta' kontribut għas-Soċjetà billi xtrajna 50 siġġu u xi mwejjed biex inkunu nistgħu nużawhom għall-attivitajiet futuri, kemm tas-Sezzjoni tagħna kif ukoll tal-Kumitat Eżekuttiv.

Nirringrazzjaw ħafna lil dawk il-ħwienet kollha li tawna rigali sbieħ biex inkunu nistgħu nużawhom bħala *raffles* għal waqt l-attivitajiet li norganizzaw. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil dawk l-ommijiet li jibagħtu lit-tfal għall-attivitajiet lil norganizzawlhom u kif ukoll dawk in-nisa kollha li jattendu għall-attivitajiet organizzati għalihom. Meta naraw dan l-appoġġ u l-fiduċja fina tgħinuna biex nissaħħu iktar u tagħmlulna kuraġġ biex nibqgħu ngħinu lis-Soċjetà tagħna.

Inħeġġu lil dawk in-nisa li jixtiequ jingħaqdu magħna biex ikunu parti minn din l-għaqda sabiħa, jikkuntattjaw lil xi ħadd mill-membri ta' din is Sezzjoni.

Grazzi kbira tingħata lil sħabi, il-membri tal-Kumitat Sezzjoni Nisa għall-fiduċja u l-lealtà tagħkom lejja personali u għall-ħidma kontinwa tagħkom għas-Soċjetà.

Fl-aħħar, imma ċertament mhux l-inqas, grazzi mill-qalb tmur lejn il-Kumitat Eżekuttiv għall-appoġġ u l-għajnuna li dejjem insibu mingħandhom.

Nawgura l-isbaħ xewqat lill-Imġarrin kollha, biex flimkien niċċelebraw festa kbira u sabiħa kif tixraq lill-patruna tagħna Santa Marija.

Jekk int tixtieq tissieħeb
mas-**Sezzjoni Nisa**
kkuntattja lil xi membru tal-kumitat.



# Ħidma bla waqfien



**Avv. Noel Camilleri**
*President Għaqda Każini tal-Banda*

Ħafna jaħsbu li l-ħidma tal-għaqdiet u soċjetajiet mużikali hija limitata biss għall-festi tagħna. Imma ninsew illi l-impenn ta' dawn is-soċjetajiet huwa mifrux matul is-sena kollha biex kif dejjem għamlu jibqgħu jservu bħala punt ta' referenza għall-ħajja fil-belt u r-raħal fejn huma mwaqqfa.

Din il-ħidma bla waqfien hija frott tax-xogħol volontarju li jsir minn ħafna nies matul is-sena kollha. Madanakollu hija realtà wkoll li l-element żagħżugħ ma jkunx daqstant b'saħħtu daqs kemm ikun fil-ġimgħat qrib il-festa partikolari li dik is-soċjetà u għaqda tiċċelebra flimkien mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi u ċivili.

Huwa proprju dan l-impenn żagħżugħ li kull għaqda jew soċjetà għandha tħeġġeġ u ssaħħaħ biex t-tradizzjonijiet tant sbieħ li għandna f'pajjiżna nkomplu nħarsuhom u nkabbruhom mingħajr eċċessi. Dan għandu jkun wieħed mit-tragwardi ewlenin ta' kull għaqda u soċjetà biex hekk dak li sar b'ħafna sagrifiċċju minn dawk ta' qabilna ma jintilifx. Madanakollu, għandna nkunu serji u dixxiplinati fit-twettiq ta' dan it-tragward għaliex ma rridux nippermettu ċerti elementi, li fil-verità ma għandhom ebda konnessjoni mas-soċjetajiet u għaqdiet, jirrovinaw il-ħajja taż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin. Irridu nkunu aħna li nuru x'għandha tkun it-triq li hija ta' ġid għaż-żgħażagħ tagħna.

Huwa ta' sodisfazzjon li soċjetajiet u għaqdiet mużikali għadhom iżommu bħala l-pern tal-attivitajiet tagħhom il-banda u t-tagħlim mużikali. Dan huwa l-għan aħħari ta' kull għaqda bandistika, liema għan għandu jkompli jitwettaq u jissaħħaħ anke b'kollaborazzjoni aktar wiesgħa bejn l-għaqdiet mużikali. Mingħajr dan l-isforz ġenwin jista' jfisser aktar ostakoli għall-eżistenza tal-baned tagħna. Imma rridu wkoll nagħrfu li nagħtu element innovattiv lit-tagħlim serju u d-daqq tal-mużika, biex it-tradizzjonijiet ma jispiċċawx imma nkunu nistgħu nagħtuhom libsa aktar attraenti għal udjenza akbar. Madanakollu rridu nkunu aħna bħala soċjetajiet u għaqdiet mużikali li niddeċiedu fejn nixtiequ mmorru, mhux inħallu biex jagħmel dan lil min ma għandux verament għal qalbu l-ħidma hekk sabiħa u sfieqa tal-għaqdiet u soċjetajiet mużikali Maltin.

Huwa ta' sodisfazzjon tal-Għaqda li qegħdin naraw aktar sens ta' dixxiplina, kontabilità u integrità fit-tmexxija u l-organizzazzjoni tal-attivitajiet li jsiru mill-għaqdiet u soċjetajiet mużikali. Dan ifisser li hemm il-kapaċità, imma aktar minn hekk, hemm ir-rieda li ma nippermettu lil ħadd li jħammeġ l-isem u t-tradizzjonijiet tal-għaqdiet u soċjetajiet mużikali. Irridu wkoll inkomplu naġġornaw irwieħna imma fl-istess waqt inħarsu dak li lilna wellidna – li nkabbru t-tagħlim tal-mużika u ħidma favur il-kommunità – b'mod volontarju.

Għalhekk filwaqt li f'isem l-Għaqda Każini tal-Banda nawgura l-festa t-tajba, inħeġġeġ li din tiġi ċċelebrata b'moderazzjoni u mingħajr esaġerazzjoni imma fuq kollox tkun festa li l-element reliġjuż jibqa' dejjem iċ-ċentru tagħha, u li din tkun iċċelebrata b'maturità u dixxiplina mingħajr ma jintesew l-element kulturali u tradizzjonali li huma wkoll fundamentali għaċ-ċelebrazzjoni tal-festi Maltin u Għawdxin.



# L-Għaqda tagħna kellha diversi bidliet u rwoli ġodda

**Messaġġ mill-Għaqda Patrimonju u Festa Mġarr**

Reġa' wasal iż-żmien il-festa, żmien tant mistenni mill-poplu Mġarri fejn fih niċċelebraw il-festa ta' Santa Marija. Matul din is-sena l-Għaqda tagħna kompliet bix-xogħol tagħha sabiex nibqgħu dejjem nagħmlu festa kif tixraq lill-Patruna tagħna.

Din is-sena l-Għaqda tagħna kellha diversi bidliet u rwoli ġodda, fejn issa qegħdin iktar niffukaw il-ħsibijiet tagħna fejn għandhom x'jaqsmu mal-armar tal-festa. Bħalma tafu u rajtu fil-festa li għaddiet aħna qegħdin naħdmu sabiex ikollna pjazza mżejna kif jixraq. Is-sena l-oħra sar ħafna xogħol, u rajna t-tmien pedestalli tal-anġli rħamati u armati fuq iz-zuntier. Wieħed seta' jara wkoll replika ta' waħda mit-tmien siġar li fil-futur iridu jiġu armati fuq iz-zuntier, bejn l-anġli.

Għal dan ix-xogħol nixtiequ nirringrazzjaw lin-numru ta' helpers li ta' kull sena jibqgħu attivi u dejjem jgħinu biex dan jista' jkun possibbli. Nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lil dawk il-benefatturi kollha li ta' kull sena jgħinu bid-donazzjonijiet tagħhom.

Finalment nixtiequ nirringrazzjaw lil kull min jgħin fil-festa u lill-għaqdiet kollha involuti sabiex ta' kull sena nibqgħu ntellgħu festa kif tixraq lill-Patruna tagħna Santa Marija. Fl-aħħar nett f'isem il-kordinatur, il-Kappillan u l-membri kollha tal-kumitat nixtiequ nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Santa Marija!

Find us on Facebook

Ingħaqad magħna fuq facebook

https://www.facebook.com/bandamgarr.malta
https://www.facebook.com/pages/Soċjetà-Filarmonika-Marija-Mtellgħa-s-Sema-L-Imġarr-AD-2011/224433234354317



# Awwissu huwa l-isbaħ xahar għalina l-Imġarrin

**Anna Ebejer**
*Asst. Segretarja - Soċjetà Spettaklu Marija Assunta Mġarr*

Għeżież Imġarrin,

Nixtieq nibda billi nifraħ lill-Monsinjur Kappillan Kalċidon Vassallo, li reġa' ġie fostna, u aħna l-Imġarrin ilqajnieh b'idejna miftuħa. Nawgurawlu saħħa fil-ħidma tiegħu fl-għalqa ġdida li l-Mulej fdalu.

Awwissu huwa l-isbaħ xahar għalina l-Imġarrin għax tkun reġgħet waslet il-festa tagħna ta' Santa Marija. Meta konna żgħar konna nistennewha għax konna nżanżnu libsa ġdida u nieklu xi *hotdog* u ġelat, wara li nkunu morna għall-purċissjoni wara l-vara.

Issa li kbirna u qegħdin involuti f' xi għaqda jew oħra, il-festa tfisser aktar xogħol u preparamenti minn ħafna qabel biex ikollna festa sabiħa, li tixraq lir-raħal sabiħ tagħna. Biex ikollok festa sabiħa jrid ikun hemm erba' elementi essenzjali: funzjonijiet interni u esterni tal-knisja organizzati tajjeb, armar u tiżjin, kor u banda u fl-aħħar u mhux l-inqas l-ispettaklu ta' nar.

Jien ilni sentejn fil-kumitat Soċjetà Spettaklu Marija Assunta, però ilni ngħin minn meta twaqqfet is-Soċjetà fl-2010. Kull sena norganizzaw attivitajiet diversi, l-iktar ikliet biex niġbru fondi għall-ispejjeż tan-nar. Din is-sena ridna nistinkaw aktar għaliex Leli Vella u l-voluntiera tiegħu ma setgħux jaħdmulna n-nar tal-ajru għar-raħal tagħna għal raġunijiet personali. Għaldaqstant kienet sena kemxejn aktar impenjattiva mis-soltu bħala kumitat għaliex kellna nfittxu kmamar minn barra r-raħal biex jagħtuna s-servizz tagħhom u għalhekk ridna niġbru aktar flus. Għaliex tajjeb ngħidu li Leli bl-għajnuna tal-voluntiera tiegħu kien jagħtina prezz speċjali. Minn hawnhekk nixtieq nappella għall-għajnuna tagħkom l-Imġarrin, biex ikollna spettaklu ta' nar sabiħ bħal dejjem. Irrid nirringrazzja lil kull min jiġi bi ħġaru għall-ikliet li norganizzaw, lill-voluntiera tal-għajnuna tagħhom u l-i*sponsors* kollha li jgħinuna matul is-sena .





F'isem il-President nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat u l-familji għad-dedikazzjoni tagħhom. Nawguraw il-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha u lil dawk kollha li jiġu jżuruna. Jalla jkollna festa mill-isbaħ magħqudin flimkien, taħt il-Patroċinju ta' Sidtna Marija Mtellgħa s-Sema u ta' Binha Ġesù, li tant inħobbu.



# Flimkien għall-Banda 2015

**Kitba ta' Joseph Caruana**

Is-serata "Flimkien għall-Banda" issa saret avveniment annwali li torganizza s-Soċjetà tagħna. L-għan ewlieni ta' din l-attività qiegħed spjegat tajjeb fl-isem li ġġib din l-istess serata. Flimkien għall-Banda - jiġifieri lkoll flimkien magħqudin naħdmu għall-ġid tal-Għaqda Mużikali tagħna. Din is-serata primarjament tagħti opportunità lill-bandisti u l-allievi tagħna biex jesponu, dak li tgħallmu u li jkunu qed jitgħallmu, quddiem udjenza u fl-istess waqt jinġabru fondi biex it-tagħlim tal-arti mużikali jibqa' jiġi offrut bla ħlas għal kulħadd.

L-ispejjeż li tirrikkjedi għaqda mużikali huma kbar u biex tlaħħaq mal-isfidi tal-lum il-ġurnata dawn iktar qed jiżdiedu, u ħafna drabi dawn ikunu ta' piż għall-għaqdiet bħal tagħna. Aħna issa li se nibdew il-proġett tal-każin żgur mhux forsi li se nħossuhom iktar. Minkejja dan kollu xorta beħsiebna nibqgħu ngħallmu l-banda bla ħlas għal kulħadd għax nemmnu li dan hu l-futur tas-Soċjetà żagħżugħa tagħna.

Kif diġà għidt is-serata "Flimkien għall-Banda" saret avveniment annwali importanti tal-Banda tagħna. Din is-sena din l-attività ġiet mtella' l-Ġimgħa 5 ta' Ġunju fil-bini tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr. Ma nistax ma nirringrazzjax lis-Sindku u lill-kunsilliera tal-koperazzjoni li nsibu mingħandhom, kemm matul is-sena kif ukoll għal din l-attività. Għal darb'oħra l-Banif Bank reġgħu kienu l-i*sponsors* uffiċjali ta' din is-serata. Music Link tawna wkoll xi rigali għal waqt l-attività. Mingħajr l-għajnuna tagħhom id-dħul li kien fadal minn din l-attività żgur kien ikun ferm inqas.

Waqt is-serata "Flimkien għall-Banda" ħadu sehem il-biċċa l-kbira tal-allievi u l-bandisti tagħna, naturalment dawk li diġà bdew jipprattikaw bl-istrument. Huma daqqew siltiet individwali li kien ilhom jippreparaw mal-għalliem tagħhom għal xhur sħaħ. Għal xi wħud kienet l-ewwel esperjenza li daqqew bħala solisti quddiem udjenza numeruża li mlietna b'kuraġġ kbir. Il-parteċipanti ħadu pjaċir waqt din l-attività għax ħassewhom komdi quddiem dawk preżenti u fl-istess waqt raw li l-isforz tagħhom qed jiġi apprezzat.

Din is-serata kienet maqsuma f'żewġ partijiet. L-ewwel parti tikkonċentra fuq il-mużika. Din il-parti ssir fis-sala tal-Kunsill Lokali. Wara d-daqq imbagħad fuq il-bejt tal-Kunsill Lokali kilna xi ħaġa flimkien. F'nofs l-ewwel parti ntwera *feature* dwar is-servizzi mużikali li għamlet il-Banda tagħna matul iż-żmien li ilha mwaqqfa. Dan il-*feature* kellu muntaġġ tal-bandist tal-post Nicholas Apap Bologna. Jiena ppreżentajt is-serata.

Wara li smajna s-siltiet ippreparati mill-allievi u l-bandisti tagħna l-President tas-soċjetà, is-Sur Giovanni Gatt għamel diskors tal-okkażjoni. Imbagħad saru xi preżentazzjonijiet. Fost il-preżentazzjonijiet li saru ngħata ċertifikat lil dawk il-bandisti li ngħaqdu mal-Banda tagħna fis-sena 2014. Ingħatat ukoll tifkira lill-parteċipanti kollha li ħadu sehem fis-serata "Flimkien għall-Banda". Imbagħad il-Banda ġiet ppreżentata b'kurunetta sabiħa.

Din ġentilment ġiet irregalata minn ħutna emigranti Mġarrin fl-Awstralja, Salvu Gatt, Joe Said u John Vassallo flimkien man-nisa tagħhom. Din l-għotja ġiet ferm apprezzata mill-Għaqda tagħna u tagħtina kuraġġ kbir biex inkomplu nħarsu 'l quddiem b'ottimiżmu.



*John Vassallo*

Din l-attività ġiet mtellgħa mill-Kummisjoni Banda flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv u s-Sezzjoni Nisa li ħdimna id f'id flimkien biex kollox imur kif mixtieq. Kull min attenda ankè l-parteċipanti taw donazzjoni lill-Banda biex b'hekk, kif diġà għedt iktar 'il fuq, jinġabru fondi biex it-tagħlim tal-banda jkun jista' jibqa' jingħata bla ħlas.

Fl-aħħar ma' dawk kollha li diġà rringrazzjajt nixtieq nirringrazzja lis-Surmast Direttur tagħna Mro Tancred Grech u lill-Assistent Surmast Mro Neville Pace tal-paċenzja li ħadu biex ippreparaw lill-allievi u l-bandisti tagħna għal din is-serata annwali, li saret avveniment importanrti ħafna għas-Soċjetà mużikali tagħna.



*Salvu Gatt u Joe Said f'isimhom u f'isem John Vassallo u l-familji jippreżentaw kurunetta lis-soċjetà*




**Modern Butcher**

**for fresh / frozen meat**
**& marinated products**

**Kurat Chetcuti Street, Imġarr Tel: 21577490 Mob: 79577490**


Flimkien ghall-Banda
5 ta' Ġunju, 2015

























# Bejn Festa u oħra

Kitba ta' Joseph Caruana

Għaddiet sena oħra u reġgħet waslet il-festa tant għall-qalb il-Maltin dik dedikata lil Santa Marija Sultana tas-sema. Ta' kull sena f'din il-pubblikazzjoni li s-Soċjetà tagħna tippubblika għall-din l-okkażjoni hekk għażiża, jien nieħu ħsieb nikteb dan l-artiklu biex filwaqt li neħodkom lura mat-tnax-il xahar li jkunu għaddew, infakkarkom ftit f'dak li jkun seħħ. Kienet sena ta' impenn u ħidma kontinwa li laqqgħetna ma' diversi aspetti differenti, iżda fl-aħħar mill-aħħar kienet sena pjuttost pożittiva u ta' kuraġġ għall-għaqda mużikali tagħna.

F'dawn il-versi ppruvajt nsemmi kulma kien ta' importanza fl-istorja tal-għaqda tagħna biex ta' warajna jkollhom referenza ta' dak li għaddejna minnu aħna llum. Matul dan il-perjodu li se nittratta, jiġifieri mill-festa 2014 sal-festa li ġejja, il-ħidma kienet vasta ħafna u biex twettqu l-proġetti kollha kien hemm bżonn li jiġu organizzatti diversi attivitajiet soċjali biex inkunu nistgħu nagħmlu tajjeb għall-ispejjeż li nqalgħu.

It-tagħlim tal-mużika u l-banda baqgħu fuq nett tal-pjanijiet tagħna u kif se taraw f'dan il-ktieb, użajna ħafna mir-riżorsi li kellna biex dan il-qasam jieħu prijorità u jingħata l-importanza li tixraqlu.

Propju jumejn wara l-festa, l-għada tax-xalata għamilna l-ewwel attività. Din kienet ġita għall-Sqallija. Grupp sabiħ ta' Mġarrin, fosthom ukoll diversi emigranti li ġew jgawdu l-festa magħna, attendew għal din il-ġurnata ta' divertiment fi Sqallija fejn wara li qattajna ftit ħin *shopping* mill-monti ta' Katanja, morna sal-ġawhra ta' Sqallija -Taormina. Wara li dorna fit-toroq ta' dan il-ġojjell morna Acireale. Kienet ġurnata mqassma tajjeb ħafna u kulħadd ħa pjaċir. Mhux għax magħna imma kull min jiġi Sqallija mal-banda tal-Imġarr dejjem jgħid li jieħu ħafna pjaċir u huma bosta dawk li jiġu magħna kull meta norganizzaw ġiti bħal din.

Ftit jiem wara l-festa, grupp ta' żgħażagħ Imġarrin kienu ffurmaw kummisjoni fi ħdan l-għaqda tagħna. Kien jidher li kellhom entużjażmu u ħeġġa tant li fit-28 ta'Settembru, 2014 organizzaw Car Wash b'risq il-banda. Kienet attività li meta tqis li kienet l-ewwel waħda minn din il-fergħa tista' tgħid li għamlet suċċess.Wara din l-attività kien hemm tentattiv biex jorganizzaw attivitajiet oħra iżda



*Waqt l-ewwel laqgħa tas-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Istilla*






*Il-car wash b'risq il-banda*

minħabba raġuni jew oħra ma sarux. Mhux talli hekk tant li din il-kummisjoni ma baqgħetx tiltaqa' u minħabba diversi impenji li kellhom il-membri ta' din il-kummissjoni, dan il-grupp sfaxxa fix-xejn. Ħasra għax veru kont nemmen li se jkunu ta' għajnuna kbira, imma m'hemmx x'tagħmel forsi issa l-entużjażmu li ġġib il-festa jerġa' jgħaqqadhom u din id-darba jkollhom sisien iktar sodi u jibqgħu mexjin 'il quddiem. Naħseb din kienet l-unika disfatta li kellna matul din is-sena iżda li xorta kien ta' min issemmiha għax l-istorja ma tistax tibdilha. Minn hawn nirringrazzja lil dawn iż-żgħażagħ li ppruvaw din l-inizjattiva u għad li ma komplewx din id-darba forsi tkun darb'oħra. Kuraġġ!



*Waqt il-party tal-Milied għat-tfal 2014*



*Il-grupp li attenda għall-ħarġa sal-monti tal-Birgu organizzata mis-Sezzjoni Nisa*

Jekk il-Kummisjoni Żgħażagħ ma kinitx suċċess, il-kuntrarju jkolli ngħid għall-dik tan-Nisa. Għalkemm din is-sena kienet iffurmata minn numru iżgħar minn tas-sena l-oħra, nammetti li fl-ewwel xhur ta' wara l-festa 2014 kienu l-unika fergħa fi ħdan l-Għaqda tagħna li dawret ir-rota u li baqgħet taħdem u tistinka. Organizzaw attività wara l-oħra, Coffee Mornings, parties, ħarġiet u ikliet. Fil-fatt matul din is-sena, is-Sezzjoni Nisa mmexxija mill-President Odette Muscat bl-għajnuna tas-Segretarja Marbeck Muscat, l-Kaxxiera Maria Vella u Joyce Gauci, organizzat sensiela ta' attivitajiet soċjali li permezz tagħhom ġabru ammont sostanzjali ta' fondi li bihom għenu lis-Soċjetà tagħna. Minbarra d-diversi Coffee



















Mornings li organizzaw, għamlu 3 *parties* għat-tfal. Dawn kienu fil-31 ta' Ottubru, 2014 meta għamlu Halloween Party, fis-27 ta' Diċembru, 2014 għamlu *party* tal-Milied u fil-Karnival organizzaw *party* fl-14 ta' Frar 2015.




Nhar it-Tlieta 25 ta'Novembru 2014, organizzaw ħarġa għall-monti tal-Birgu. Grupp sabiħ ta' Imġarrin ngħaqad magħhom u attendew għal din il-ħarġa. Fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm ħasbu biex jorganizzaw *late breakfast* fil-Pergola Hotel, il-Mellieħa. Din kienet fis-6 ta' Mejju, 2015. Minbarra dawn l-attivitajiet li organizzaw din is-sezzjoni kienet ta' għajnuna kbira fl-attivitajiet kollha li organizza l-Kumitat Eżekuttiv li iktar ma jgħaddi iż-żmien bil-għajnuna t'Alla dejjem iktar qed iżiedu fl-attendenza.

Il-Kumitat Eżekuttiv organizza diversi attivitajiet ukoll. Fi żmien il-Milied għamilna l-Christmas Buffet fil-Maritim Hotel il-Mellieħa. Din kienet nhar is-Sibt 6 ta' Diċembru, 2014. Imbagħad fis-sena kalendarja li qegħdin bħalissa ssoktajna b'diversi attivitajiet oħra. Dawn kienu Buffet Pasta Night għand il-Barri Restaurant fit-30 ta'Janna, ikla



*Uħud minn dawk li attendew għall-Buffet Pasta li għamilna fil-Barri Bar & Restaurant*



*Parti minn dawk preżenti għall-Buffet Pasta fl-Oratorju*



*Buffet Pasta Night fl-Oratorju, 25 ta' Mejju, 2015*



*L-għannejja li ġew jallegrawna waqt il-BBQ*




s-Sunny Bar & Restaurant fit-13 ta' Marzu, oħra għand il-Bennej Restaurant fis-17 t'April, Buffet Pasta Night fl-Oratorju Qalb Bla Tebgħa ta' Marija fil-25 ta' Mejju, 2015 u BBQ grandjuż fejn is-salib ta' taħt il-knisja nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju. Waqt dawn l-attivitajiet ġew imżanżna sett imwejjed li nħadmu mis-Sur Emanuel Muscat u sett siġġijiet li tħallsu mis-Sezzjoni



*Ikel preparat għall-BBQ tat-3 ta' Lulju, 2015*





*Parti min-nies li attendew għall-BBQ*

*Il-BBQ ta' fejn is-Salib*

Nisa. Minbarra dawn wara s-suċċess li ksibna fil-ġita lejn Sqallija fis-26 t'Awwissu erġajna għamilna oħra fis-27 ta' Ġunju, 2015. Din id-darba erġajna morna sal-monti ta' Sqallija, wara morna għall-ikla tipika Sqallija f'Villa Angelo Musco. Wara l-ikla morna sal-Etna fejn tpaxxejna bl-arja friska li kien hemm f'dak iż-żmien sħun tas-sena. Imbagħad morna sa Acireale u fl-aħħar nett

















*Dawk li ġew magħna għall-ġita ta' Sqallija fis-27 ta' Ġunju, 2015.*

Pozzallo fejn xtrajna l-kannolli tal-irkotta u l-famuża pizza li tant jafu jagħmlu l-Isqallin.

Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Mejju, 2015, organizzajna rużarju fil-knisja u wara quddiesa.






*Il-Knisja ta' San Pietru u San Pawl f'Aċireale Sqallija*

Naturalment dawn ma kinux l-uniċi attivitajiet li għamilna għax l-banda kellha diversi servizzi mużikali din is-sena, imma biex ma nħallatx kollox dawn se nitkellem dwarhom separatament iktar 'il quddiem f'dan it-tagħrif li qed ngħaddilkom.



*Il-Kumitat Eżekuttiv waqt laqgħa li kellu mal-Kappillan Kalċidon Vassallo*

Data importanti fl-istorja tal-għaqda tagħna hi dik tas-6 ta' Frar, 2015. Dakinhar il-Kumitat Eżekuttiv kellu laqgħa sabiħa ħafna mal-Kappillan tal-parroċċa tagħna Mons. Kalċidon Vassallo. Waqt din il-laqgħa l-kumitat stieden lill-Kappillan biex ikun id-direttur spiritwali tas-soċjetà u fl-istess waqt offrielu li dakinhar tal-pussess tiegħu l-banda takkumpanjah b'daqq ta' marċi brijużi. Dun Kalċ aċċetta bil-ferħ iż-żewġ offerti u wiegħed l-appoġġ kollu tiegħu għall-banda. Ħaġa li ma naqas qatt li jwettaq tul ix-xhur li ilu fostna.



*Laqgħa Ġenerali Annwali - 4 ta' Mejju, 2015*

Nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju, 2015 inżammet il-Laqgħa Ġenerali Annwali. Dakinhar ġie maħtur



*Is-Sinjura Mary Abela*

kumitat ġdid għas-sentejn li ġejjin. F'din l-istes laqgħa s-Sinjura Rose Apap Bologna nħatret kaxxiera tal-Għaqda. Hawn nirringrazzja lis-Sinjura Mary Abela li serviet f'din il-kariga minn Ottubru 2011 sa Mejju 2015 fejn minħabba raġunijiet personali kellha tieqaf.

Fost l-ammont ta' impenji mużikali li kella l-banda tagħna hemm wkoll servizz li għamilna biex jinġabru fondi għall-Puttinu Cares u għaqdiet filantropiċi oħra. Dan is-servizz sar wara stedina li saritilna mill-Kulleġġ San Andrea li jinsab fil-limiti tal-Imġarr. Dan kien nhar il-Ħadd 17 ta' Mejju. Il-bandisti barranin li daqqew mal-banda tagħna għal din l-inizjattiva taw is-servizz tagħhom bla ħlas. Dan lilna jagħmlilna kuraġġ għax juru r-rispett li għandhom lejn l-għaqda żagħżugħa tagħna. Rispett reċiproku għax aħna nemmnu li dawn il-bandisti jiġu jdoqqu magħna għax iħossuhom stmati u rispettati. Dan iżda ma kienx l-ewwel servizz ta' din is-sena. Is-servizzi mużikali fl-2015 raw il-bidu tagħhom nhar il-Ġimgħa l-Ewwel ta' Mejju, 2015 - jum il-bidu tal-ħidma pastorali fostna tal-maħbub Kappillan tagħna Mons. Kalċidon Vassallo, il-bniedem li rnexxielu jerġa' jġib lura fost l-għaqdiet Imġarrin l-armonija u s-serenità. Dakinhar tal-1 ta' Mejju l-banda tagħna akkumpanjat lill-Kappillan flimkien mal-Eċċelenza tiegħu Mons. Arċisqof Charles Scicluna minn fejn l-iskola sal-Knisja b'daqq ta' marċi brijużi. Ta' min isemmi li dan kien l-ewwel, u s'issa l-uniku, servizz li l-banda tagħna għamlet f'pussess ta' kappillan u ma jiddispjaċina xejn li dan kien f'dak ta' Dun Kalċidon Vassallo.

Imbagħad nhar il-Ħadd 10 ta' Mejju, il-banda ħadet sehem




*Il-Banda waqt l-attività ta' ġbir ta' fondi organizzata mill-iskola San Andrea*



*Il-banda waqt il-pussess tal-Kappillan Kalċidon Vassallo*





*Il-parteċipazzjoni tagħna waqt attività organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr li tfakkar il-vittmi tal-Gwerra*







*Il-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema", waqt is-servizz ta' Corpus Christi - 7 ta' Ġunju, 2015*

f'attività organizzata mill-Kunsill Lokali biex jitfakkru l-vittmi tal-Gwerra Mġarrin. Nhar il-Ġimgħa 5 ta'Ġunju, il-Kumissjoni Banda tagħna flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv u s-Sezzjoni Nisa tellajna s-serata Annwali "Flimkien għall-Banda" .Serata li d-dettalji dwarha qed jidhru f'artiklu dedikat apposta għaliha f'din l-istess pubblikazzjoni. Bħas-sena l-oħra din kienet suċċess kbir u tat opportunità xierqa lill-allievi u bandisti tagħna biex jesponu quddiem dawk preżenti dak li tgħallmu u li qed jitgħallmu.

Jumejn biss wara, il-Ħadd 7 ta' Ġunju, wara nuqqas ta'sena, erġajna ħadna sehem b'daqq ta' innijiet ewkaristiċi fil-festa ta' Corpus Christi fl-Imġarr. Hu ta' sodisfazzjon kbir għalina li nieħdu sehem f'din il-festa hekk għażiża li tagħti ġieħ lill-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.

Wara dawn is-servizzi li għamilna f'raħalna, għat-tieni sena konsekuttiva erġajna ġejna mistiedna u għamilna żewġ servizzi esterni. Għal darb'oħra dawn kienu f'San Pawl il-Baħar nhar l-Erbgħa 22 ta' Lulju għall-festa ta' Marija Addolorata u nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju, 2015 għal dik ta' Ġesù Salvatur f'Ħal Lija. Il-fatt li erġajna ġejna mistiedna għal dawn is-servizzi juri li s-servizz li tajna s-sena l-oħra ngħoġob u b'hekk jawgura tajjeb ħafna għal isem il-banda tagħna.



*Waqt il-Festa ta' Marija Addolorata f'San Pawl il-Baħar, l-Erbgħa 22 ta' Lulju, 2015*



*Is-servizz li għamilna f'Ħal Lija għall-festa tas-Salvatur, nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju, 2015*





Issa l-impenn mużikali jissokta bil-kbir fil-festa titulari b'total ta' sitt servizzi li tlieta minnhom se jkunu jinkludu programm mużikali. Naturalment l-istennija se tkun għal dak tal-Ħadd 16 t'Awwissu, il-programm ta' mużika sagra li l-banda se tesegwixxi fil-Knisja Parrokkjali. Waqt dan il-programm il-banda tagħna se ddoqq għall-ewwel darba l-Innu l-Kbir lil Santa Marija tas-Surmast Joseph Abela Scolaro u Dun Oraz Vella. Il-banda se tkun akkumpanjata mill-kor tal-parroċċa Reġina Coeli. Naturalment imbagħad għal dak ta' lejlet il-festa u nhar il-festa, li t-tnejn li huma se jsiru fuq il-pjanċier li se jintrama fuq iz-zuntier.

Imbagħad se nakkumpanjaw il-purċissjoni devota ta' Santa Marija fil-festa tat-tfal, fejn anke se ndoqqu waqt il-quddiesa li se tiġi kkonċelebrata fi Triq Dun Edgar. Għal darb'oħra fl-aħħar jum tat-Tridu se nagħmlu l-marċ il-kbir tal-briju. Lejlet il-festa minbarra l-programm vokali u strumentali indoqqu innijiet Marjani waqt it-translazzjoni solenni. F'nhar il-festa se nakkumpanjaw il-purċissjoni fl-ewwel parti tagħha.

Ta' min issemmi li biex dan kollu jkun possibbli flimkien mal-attivitajiet li organizzajna u li jien semmejt iktar 'il fuq, fil-bidu ta' Ġunju qassamna u ġbarna l-*envelopes* bid-donazzjonijeit tagħkom. Minn qalbna nirirngrazzjawkom tal-għajnuna ġeneruża tagħkom.

Matul is-sena t-tagħlim tal-banda bla ħlas għal kulħadd baqa' għaddej. Is-Surmast Direttur Tancred Grech u l-Assistent Surmast Neville Pace ta' kull ġimgħa taw lezzjonijiet lilll-allievi u bandisti tagħna. Minbarra l-lezzjonijeit saru wkoll diversi kunċerti biex il-banda tkun ippreparata tajjeb għas-servizzi mużikali.



*Is-Surmast Direttur Tancred Grech*



Copy of Original Decision Notice

MEPA

Mr. Joseph Caruana
Socjeta Filarmonika Marija Mtella S-Sema
C/O 48, Santa Marija
Triq Il-Kbira
Mgarr MGR 1110

Date: 12 June 2015
Our Ref: PA/02776/14

| | |
|---|---|
| Application Number: | PA/02776/14 |
| Application Type: | Full development permission |
| Date Received: | 17 February 2014 |
| Approved Documents: | PA2776/14/1A/65A/65B; and |

*Supporting Documents:*
*Fire Safety, Ventilation and Noise Mitigation Report: PA2776/14/1*
*Environmental Health Directorate: PA2776/14/35A;*
*Water Services Corporation: PA2776/14/42;*
*National Commission Persons with Disability: PA2776/14/48A;*
*Superintendence of Cultural Heritage: PA2776/14/54A.*

Location: Socjeta Filarmonika Marija Mtella s-Sema, Triq Sir Harry Lu
Malta

*Il-permess tal-każin tal-banda*



*L-Assistent Surmast Neville Pace*

Il-Kumitat Eżekuttiv, is-Sezzjoni Nisa, il-Bord Editorjali u l-Kummisjoni Banda ltaqgħu b'mod regolari biex saru t-tħejjijiet neċessarji. Meta tikkonsidra li aħna kollha voluntiera

ma tistax ma tapprezzax il-ħidma li nwettqu lkoll flimkien mingħajr ma nistennew xejn lura. Imma dan hu s-sabiħ tal-volontarjat li tagħti mingħajr ma tistenna li tirċievi xi ħaġa lura.

Fil-bidu ta' Ġunju ħareġ ukoll il-permess tal-MEPA biex issa wara li tgħaddi l-festa nibdew il-proġett tal-każin. Se nidħlu għal biċċa xogħol kbira u nitlob l-għajnuna tagħkom biex fi żmien qasir l-banda tagħna jkollha każin xieraq u li jagħti kenn lil din l-għaqda mużikali Mġarrija.

Kif tistgħu taraw kienet sena impenjattiva ħafna. Naħseb li taqra dan l-artiklu wkoll tibqa' bla nifs aħseb u ara biex twettaq dak kollu li semmejt f'dan it-tagħrf li tajt. Nittama li ma nsejt xejn, imma jekk bi żvista ħallejt xi ħaġa barra u forsi nqast insemmi lil xi ħadd naċċertakom li ma kien hemm ebda intenzjoni.

Minn qalbi nirringrazzjakom, anzi ma nieqaf qatt nirringrazzjakom, ta' kemm insibu sapport mingħandkom. Intom timlewna b'kuraġġ kbir u tagħtuna l-*fuel* biex inkomplu mexjin fit-triq li qbadna.Triq li nisperaw li twassalna fejn kulħadd jixtieq, dik li nkunu ta' servizz għall-kommunità Mġarrija.

Sultana tal-Imġarr, filwaqt li nirringrazzjawk ta' dak kollu li għamilt magħna biex wasalna s'hawn, nitolbok tkun il-protetriċi tagħna fil-jiem u x-xhur li ġejjin u tbegħedna mill-ħażen. Kun int l-Omm tagħna, għax ċerti li sakemm tkun int Ommna mhux se tħallina qatt nintilfu jew ninfirdu minnek. Ħares ir-raħal żgħir tal-Imġarr kif dejjem int ħarist… kif niseġ fil-lirika tal-innu tal-banda dedikata lilek il-mibki ħabib tiegħi l-Kav. Ġorġ Bianchi. .

Sliem għalik O Verġni Mbierka

L-għaxqa u ġieħ għall-Imġarrin.


**Marlene's Daily Fresh Fish**

**For daily fresh fish contact us on 77994377**






Find us on: facebook®

Visit us on facebook
**(Marlene's Daily Fresh Fish)**
for latest information and offers



# Tliet Programmi Mużikali fl-okkażjoni tal-festa titulari 2015

Kitba' ta' Joseph Caruana

Din is-sena se jkollna xalata ta' programmi mużikali, dan għaliex matul il-kwindiċina l-Banda tagħna se ttella' tliet programmi mużikali. Dawn il-programmi se jkunu nhar il-Ħadd 16 t'Awwissu, is-Sibt 22 t'Awwissu lejlet il-festa, u l-Ħadd 23 t'Awwissu f'Jum il-Festa. Il-programmi kollha se jkunu vokali u strumentali. Naturalment l-iktar wieħed impenjattiv se jkun dak ta' lejlet il-festa li se jsir fuq il-pjanċier, li wara nuqqas ta' sentejn se jerġa' jintrema fuq iz-zuntier, biswit il-bieb prinċipali tat-tempju dedikat lil Ommna s-Sultana tas-Sema.

Il-programm tal-Ħadd 16 ta' Awwissu se jkun wieħed ta' mużika sagra. Dan se jsir fil-Knisja Parrokkjali. Waqt dan il-programm il-banda se tkun akkumpanjata mill-kor tal-Parroċċa, il-Kor Reġina Coeli taħt it-tmexxija tas-Surmast Mary Cauchi. Se jkantaw ukoll is-Sopran Marita Bezzina u l-Imġarrija Pauline Vella. Ta' min isemmi li fost is-siltiet li se tgħaddi l-banda se jkun hemm l-Innu l-Kbir lil Santa Marija li għandu kompożizzjoni tas-Surmast Joseph Abela Scolaro u lirika ta' Dun Oraz Vella. Dan se jkun waqt importanti għalina għax se tkun l-ewwel darba li dan l-innu jindaqq mill-banda Mġarrija. Se jkun programm sabiħ ħafna u għal xi siltiet il-banda se tkun akkumpanjata mis-solista Joseph Mallia bil-vjolin. Solista ieħor waqt dan il-programm vokali u strumentali se jkun l-Assistent Surmast Neville Pace li se jgħaddi solo bil-klarinett. Jippreżenta s-sur Mario Sant.



*Il-Knisja armata għall-festa ta' Santa Marija*



Fil-programm ta' lejlet il-festa se nisimgħu varjetà sħiħa ta' siltiet mużikali. Fil-fatt dan il-programm varjat se jinkludi temi, innijiet, talb, kanzunetti, *overtures* u marċi militari. Dakinhar is-solisti se jkunu Georg Zammit u l-Imġarrija Michaela Galea. Għal darb'oħra Joseph Mallia se jerġa' jakkumpanja lill-banda bil-vjolin. Dan il-programm se jiġi ppreżentat mis-Sinjorina Claudine Muscat. Waqt dan il-programm se

**Programm Mużikali 16 t'Awwissu, 2015 fil-Knisja Parrokkjali Santa Marija Mtellgħa s-Sema mis-7.30 pm 'l quddiem:**

| | | |
|---|---|---|
| Innu Popolari | L-Imġarr Iben Marija | Mużika: Vincenzo Ciappara<br>Lirika: Ganni A.Cilia |
| Selezzjoni | In a Persian Market | A.W.Ketelbey |
| Talba | Ave Maria | J. Bach/ C.Gounod<br>Solista: Pauline Vella |
| *Adagio* | Op.42 | Freddie Mizzi<br>arr. Ray Sciberas<br>Solista: Neville Pace |
| Talba | Pie Jesu | Andrew Lloyd Webber<br>sopran: Marita Bezzina |
| Tema | Schindler's List | John Williams arr. Calvin Custer<br>Violin: Joseph Mallia |
| Talba | Magnificat Anima Mea | Marco Frisina<br>trasc. Michele Mangani<br>Sopran: Marita Bezzina |
| Innu l-Kbir | Lil Santa Marija Mġarr | Mużika: Joseph Abela Scolaro<br>Lirika: Dun Oraz Vella<br>Kor Reġina Coeli |
| Innu Marċ | Sultana tal-Imġarr | Mużika: Tancred Grech<br>Versi: Joe Julian Farrugia<br>Sopran: Marita Bezzina |

**Programm Vokali u Strumentali nhar is-Sibt 22 ta' Awwissu, fuq il-pjanċier f'Wesgħat il-Ġublew mid-9 pm 'il quddiem**

| | | |
|---|---|---|
| Innu Popolari | L-Imġarr Iben Marija | Mużika: Vincenzo Ciappara<br>Lirika: Ganni Cilia |
| Innu Marċ | Sultana tal-Imġarr | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joe Julian Farrugia |
| Silta | The Olympic Spirit | John Williams arr. Steve Skye |
| Talba | Ave Maria | G. Caccini arr. Neville Pace |
| Selezzjoni | Fiddler on the Roof | arr. Vor L. Sharpe<br>(Solista: Joseph Mallia) |
| Kanzunetta | I Will Always Love You | arr. A. Belli |
| Selezzjoni | The Magic of Mozart | arr. Rita Defoort |
| Silta | Follow the Beat | Jan Ceulemans |
| *Overture* | Italian Festival | Glenn Osser |
| Tema | Alexander | arr. Frank Bernaerts |
| Kanzunetta | Whenever Wherever | arr. Frank Bernaerts |
| Marċ Militari | Them Basses | G.H. Huffine |
| Innu tal-Banda | Marija Mtellgħa s-Sema | Mużika: Mario Testa<br>Lirika: Kav.Ġorġ Bianchi |

Ikantaw: Georg Zammit u Michaela Galea



*Is-Sopran Marita Bezzina*



*Is-Sinjura Pauline Vella*



*Is-Solista Neville Pace bil-Klarinett*



*Is-Solista Joseph Mallia bil-vjolin*



*Georg Zammit*



*Michaela Galea*



*Il-Kor Reġina Coeli*



*Claudine Muscat*
*Compere*



*Mro Tancred Grech FLCM, B.A (Hons) Music, LLCM,PGCE*
*Surmast Direttur*



*Mario Sant*
*Compere*

jkun hemm ukoll xi preżentazzjonijiet u biex kulħadd ikun jista' jgawdi sew ix-xogħol li se ssemmgħalna l-banda se jkun hemm għad-dispożizzjoni tagħkom is-siġġijiet. Nappellaw li kulħadd ikun f'postu għal dan il-programm fid-8.45 pm biex il-programm ikun jista' jibda fid-9 pm kif ppjanat.

Għall-ewwel darba f'nhar il-festa l-banda tagħna se tagħmel programm mużikali fuq l-istess pjanċier li se tagħmel dak tas-Sibt. Wara li l-banda takkumpanja l-purċissjoni minn Wesgħat il-Ġublew sa Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq Vitale, il-banda titla' fuq il-pjanċier u tesegwixxi programm mużikali. Se jindaqqu diversi siltiet mexxejja u tal-widna. Imbagħad kif il-purċissjoni tasal fil-pjazza, il-banda ddoqq l-innijiet popolari "L-Imġarr Iben Marija" u "Sultana tal-Imġarr", u qabel tidħol il-vara artistika ġawhra tagħna l-Imġarrin, il-banda ssemmgħalna t-talba "Ave Maria". Din se titkanta mis-solista Pauline Vella.

**Programm Mużikali 23 t'Awwissu, 2015 fuq il-pjanċier f'Wesgħat il-Ġublew mid-9 pm 'il quddiem:**

| | | |
|---|---|---|
| Innu Popolari | L-Imġarr Iben Marija | Mużika:Vincenzo Ciappara<br>Lirika: Ganni A.Cilia |
| Fantasia | Free World Fantasy | Jacob De Hann |
| Kanzunetta | La Vita E' Bella | Nicola Piovani |
| Sinfonija | Antonin's New World | Antonin Dvorak |
| Tema | You'll be in my heart | arr. Jan van Kraeydonck |
| Talba | Ave Maria | J. Bach/ C.Gounod |
| Innu Marċ | Sultana tal-Imġarr | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joe Julian Farrugia |
| Innu tal-Banda | Marija Mtellgħa s-Sema | Mużika: Mario Testa<br>Lirika: Kav.Ġorġ Bianchi<br>Solista: Pauline Vella |

Dawn il-programmi mużikali kollha se jkunu taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħna, il-bravu Tancred Grech. Tistgħu timmaġinaw kemm xogħol jinvolvi biex ittella' dawn il-programmi kollha fi żmien hekk qasir. Ma nistax ma nurix apprezzament lejn l-bandisti kollha li kkoperaw magħna u attendew għall-kunċerti biex b'hekk kollox imur kif mixtieq. Issa biex tagħmlulna kuraġġ nistedinkom biex tattendu bi ħġarkom għal dawn il-programmi li l-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr se tesegwixxi għall-festa titulari ta' Santa Marija, il-Patruna tagħna.

*Kulħadd mistieden jattendi*

# Programm
# tal-Festa tal-Familja Mġarrija 2015
# Santa Marija Mtellgħa s-Sema, L-Imġarr

**Il-Ġimgħa, 7 ta' Awwissu, 2015**

*Bidu tal-Kwindiċina*
*Ħruġ tal-vara min-niċċa*

**6.00pm** Rużarju u Kurunella
**6.30pm** Quddiesa
Wara ftuħ tan-niċċa u l-vara titpoġġa f'postha fil-knisja.
Jinħaraq salut, kaxxa infernali u murtaletti.

**Is-Sibt, 8 ta' Awwissu, 2015**

**6.00pm** Rużarju u Kurunella (Statwa taħt il-Portiku)
**6.30pm** Quddiesa fuq iz-zuntier mill-Kappillan Mons.Kalċidon Vassallo
Janimaw iż-żewġ korijiet
Dħul vara. Antifona u Barka.

**Il-Ħadd, 9 ta' Awwissu, 2015**

**Ħinijiet Quddies: 5.30, 7.00, 7.30 (S. Anna)**
**9.00am** Antifona u Barka.
**10.30am** Quddiesa animata mill-Kor tat-Tfal
**6.00pm** Quddiesa.
**7.00pm** Ftuħ u tberik tal- "Lejla Mġarrija"

**It-Tnejn, 10 ta' Awwissu, 2015**

**6.00pm** Rużarju u Kurunella
**6.30pm** Quddiesa
Antifona u barka




**It-Tlieta, 11 ta' Awwissu, 2015**

**6.00pm** Rużarju u Kurunella
**6.30pm** Quddiesa
Antifona u barka

**L-Erbgħa, 12 ta' Awwissu, 2015**

**6.00pm** Rużarju u Kurunella
**6.30pm** Quddiesa
Antifona u barka
**8.00pm** IKLA fejn is-Salib b'risq il-Banda tal-Parroċċa – il-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema".
Kulħadd mistieden jattendi. Mistieden speċjali il-kantant Renato.

**Il-Ħamis, 13 ta' Awwissu, 2015**

**6.00pm** Rużarju u Kurunella
**6.30pm** Quddiesa
Antifona u barka
**8.30pm** Attività tal-Kunsill Lokali: Ikla minn tal-Ħwienet
U wirja tal-Protezzjoni Ċivili.

## Il-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu, 2015

**6.00pm** Rużarju u Kurunella
**6.30pm** Quddiesa, mistiedna speċjali l-emigranti li jinsabu fostna. Antifona u Barka.
**7.30pm** "Kun Af il-Knisja Tiegħek"
Żjara kulturali fil-Knisja Parrokkjali b'kummentarju minn Mons. Dun Alwiġ Deguara u Rev. Dr. Edgar Vella.

## Is-Sibt, 15 ta' Awwissu, 2015

*Festa Liturġika ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema*

**Quddies: 5.30am, 7.00am, 7.30am (Knisja Sant Anna –iż-Żebbiegħ)**
**9.00am** Antifona u Barka.
**10.30am** animata mill-Għaqdiet reliġjużi tal-Parroċċa.
**6.00pm** Quddiesa għall-erwieħ tal-mejtin mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn
Antifona u barka

## Il-Ħadd, 16 ta' Awwissu, 2015

**Quddies: 5.30am, 7.00am, 7.30am (S. Anna)**
**9.00am** Antifona u Barka
**10.30am** Quddiesa animata mit-Tfal u Vestizzjoni tal-Abbatini.
**6.00pm** Quddiesa
**7.30pm** Programm ta' mużika sagra fil-Knisja mill-Banda Mġarrija "Marija Mtellgħa s-Sema", bis-sehem tal-Kor Parrokkjali u s-Sopran Marita Bezzina u s-Sinjura Pauline Vella

## It-Tnejn, 17 ta' Awwissu, 2015

**6.00pm** Rużarju u Kurunella
**6.30pm** Quddiesa, mistiedna speċjali dawk li ħadu sehem fil-bini tal-knisja
Antifona u barka

## It-Tlieta, 18 ta' Awwissu, 2015

**6.00pm** Rużarju, Kurunella u qrar għat-tfal
**6.30pm** Purċissjoni devota mit-tfal bl-istatwa tal-Madonna. Timxi, waqt li jingħad ir-Rużarju, minn Triq Dun Edgar sad-Dar Parrokkjali fejn issir quddiesa animata mit-tfal, bis-sehem tal-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema".
Wara, il-Banda ddoqq l-Antifona u tingħata l-benedizzjoni.
(Dakinhar ma jkunx hemm quddiesa fil-knisja)
**8.00pm** Ikla organizzata mill-grupp tal-armar.



## L-Erbgħa, 19 ta' Awwissu, 2015

*L-ewwel jum tat-Tridu – Jum iż-Żgħażagħ*

**8.00am** Jinħarqu murtali tal-bomba.
**12.00pm** Jinħarqu murtali tal-bomba.
**7.00pm** Jinħarqu murtali tal-bomba.
**6.00pm** Rużarju u Kurunella
**6.30pm** Quddiesa folk mill-band FOOTPRINTS, animata miż-żgħażagħ, iqaddes Fr John Buhagiar, Direttur tal-Oratorju "Qalb Bla Tebgħa ta' Marija".
Jagħmel l-Omelija Fr Donald Bellizzi.
Antifona u barka
Wara FESTA SPORTIVA fuq iz-zuntier organizzata miż-żgħażagħ tal-Oratorju.

## Il-Ħamis, 20 ta' Awwissu, 2015

*It-tieni jum tat-Tridu – Jum il-Vokazzjonijiet*

**8.00am** Jinħarqu murtali tal-bomba.

**12.00pm** Jinħarqu murtali tal-bomba.
**7.00pm** Jinħarqu murtali tal-bomba.
**6.00pm** Rużarju u Kurunella.
**6.30pm** Konċelebrazzjoni preseduta mill-Kappillan, bis-sehem tas-saċerdoti Mġarrin u saċerdoti u Reliġjużi li ħadmu fil-parroċċa.
Antifona u barka.
Wara riċeviment għas-saċerdoti u reliġjużi fid-dar tal-Kappillan.
**8.30pm** Marċ mat-toroq ewlenin mill-banda mistiedna Beland taż-Żejtun.

## Il-Ġimgħa, 21 ta' Awwissu, 2015

*It-tielet jum tat-Tridu – Jum il-Morda u l-Familji*

**8.00am** Jinħarqu murtali tal-bomba u murtaletti.
**9.30am** Quddiesa għall-morda u anzjani li fiha jiġi amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-morda.
Wara festin sabiħ fuq wara tal-Knisja u taħt il-portiku.
**12.00pm** Jinħarqu murtali tal-bomba u murtaletti
**7.00pm** Jinħarqu murtali tal-bomba u murtaletti
**6.00pm** Rużarju
**6.30pm** Quddiesa għall-koppji. Mistiedna speċjali l-Miżżewġin li din is-sena jagħlqu 25 u 50 sena miżżewġin.
Antifona u barka.
**8.30pm** Marċ mat-toroq ewlenin tal-parroċċa mill-Banda Mġarrija "Marija Mtellgħa s-Sema".
**10.00pm** Jinħarqu blalen u kaxxa infernali.

## Is-Sibt, 22 ta' Awwissu, 2015

*Lejlet il-Festa*

**8.00am** Quddiesa bl-offerti tal-bukketti tal-fjuri u offerti għas-sedja u ambone tal-irħam pariġġ l-artal, jitkanta t-Te Deum.
**8.30am** Jinħarqu murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Jinħarqu murtali tal-bomba u murtaletti.
**6.30pm** Translazzjoni, akkumpanjata mill-Banda, mill-Oratorju għall-Knisja minn Triq Sta Marija u Triq Fisher.
Imexxi t-Tranżlazzjoni Monsinjur Dun Alwiġ Deguara.
It-Tranżlazzjoni ma tiqafx.
Jinħarqu murtali tal-bomba, murtaletti u kaxxa infernali.
Għasar, antifona u barka.
Wara quddiesa konċelebrata preseduta minn Mons. Joe Galea Curmi, Vigarju Ġenerali.
**8.30pm** Marċ mill-banda mistiedna Nicolò Isouard tal-Mosta mat-toroq tal-parroċċa.
**8.30pm** Marċ mill-Banda Mġarrija "Marija Mtellgħa s-Sema" u wara programm vokali u strumnentali fuq il-pjanċier fuq iz-zuntier.
**10.00pm** Ħruq ta' blalen, murtali tal-kulur, beraq u kaxxa infernali.
**11.30pm** Wirja ta' Nar tal-Art fuq iz-zuntier b'finali spettakulari.

## Il-Ħadd, 23 ta' Awwissu, 2015

*Jum il-Festa*

**Quddies:**
**5.30am** Il-Kappillan
**7.00am** Dun Alfred Vella
**7.30am** (Knisja Sant Anna ż-Żebbiegħ) Fr John Buhagiar
**8.00am** Jinħarqu bombi u murtaletti
**9.00am** Quddiesa kantata solenni preseduta mill-Kappillan Mons. Kalċidon Vassallo.



Omelija ta' Tifħir mil-Kan. Dun Joe Zammit JUD, eks Arċipriet tal-Qala.

**10.00am** Jinħarqu murtali tal-bomba u murtaletti.
**11.00am** Quddiesa minn Fr John Buhagiar
**12.00pm** Talba tal-Angelus fejn il-Madonna fil-ġenb tal-knisja.
Issir l-offerta għall-irfigħ tal-Vara. Kwart tal-offerta jmur għall-karità`.
Jinħarqu murtaletti u murtali tal-bomba.
**6.00pm** Għasar bil-Malti u quddiesa minn Fr Vincent Magro MSSP
Marċ mat-toroq ewlenin mill-banda mistiedna Imperial tal-Mellieħa
**7.00pm** Tibda ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa devota ta' Sta Marija (jinħarqu salut u kaxxa infernali) li tgħaddi minn Triq il-Kbira, hawn il-purċissjoni tkun akkumpanjata mill-Banda
Mġarrija Marija Mtellgħa s-Sema. Fi Triq Vitale u Triq San Pawl jingħad ir-Rużarju. Wara l-purċissjoni tkompli fi Triq Sta Marija, Triq Ramiro Calì, Triq Sir Harry Luke, hawn il-purċissjoni tkun akkumpanjata mill-banda Imperial tal- Mellieħa.
Il-Banda tal-parroċċa 'Marija Mtellgħa s-Sema' wara li takkumpanja l-purċissjoni sa Triq Vitale tesegwixxi programm mużikali fuq il-pjanċier. Kif il-vara artistika ta' Santa Marija tasal fil-pjazza, il-banda Mġarrijja ddoqq l-innijiet "Sultana tal-Imġarr "u "L-Imġarr Iben Marija". Fl-aħħar iddoqq l-Ave Maria li se titkanta minn Pauline Vella.
Waqt il-purċissjoni jsir ħruq ta' blalen, murtaletti, beraq u murtali tal-kulur.
**10.00pm** Tinħaraq kaxxa infernali u
**10.15pm** Jinħarqu baraxxi.
**10.30pm** Dħul fil-Knisja, kant tal-Antifona u Barka Sagramentali.
Imexxi l-Purċissjoni l-Kanonku Dun Timon Mercieca.
Nispiċċaw bl-Innu popolari "L-Imġarr Iben Marija".
Matul il-purċissjoni jkun aħjar jekk ma jintefgħux karti fuq il- vara.

## L-Erbgħa, 26 ta' Awwissu, 2015

*Ngħidu GRAZZI flimkien u lil xulxin*

**6.30pm** Rużarju
**7.00pm** Quddiesa
**7.30pm** Riċeviment għall-*helpers* kollha fejn is-Salib:
Kunsill Lokali, kumitati tal-każini soċjali, sportivi u politiċi, reffiegħa, fratelli, korijiet, kumitati u membri tal-għaqdiet reliġjużi kollha, gruppi u kummissjonijiet tal-parroċċa, *Street helpers*, Grupp Sta Martha, letturi u animaturi u kull min b'xi mod jgħin fil-ħidma tal-parroċċa.
Dan l-avviż għandu jitqies bħala stedina.

## Is-Sibt, 29 ta' Awwissu, 2015

**6.30pm** Rużarju
**7.00pm** Quddiesa u kant tal-Innu ta' ringrazzjament (Te Deum)
Wara dħul tal-vara fin-niċċa.

Il-mużika ta' matul il-jiem tat-Tridu, u l-orkestra ta' lejlet il-festa, tkun f'idejn il-Kor Parrokkjali Reġina Coeli immexxi mis-Surmast Mary Cauchi.

Il-mużika u l-orkestra ta' nhar il-Festa tkun diretta mis-Surmast Clifford Cauchi u l-Kor tiegħu.

Nawguraw il-festa t-tajba
lill-familji kollha tal-Mġarr

Deputat Laburista
**Tony Agius Decelis**
& **Josette Agius Decelis**

Jekk tixtiequ tagħmlu kuntatt
magħna kkuntatjawna hawnhekk

**79702248**

**tony4mp@gmail.com**



Tal-Lajku

Pastizzeria & Dolceria

Our products can be found in most
supermarkets and grocers in Malta & Gozo

38, Giant Street, Xaghra, Gozo.

For further enquiries call us on 21563629

# Sehem is-Soċjetà Filarmonika “Marija Mtellgħa s-Sema” tal-Imġarr fil-Festa Titulari ta’ Santa Marija 2015

**L-Erbgħa 12 ta’ Awwissu, 2015**

**8.00pm** Ikla b’risq il-banda tal-Imġarr fejn is-Salib tal-Knisja. Se jieħdu sehem diversi kantanti fosthom Rachel Lowell, Michela Galea u l-mistieden speċjali Renato.

**Il-Ħadd 16 ta’ Awwissu, 2015**

**7.30pm** Il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika “Marija Mtellgħa s-Sema” tal-Imġarr tesegwixxi programm ta’ mużika sagra fil-Knisja Parrokkjali ta’ Santa Marija Mtellgħa s-Sema. Jidderieġi l-banda Mro Tancred Grech FLCM, B.A (Hons) Music, LLCM,PGCE. Jieħdu sehem il-kor tal-parroċċa Reġina Coeli taħt it-tmexxija ta’ Mro Mary Cauchi. Bil-parteċipazzjoni tas-Sopran Marita Bezzina u s-solisti Neville Pace,Joseph Mallia u Pauline Vella. Kulħadd mistieden jattendi. Dħul bla ħlas. Napprezzaw jekk kulħadd ikun f’postu fis-7.15pm. Tippreżenta s-Sinjorina Claudine Muscat.

**It-Tlieta 18 ta’ Awwissu, 2015**

***Festa tat-tfal***



**6.30pm** purċissjoni devota mit-tfal bl-istatwa tal-Madonna. Il-Banda “Marija Mtellgħa s-Sema” tal-Imġarr tieħu sehem bid-daqq ta’ innijiet Marjani waqt li jingħad ir-Rużarju, minn Triq Dun Edgar sad-Dar Parrokkjali fejn issir quddiesa animata mit-tfal, bis-sehem tal-Banda.
Wara, l-Banda ddoqq l-Antifona u tingħata l-benedizzjoni.

**Il-Ġimgħa 21 ta' Awwissu, 2015**

*L-aħħar jum tat-Tridu*



**8.30pm** Il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr tagħmel marċ brijuż li jgħaddi minn dawn it-toroq:
San Franġisk, San Pawl, Ċentinarju tal-Parroċċa, Xagħra tal-Knisja, Għansar, San Filippu, Sir Harry Luke, Wesgħat il-Ġublew, Kurat Chetcuti, Dun Oraz, Vitale, Il-Kbira, Wesgħat il-Ġublew.

**Is-Sibt 22 ta' Awwissu, 2015**

*Lejlet il-Festa*

**6.00pm** Il-Banda tas- Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr tagħmel marċ sal-kappella tas-sorijiet u wara l-banda takkumpanja t-Transulazzjoni b'daqq ta' marċi u innijiet f'dawn it-toroq:
Wesgħat il-Ġublew, Sir Harry Luke, San Pawl, Santa Marija, Fisher, Wesgħat il-Ġublew sal-Knisja.

**8.15pm** Il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr tagħmel marċ brijuż li jgħaddi minn Wesgħat il-Ġublew, Dun Ġużepp Chetcuti u Wesgħat il-Ġublew.

**9.00pm** Il-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" tesegwixxi programm vokali u strumentali fuq il-pjanċier. Jidderieġi l-Banda s-Surmast Direttur Mro Tancred Grech FLCM, B.A (Hons) Music, LLCM, PGCE. Jieħdu sehem is-solisti Joseph Mallia, Georg Zammit u Michaela Galea..
Se jiġu pprovduti siġġijiet bla ħlas biex kulħadd ikun jista' jsegwi dan il-programm mużikali.

**Il-Ħadd 23 ta' Awwissu, 2015**

*Jum il-Festa*

**7.15pm** Il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr takkumpanja l-purċissjoni bl-Istatwa Titulari ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema f'dawn it-toroq:
Wesgħat il-Ġublew, Il-Kbira.

**9.00pm** Il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr tagħmel programm mużikali fuq il-pjanċier.
Kif l-istatwa ta' Santa Marija tasal fil-pjazza l-Banda ddoqq l-innijiet "l-Imġarr iben Marija", u "Sultana tal-Imġarr". Qabel l-istatwa tidħol fil-Knisja l-banda ddoqq l-Ave Maria li se titkanta mis-Sinjura Pauline Vella.

Dan il-programm hu suġġett għal xi tibdil li jseħħ fl-aħjar interess tal-Festa ta' Santa Marija.
**Nappellaw biex ma jitħallewx karozzi pparkjati fit-toroq minn fejn se tgħaddi l-purċissjoni.**



# Programm Vokali u Strumentali

## *fuq il-pjanċier f'Wesgħat il-Ġublew l-Imġarr nhar is-Sibt 22 ta' Awwissu, 2015*

| | | |
|---|---|---|
| Innu Popolari | **L-Imġarr Iben Marija** | Mużika:Vincenzo Ciappara<br>Lirika:Ganni Cilia |
| Innu Marċ | **Sultana tal-Imġarr** | Mużika:Tancred Grech<br>Lirika: Joe Julian Farrugia |
| Silta | **The Olympic Spirit** | John Williams<br>arr. Steve Skye |
| Talba | **Ave Maria** | G. Caccini<br>arr. Neville Pace |
| Selection | **Fiddler on the Roof** | arr. Vor L. Sharpe<br>(Solista: Joseph Mallia) |
| Song | **I Will Always Love You** | arr. A. Belli |
| Selection | **The Magic of Mozart** | arr. Rita Defoort |
| Silta | **Follow the Beat** | Jan Ceulemans |
| Overture | **Italian Festival** | Glenn Osser |
| Tema | **Alexander** | arr. Frank Bernaerts |
| Song | **Whenever Wherever** | arr. Frank Bernaerts |
| Marċ Militari | **Them Basses** | G.H. Huffine |
| Innu tal-Banda | **Marija Mtellgħa s-Sema** | Mużika: Mario Testa<br>Lirika: Kav.Ġorġ Bianchi |

Surmast Direttur: Mro Tancred Grech

Ikantaw George Zammit u Michaela Galea

Tippreżenta l-programm is-Sinjorina Claudine Muscat

Se jkun hemm is-siġġijiet biex wieħed jkun jista' jsegwi l-programm
Kulħadd hu mitlub biex ikun f'postu fid-8.45pm



# Tagħrif fuq il-mużika li se tindaqq fil-programm Vokali u Strumentali ta' lejlet il-festa mill-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr

**Tagħrif miġbur minn Joseph Caruana**

**Silta — The Olympic Spirit — John Williams arr. Steve Skye**




Din is-silta nkitbet mill-kompożitur John Williams għall-Olimpjadi tal-1988 li kienu saru f'Seoul. Fil-fatt kienet it-tema li fetħet l-Olimpjadi ta' dik is-sena. Hi silta mexxejja u tal-widna li fiha jispikkaw il-fanfarri li hemm fuq il-kurunetti. L-arranġament li se ddoqq il-banda sar minn Steve Skye.

**Talba — Ave Maria — G. Caccini arr. Neville Pace**




Bla ebda dubju l-Ave Maria tibqa' waħda mill-iktar kompożizzjonijiet popolari. Fil-fatt insibu diversi verżjonijiet tagħha. Giulio Caccini bħal ħafna oħra fost ix-xogħlijiet tiegħu ma naqasx li jkollu l-Ave Maria. Dan il-kompożitur Taljan li għex fi żmien ir-Rinaxximent kiteb diversi opri u siltiet mużikali oħra. L-arranġament li se ddoqq l-banda tal-Imġarr sar mill-Assistent Surmast Neville Pace. Il-vuċi se tkun ta' George Zammit.

**Selezzjoni — Fiddler on the Roof — arr. Vor L. Sharpe (Solista: Joseph Mallia)**




Mingħajr ebda dubju l-*musical* Fiddler on the Roof żgur li kulħadd sema' bih. *Musical* ħelu li jittratta l-ħajja li kienu jgħixu l-familji Lhud taħt l-Imperu Ruman fil-bidu tas-seklu 20. Fil-fatt jibbaża fuq il-familja ta' Tevye u l-ħames uliedu bniet u l-isforz biex iżomm ħajjin it-tradizzjonijiet Lhud. Il-banda se tagħtina selezzjoni minn dan il-*musical* popolari. Fost il-kanzunetti li se nisimgħu nsibu *If I Were A Rich Man, Tradition, Sunrise Sunset* u oħrajn. Waqt din is-silta l-banda se tkun akkumpanjata mis-solista Joseph Mallia bil-vjolin. Din il-kompożizzjoni għandha arranġament ta' Vor L. Sharpe.

**Kanzunetta — I Will Always Love You — arr. A. Belli**




I Will Always Love You hija kanzunetta oriġinarjament miktuba mill-kantanta u awtriċi Amerikana Dolly Parton. Fil-fatt din is-silta ħarġet fis-6 ta' Ġunju 1974 u kienet tifforma parti mill-album ta'

Parton, Jolene. Fl-1992 din il-kanzunetta ġiet rrekordjata wkoll minn Whitney Houston. L-arranġament li se ddoqq il-banda tagħna hu dak ta' Aurelio Belli u se tkanta l-kantanta Mġarrija Michaela Galea.




**Selezzjoni The Magic of Mozart arr. Rita Defoort**

André Waignein huwa kompożitur Belġjan imwieled f'Mouscron fit-28 ta' Jannar 1942. Hu magħruf ħafna għal repertorju vast li għandu għal *concert bands* li jammonta 'l fuq minn sitt mitt biċċa xogħol. André huwa għalliem fir-Royal Conservatory ta' Brussels, kif ukoll direttur tal-Konservatorju ta' Tournai.

Ħafna drabi hu jiffirma taħt l-isem ta' Rita Defoort, li hu meħud mill-isem ta' martu




**Silta Follow the Beat Jan Ceulemans**

Il-kompożizzjoni *Follow The Beat* ta' Jan Ceulemans hija silta oriġinali miktuba għal *concert band*. Għalkemm din is-silta hija kemxejn qasira wieħed irid japprezza l-ħila tal-mużiċisti fejn jidħol ritmu, *off-beats* u sens ta' *team work* billi t-temp ta' din is-silta huwa wieħed kemxejn mgħaġġel. Ceulemans ma naqasx milli jdaħħal solo fuq id-*drumkit* fejn jelabora u jikkumplimenta ma' ritmu li jkunu qed jagħmlu l-istrumenti l-oħra qabel. Fil-fatt *Follow The Beat* kif jindika l-isem stess hija *show piece* għall-mużiċisti fejn jidħol għaġġla u ritmu.




**Overture Italian Festival Glenn Osser**

L-*Overture* Italian Festival inkitbet minn Glenn Osser fl-1958. Hi tiġbor diversi siltiet popolari li għandhom xeħta Taljana. Fosthom insibu *Summertime in Venice*, tema ta' mħabba minn La Strada u Anema e Core. Din l-*overture* żgur se togħġob lil dawk kollha li jħobbu l-mużika Taljana peress li hi mexxejja u tal-widna.




**Tema Alexander arr. Frank Bernaerts**

It-tema Alexander oriġinarjament inkitbet minn Vangelis fl-2004. Alexander jittratta dwar Alessandru l-Kbir li kien mill-Maċedonja u li xerred il-kultura Griega. Vangelis ukoll huwa Grieg u kien diġà sar popolari bil-kompożizzjonijiet tiegħu *Conquest of Paradise*, Blade Runner u Chariots of fire. It-tema Alexander kompliet iżżid il-popolarità ta' dan il-kompożitur. L-arranġament li se ddoqq il-banda sar minn *Frank Bernaerts*




**Kanzunetta Whenever Wherever arr. Frank Bernaerts**

Il-kanzunetta *Whenever Whenever* hi kompożizzjoni riċenti li tfakkarna fil-kantanta Kolombjana Shakira. Fil-fatt din il-kanzunetta ħarġet fl-2001 u għadha tgawdi popolarità kbira sal-lum. Ħafna jgħidu li din il-kanzunetta kienet propju s-silta li għamlet popolari lil Shakira. Il-kantanta Michaela Galea se tinterpreta din il-kanzunetta li għal darb'oħra għandna arranġament ta' Frank Bernaerts.

**Marċ Militari** **Them Basses** **G.H. Huffine**




Getty Herschel Huffine kien kompożitur Amerikan. Hu kien idoqq it-trumbun u t-tuba. Hu twieled f'Kentucky, l-ikbar fost erbat itfal. Meta fl-1907 ġiet mwaqqfa l-*band* lokali Bowling Green hu kien jaħdem ma' fabbrika li timmanifattura l-marloċċ tal-imnanar. Hu kien ġie aċċettat li jifforma parti minn din il-*band* bil-kundizzjoni li jitgħallem idoqq it-trumbun tal-valvi. Huffine hekk għamel u tgħallem ukoll it-tuba, l-armonija, il-kontrapunt u l-kompożizzjoni. Hu qatta' diversi snin idoqq ma' baned f'ċirkli professjonali u diversi xows oħra. Hu ħadem ukoll għall-C.L. Barnhouse bħala kittieb tal-mużika. Fl-1919, Huffine mar joqgħod f'Binghamton, New York, hemm kien idoqq it-tuba fil-Endicott-Johnson Shoe Factory Band u kien idoqq il-kurunetta, it-trumbun u l-baxx tal-kordi. Them Basses hu xogħol tal-1924, u l-aktar marċ popolari ta' Huffine. Dan il-marċ hu iktar mgħaġġel mill-marċi militari tradizzjonali u intenzjonat biex iżomm l-udjenza anzjuża. It-temp mgħaġġel li għandu dan il-marċ jisfida lill-mużiċisti bl-iskali tan-noti mużikali li fih matulu.

Kun parti mill-banda tiegħek
u ssieħeb membru
fis-Soċjetà Filarmonika
"Marija Mtellgħa s-Sema"
biex tgħinna nkomplu
mexjin 'il quddiem
għall-ġid tiegħek u tal-Imġarr kollu



# Toroq minn fejn se jgħaddu l-baned mistiedna

## Il-Ħamis 20 ta' Awwissu, 2015

Il-Banda Beland taż-Żejtun fit-8.30 pm tibda marċ li jgħaddi minn dawn it-toroq: Misq, Vanilja, Ġulepp, Ħarruba, Amaroz, Aroma, Plejju, L-Ispika, Plejju, Magħkuba, Banjijiet Rumani, Fisher, San Pietru, Ramiro Calì, Sir Harry Luke, Wesgħat il-Ġublew

## Is-Sibt 22 ta' Awwissu, 2015

Il-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta fit-8.30 pm tibda marċ li jgħaddi minn dawn it-toroq:
Fisher c/w San Filippu, Konkors Teatrali, San Pawl, San Franġisk, San Piju, Il-Kbira, Wesgħat il-Ġublew

## Il-Ħadd 23 ta' Awwissu, 2015

Il-Banda Imperial tal-Mellieħa fis-6.00 pm iddoqq marċi brijużi f'dawn it-toroq: Wesgħat il-Ġublew, Il-Kbira, Vitale, San Pawl, Sir Harry Luke, Wesgħat il-Ġublew.

**7 pm** Il-Banda Imperial tal-Mellieħa takkumpanja l-ħruġ tal-purċissjoni.

**9 pm** Il-Banda Imperial tal-Mellieħa tilqa' l-purċissjoni fi Triq San Pawl u takkumpanja f'dawn it-toroq: San Pawl, Santa Marija, Ramiro Calì, Sir Harry Luke, Wesgħat il-Ġublew.

© Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti minn din il-pubblikazzjoni mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà



# Innijiet u marċi proċessjonali li se jindaqqu mill-Banda

## *fil-Festa ta' Santa Marija 2015*

Innu tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema ........................................... Mużika: Mario Testa
Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi

Innu Popolari "L-Imġarr Iben Marija" .................................. Mużika: Vincenzo Ciappara
Lirika: Ġanni Cilia

Innu Marċ "Sultana tal-Imġarr" ................................................ Mużika: Tancred Grech
Lirika: Joe Julian Farrugia

F'Jum il-Festa ..........................................................................Mużika: Mary Cauchi
Lirika: Joe Sammut

Auxilium Christianorum .......................................................................Neville Pace

Marcia Professionale No 1 ..................................................................Ray Sciberras

Marica Professionale No 2 ..................................................................Ray Sciberras

F'Dik Ħarstek Ħanina ...................................................................... Arr. Ray Sciberras

Fil-Ħlewwa ta' Mejju ...................................................................... Arr. Ray Sciberras

Fis-Santwarju tal-Madonna ........................................................ Arr. Ronnie Debattista

Innu ta' Fatima ............................................................................ Arr. Ray Sciberras

Ismagħha l-Għanja ....................................................................Arr. Ronnie Debattista

Lil Marija Reġina .......................................................................... Arr. Ray Sciberras

Madonna Sbejħa Tagħna .................................................................. Arr. Ray Sciberras

Oh Kemm Nixtieq Naraha ............................................................Arr. Ronnie Debattista

Angelus ......................................................................................... Arr. Ray Sciberras

Ave Maria ....................................................................................Arr. Ronnie Debattista

Inħarsu l-festa tagħna b'dinjità u devozzjoni
lejn il-Patruna tagħna

# Santa Marija Mtellgħa s-Sema



# Marċi brijużi li se jindaqqu mill-Banda

## *fil-Festa ta' Santa Marija 2015*

| | |
|---|---|
| Matthias | Tancred Grech |
| Zenga | Neville Pace |
| Kumitat 2011-2012 | Mario Testa |
| Echo of the Emeralds | Luigi Bongaillas |
| Pablito | Archibald Mizzi |
| Il-Famuża Koppla | Willie Attard |
| Tal-Qalba | Joseph Busuttil |
| Munchengladbach | David Caruana |
| Leona | David Caruana |
| Nigel | Mario Testa |
| Sorrento | Orazio Cachia |
| The King | Archibald Mizzi |
| Nicole | Neville Pace |
| Allegro con fuoco | Victor Vella |
| Santiego de Cuba | Joseph Abela Scolaro |
| Il-Ħbieb | Hector Dalli |
| Martina | Peter Cini |
| Come on the Stripes | Maj. Anthony Aquilina |
| Chinese Rose | Joseph Azzopardi |
| Appasionata | Joseph Abela Scolaro |
| Blue Banner | Luigi Bongaillas |
| Nathan il-King | Tancred Grech |
| Kumissjoni Banda | Ray Sciberras |
| It-Two | Michael Bugelli |
| Agrigento | Andrew Coleiro |
| Cardenia | Hector Dalli |
| Coronation | Joseph Azzopardi |
| L.I.F.E. | Julius Tanti |
| Santos | David Agius |
| Bernardette | Ronnie Pisani |
| St Petersburgh | David Caruana |
| Victory | Vincenzo Ciappara |
| Golden Jubille | Emanuel Bugeja |
| Charlotte | Alex Caruana |
| | Arr. Simon Farrugia |
| Gillu | Ray Fenech |

Surmast Direttur Mro Tancred Grech FLCM, B.A.,(Hons) Music, LLCM, PGCE



# Bandisti u Allievi

## *Sezzjoni strumenti tal-qasba*



*Wara mix-xellug: Semira Galea (Flawt), Martina Gatt (Klarinett), Elisa Cilia (Flawt), Oriana Farrugia (Klarinett), Francesca Mifsud, Michaela Mifsud u Rosemarie Abela (Flawt). Quddiem mix-xellug: Caroline Gatt (Klarinett), Jean Chircop, Kasey Muscay, Mro Neville Pace (Assistent Surmast), Miriana Muscat, Ryan Debrincat u Jade Marie Falzon (Alto Sax). Mhux fir-ritratt: Kristina Mifsud (klarinett), Mariah Muscat (klarinett) u Maylene Muscat (Klarinett).*

## *Sezzjoni strumenti tar-ramm u perkussjoni*



*Wara mix-xellug: Kurt Muscat (Ewfonju), Matthew Vella (Kurunetta), Nicholas Apap Bologna (Kurunetta), Jade Marie Falzon (Alto Sax), Samuel Muscat (Kurunetta) u Eżekjel Gauci (Althorn). Quddiem mix-xellug: Sandro Muscat (Baxx), Gaghel Gauci, Mro Tancred Grech (Surmast Direttur), Andre Muscat (Tambur) u Joe Debono (Baxx). Nieqsa mir-rittratt: Rose Apap Bologna (Cornet) u Owen Galea (Kurunetta)*

# *Banda Marija Mtellgħa s-Sema*



*Wara mix-xellug: Semira Galea (Flawt), Elisa Cilia (Flawt), ), Nicholas Apap Bologna (Kurunetta), Martina Gatt (Klarinett), Caroline Gatt (Karinett) Oriana Maria Farrugia (Klarinett) u Rosemarie Abela (Flawt).*
*Quddiem mix-xellug: Sandro Muscat (Baxx), Andre Muscat (Tambur), Mro Tancred Grech (Surmast Direttur), Mro Neville Pace (Assistent Surmast), Matthew Vella (Kurunetta) u Jade Marie Falzon (Alto Sax).*
*Nieqsa mir-rittratt: Owen Galea (Kurunetta),Maylene Muscat (Klarinett) u Mariah Muscat (Klarinett).*



*Owen Galea-Kurunetta*



*Maylene Muscat- Klarinett*



*Mariah Muscat-Klarinett*

# PROSIT!

Il-bandisti tagħna Matthew Vella u Semira Galea jiksbu distinction fl-ewwel grad tat-teorija tal-London College of Music.



*Semira Galea*



*Matthew Vella*



# Servizzi Mużikali li għamilna matul is-sena

| Data | Attività | Lokal |
|---|---|---|
| 1 ta' Mejju, 2015 | Pussess tal-Kappillan Dun Kalċ Vassallo | L-Imġarr |
| 10 ta' Mejju, 2015 | Tifkira vittmi tal-gwerra | L-Imġarr |
| 17 ta' Mejju, 2015 | Maratona ta' *fund raising* Kulleġġ San Andrea | L-Imġarr |
| 5 ta' Ġunju, 2015 | Flimkien għall-Banda | L-Imġarr |
| 7 ta' Ġunju, 2015 | Festa Corpus Christi | L-Imġarr |
| 22 ta' Lulju, 2015 | Festa Marija Addolorata | San Pawl il-Baħar |
| 27 ta' Lulju, 2015 | Festa Ġesù Salvatur | Ħal Lija |
| 16 ta' Awwissu, 2015 | Programm Mużika Sagra Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 18 ta' Awwissu, 2015 | Jum it-tfal -Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 21 ta'Awwissu, 2015 | Marċ brijuż tal-aħħar jum tat-Tridu Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 22 ta' Awwissu, 2015 | Transulazzjoni – Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 22 ta' Awwissu, 2015 | Marċ u Programm Vokali u Strumentali Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 23 ta' Awwissu, 2015 | Purċissjoni u Programm Mużikali Festa Santa Marija | L-Imġarr |

*Fil-Festa*
*għid ir-Rużarju*
*mal-Familja*
*u tkun tajt*
*l-isbaħ rigal*
*lil Santa Marija*



Eclipse
Stationery

9, Fisher Road,
L-Imġarr Malta
Tel: 2152 5248

*Stationery, Toys*
*& Gifts*
*Photocopy Service*
*Binding & Book*
*Covering Service,*
*etc.*



**ACCOUNTS**
**PRIVATE**
**TUITION**



**COURSES STARTING SOON**

- ORDINARY LEVEL
- INTERMEDIATE LEVEL
- ADVANCED LEVEL
- OTHERS

Individual attention
Small groups
Course notes provided

Ms F. Borg B. Accty (Hons.), MIA, CPA

Mob No: 7909 2845



**Abela Grocery**

*...For all your grocery needs!*

Proprietor: Mr. B. Abela

15, Wesgħet il-Ġublew, Mġarr MGR 1040
**Tel: 2157 4817**

*Free Delivery*



# Il-klarinett

**Tagħrif miġbur minn Neville Pace**

Minn sempliċi biċċa *pipe* li kien jintuża fi żmien il-preistorja, nistgħu ngħidu li fis-sena 1700 Johann Christian Denner minn Nuremberg, kien il-moħħ li vvinta l-Klarinett. Fil-fatt l-iktar ħaġa li laqtet lill-eluf ta' nies, hi li f'ħafna snin dan l-istrument ta' potenzjal daqshekk kbir waqaf milli jkompli jiġi żviluppat għal aħjar sistemi. Jidher li f'ħafna żminijiet strumenti ta' qasba doppja u qasba waħda kienu jeżistu f' ħafna kulturi differenti. Qasab kienu jinqatgħu minn tubi kbar u twal u ta' kull daqs minn ħafna għelieqi kbar f' ħafna pajjiżi.

Il-Klarinett ma ġiex ivvintat kif nafuh illum imma kien biċċa qasba dritta u rqiqa li kienu jsejħulha Chalumeau li tfisser qasba żgħira. Fil-fatt din it-tip ta' qasba ma setgħetx tiġi żviluppata fi klarinett għal ċertu żmien u għalhekk bil-kapaċità u l-intelliġenza li kellu Johann Christian Denner biddel din l-ispeċi ta' qasba fi strument illi maż-żminijiet għamel kambjament enormi u suċċessi mad-dinja kollha fix-xeni mużikali. Il-Klarinett huwa l-unika strument mill-*woodwinds* li kien ivvintat, iktar milli ġie żviluppat.

Matul iż-żminijiet il-Klarinett ma waqafx milli jkompli jiġi żviluppat sakemm J C Denner u t-tfal tiegħu komplew jaħdmu biex dan l-istrument ikollu suċċessi akbar u jkun ta' aktar flessibilità għall-mużiċist li jkun ser idoqqu.



*Il-Familja tal Klarinetti : L- ewwel mix- xellug Eb Clarinet, jew Kwartin, it- tieni Bb Clarinet, it- tielet Eb Alto Clarinet, ir - raba' Basset-Horn, il- ħames Bb Bass Clarinet u l- aħħar wieħed Contra Alto Clarinet.*

*Żomm 'il bogħod mid-DROGA*

Għid **LE** għad-droga

**MĠARR SNACK BAR** (Tal-Baġlu)

*Sir Harry Luke Street, L-Imġarr*

Open daily for Tea, toast & light snacks
Appetizers are served with drinks
Wish all clients a happy feast

Stitch by Stitch

*Fr. Edgar Street, Mġarr*
*Mob: 9989 1105*
**Outerwear, Underwear, Footwear, Accessories,**
**Household Goods & Home Furnishings.**





# L-Imġarr u Niesu
## *Tifkiriet ta' Nostalġija*

**Kitba ta' Joe Quattromani**

F'nofs is-snin disgħin, bħala organizzatur mad-Dipartiment tal-Kultura, kont responsabbli, Ħadd iva u Ħadd le, norganizza, flimkien ma' membri oħra tal-istaff, 'Żjarat Kulturali għal Kulħadd'. Bdejna tajjeb ħafna, in-nies ikkonkorriet. Sittax-il *coach* imballati, nitilqu minn Saint Francis Ravelin fid-9.00 ta' filgħodu, għal postijiet kulturali/storiċi differenti, ippjanati minn qabel, akkumpanjati minn gwidi professjonali. Naslu lura għall-ħabta tan-nofsiegħa.

L-interess u l-entużjażmu li bdew juru n-nies kien inkoraġġanti mill-bidu nett. Ħdimna fuq programmi differenti għal xi snin wara. Però kellna nieqfu għal ftit. Għall-programm ta' wara, ħsibna x'nistgħu nintroduċu differenti biex inżewquhom. Ħriġna bl-idea li kull darba li noħorġu f'wieħed mill-postijiet/lokalitajjiet li nżuru, jinkiteb skript apposta u jiġi rreċtat quddiem il-folla preżenti. Esperiment li niżel għasel għal kulħadd, x'aktarx, aktar mix-xarba friska u panina li konna nqassmu fis-sajf, jew il-kikkra te, kafè jew kokotina, b'xi qassata, fil-Ħdud xitwin!

L-iskripts ġejt mitlub biex niktibhom jien, u nħtieġu ċerti kriterji.

1. Il-kitba riedet tkun bil-Malti.
2. Ried ikun twil biżżejjed biex jittieħed għal udjenza bilwieqfa.
3. Is-suġġett ried ikun ta' valur storiku/kulturali, b'konnessjoni diretta mal-lokal.
4. Ried ikun mexxej u jiftiehem.

Dan inħadem fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Imġarr, sewwasew, għaxar snin ilu, waqt żjara kulturali għal Ta' Skorba, f'April/Mejju 2005.

Jieħdu sehem tliet karattri: In-Narratur, maħduma minn Joe Quattromani, Mons. Salomone, parti interpretata minn Manuel Cassar u s-Sinjorina Ġużeppina Camilleri, parti maħduma minn Martha Quattromani.

### Xena 1:

**Narratur**: L-Imġarr, ir-raħal agrikolu, kwiet u nadif, għalkemm pjuttost żgħir, għandu storja interessanti li teħodna lura, saħansitra sekli qabel Kristu. Nafu fl-Iskorba, barra t-tempji u fdalijiet megalitiċi, instabu oqbra puniċi u Cart Ruts - Raddet ir-Roti. Ta' Ħaġrat, sal-lum għadu jgawdi preservazzjoni tajba, waqt li f'Binġemma nstabu għerien differenti, magħrufin bħala Għerien il-Lhud. Interessanti wkoll il-katakombi f'Tar-Ragħad. U ma nistgħux ma nsemmux il-banjijiet Rumani, fit-triq li mill-Imġarr twassalna sal-bajja pittoreska b'ramel dehbi, il-Bajja ta' Għajn Tuffieħa.

Fl-istorja tagħna se naraw kif dan il-lokal tal-Imġarr, maż-żmien, beda jikber u jiżviluppa. Se niltaqgħu wkoll ma' persunaġġ, li għalkemm mhux mill-Imġarr, huwa sinonimu ma' dan ir-raħal u niesu. Mons. Salomone, jew kif kien jafu kulħadd, Dun Edgar, inħatar kappillan ta' din il-parroċċa fl-1930, wara għaxar snin jaħdem hawnhekk bħala saċerdot, u meta l-bini



Dun Edgar Salamone



Is-Surmast Ganni A. Cilia




Ritratti antiki tal-pjazza tal-Imġarr qabel inbniet il-Knisja dedikata lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema.

tal-knisja l-ġdida kien wasal biss sal-ewwel ordni, saħansitra kellu jieqaf minħabba nuqqas ta' finanzi.

F'Marzu tal-1931, l-Arċisqof Caruana ħatar ġunta amministrattiva biex tgħin lil Dun Edgar fix-xogħol għat-tkomplija tal-knisja. Fosthom issejħu, Ġanni Cilia, is-Surmast tal-Iskola, u l-imgħallem bennej għaref u għaqli, Ġamri Camilleri, imlaqqam - Is-Saqqafi.

(Mons. Salomone jidher ħiereġ mill-bieb prinċipali tal-Knisja. In-Narratur jersaq lejh).

**Narratur**: Mons. Salomone, Sur Kappillan. Qed inħejji kitba fuq l-Imġarr. Tippermettili nagħmillek xi domandi, jekk jogħġbok?

**Mons. Salomone**: Mela le, isbaħ din! Tista' tibda.

**Narratur**: Mons. Salomone, kif bdiet ir-rabta tiegħek mal-Imġarr?

**Mons. Salomone**: Wara snin inservi ta' saċerdot f'Tas-Sliema u l-Mosta, ingħatajt xogħol pastorali fir-raħal sabiħ u kwiet tal-Imġarr. Għaddew 10 snin u Mons. Arċisqof Caruana ħatarni Kappillan. Fis-snin ta' qabel sirt midħla sew kif kienu sejrin l-affarijiet fuq il-knisja tagħna. In-nies tal-parroċċa tagħna, dak iż-żmien, kważi kollha bdiewa u raħħala, kienu jgħoddu mal-2,000 ruħ. Lili kienu jirrispettawni u jħobbuni ħafna. Jien l-istess. Nistqarr li dan il-poplu kien ilu żmien li daħal sew f'qalbi.

**Narratur:** Jingħad li meta sirt Kappillan int, ix-xogħol fuq il-bini tal-knisja kien ilu wieqaf.

**Mons. Salomone:** Il-proġett tal-bini tal-knisja kien wieħed kbir u qaddis, imma kemxejn ambizzjuż għal raħal żgħir u umli bħall-Imġarr. Ma kienx faċli għall-Kappillan Chetcuti, ta' qabli, biex waħdu jidħol għal xogħol u spejjeż daqshekk kbar.

**Narratur:** Allura int x'għamilt?

**Mons. Salomone**: Kien jeħtieġli l-għajnuna, mhux talb biss. Biex inkompli l-proġett li kien f'diffikultà, kelli bżonn il-finanzi, flus kbar. It-talb u l-providenza kienet se tagħmel xogħolha, imma aħna ridna nagħmlu l-bqija. Kont naf ħafna nies, mhux Maltin biss. Ħsibna li nkabbru ċ-ċirku. Barra l-parruċċani kellna bżonn ħbieb galantomi. Ġanni Cilia, s-Surmast, beda jorganizza l-fieri u l-lotteriji li kienu jħallu erba' soldi ġmielhom. Bdejna nħeġġu lill-familji tar-raħal għall-għotja ta' bajda fil-ġimgħa għall-knisja, inizjattivi li ħallew profitti.

**Narratur:** Imma dan kien biżżejjed?

**Mons. Salomone:** Jien bdejt nikteb fil-ġurnali, bil-Malti u bl-Ingliż, u fil-Leħen is-Sewwa, litteralment nitkarrab biex noħloq kuxjenza nazzjonali dwar dak kollu li konna qed nagħmlu jew li kellna l-ħsieb li nagħmlu.

Ħdimna bil-għaqal. Irsistejna li jinżammu rendikonti ta' kollox. Sal-aħħar bqajna nagħtu sodisfazzjon lill-benefatturi ta' kull sold li nġabar u kif intefaq. Għax konna serji, il-flus u l-għotjiet bdew ġejjin minn kullimkien. Saħansitra mill-Gvernaturi, William Fisher u Bonham Carter, u minn Sir Harry Luke, il-Logotenent Gvernatur Ingliż.

**Narratur:** Taħseb li kont midħla sew tal-Ingliżi, għenitek?

**Mons. Salomone:** Ħafna. Bla dubju. L-aktar meta rnexxieli nikkonvinċi lill-mexxejja u l-kbarat tal-pajjiż, dawk reliġjużi u dawk ċivili, jersqu lejn l-Imġarr. Tlabthom biex jiġu u jaraw b'għajnejhom stess, ix-xogħol li kien qed isir. Mhux biss tal-knisja, iżda wkoll taz-zuntier, tal-pjazza, tat-toroq, tal-muniċipju u l-berġa. Niftiehmu, dawn ix-xogħlijiet kollha ma sarux f'ġimgħa waħda. Ridna u ħadulna xhur u snin ta› xogħol, tbatija, sagrifiċċji u qtigħ ta' qalb. Dejjem afdajna fil-ġenerożità tal-Maltin kollha. Dejjem tlabna lil Alla u l-Providenza, lil Ommna Marija – il-Madonna, li lilha kellha tkun iddedikata din il-knisja. Bqajna nemmnu fit-talb u l-mirakli. Għax it-talb sar b'ħeġġa mill-qalb, il-miraklu twettaq. Konvint li min jitlob jaqla'.



*A. Il-bini qadim li kien quddiem il-knisja. B. L-istess post wara li twaqqa' l-bini fl-1934. Ċ. L-istess post biz-zuntier u ċ-Ċentru Ċiviku. D. Jinqata' l-blat biex titbaxxa Wesgħat il-Ġublew.* Ħajr: A. Vella

*Fuq, mix-xellug, il-bini qadim li fl-imgħoddi kien hemm quddiem il-Knisja; ir-ritratt ta' fuq, li hemm fin-naħa tal-lemin, juri l-istess post wara li twaqqa' l-bini fl-1934. Ir-ritratt t'isfel tax-xellug juri l-istess post biz-zuntier u ċ-ċentru ċiviku, filwaqt li l-aħħar ritratt juri t-tqattigħ tal-blat biex tbaxxiet Wesgħat il-Ġublew.*

**Narratur:** Monsinjur, għandek xi ġrajja interessanti x'tirrakkonta, xi episodju li tiftakar? Mhux bilfors sabiħ u tajjeb. Jista' jkun ikrah ukoll? (tersaq fil-qrib is-Sinjorina Ġużeppina Camilleri - għalliema).

**Sinjorina Ġużeppina**: Skużani se nindaħal, iżda mhux faċli tirrakkonta ġrajja jew episodju fl-istorja ta' poplu fi ftit sentenzi. Tippermettili nirrispondi jien għal din id-domanda, Monsinjur?

**Mons. Salomone**: Isbaħ din! Is-Sinjorina Ġużeppina Camilleri hija għalliema fl-iskola primarja tal-bniet. L-istorja tal-Imġarr studjatha u tiftakarha wisq aktar minni.

**Sinjorina Ġużeppina**: Matul is-snin li damet tinbena l-knisja, għandna bosta episodji b'memorji sbieħ jew koroh. Jekk jippermettili l-Monsinjur, xtaqt nibda bid-diżgrazzja li ġrat fl-1935. Diżgrazzja li ħasdet lil kulħadd.

Lejla waħda, waqt li l-kapu mastru, l-Imgħallem Ġamri Camilleri, kien jerfa' l-għodda fil-kampnar, wara ġurnata xogħol, u kellu miegħu lis-Surmast Cilia, ipprova jidħol ħdejhom Salvu Vella, wieħed mill-bennejja. Il-portiku kien għadu mhux imsaqqaf. Biex jaqsam min-naħa għall-oħra kien meħtieġ li tgħaddi minn fuq tavlun. Waqt li Salvu Vella kien qed jaqsam, it-tavlun inqasam bih u Salvu waqa' għal isfel, għoli ta' tliet sulari. B'xorti ħażina spiċċa f'bajla tajn u weġġa' sewwa. Ħaduh l-isptar u qatta' hemm xi ġimgħat. Għall-grazzja t'Alla u tal-Madonna, ħelisha mill-mewt, iżda kellu jieqaf mix-xogħol ħesrem, u baqa' mmankat, izappap għal għomru.

**Narratur:** Grazzi Sinjorina. Nitolbok tibqa' hawn. Din mingħandek, Monsinjur. Xtaqtek issemmili l-każ tal-perit li suppost kien responsabbli għall-pjanti.

**Mons. Salomone**: Eh iva. Dak kien inkwetani ħafna. Dak l-imbierek kien dejjem iwiegħed u ma jasal qatt. Niftiehmu, kien hemm oħrajn warajh li bħalu, donnhom qatgħu qalbhom u telqu. Iżda jien le. Kif jgħidu l-Ingliżi, "where there is a will, there is a way".

**Narratur**: Nixtieq issa ssemmuli xi okkażjoni sabiħa.

**Sinjorina Ġużeppina:** Okkażjonijiet sbieħ kellna bosta. Waħda li ma ninsew qatt seħħet fil-11 ta' Ġunju, 1936, meta saret l-inawgurazzjoni tal-pjazza. Dun Edgar l-għaxqa tiegħu jistieden il-kbarat kollha tal-pajjiż, fosthom il-Gvernatur Bonham Carter u s-sinjura tiegħu. Kien mistieden ukoll Sir Harry Luke. Il-pjazza mżejna għall-okkażjoni, kienet maħnuqa bin-nies. Nies minn Malta kollha. Saru diskorsi sbieħ u l-ferħ fuq wiċċ kulħadd kien kbir. Dakinhar, speċjalment l-Imġarrin ħerqana, kienu jistennew jaraw il-knisja monument tagħna lesta.

**Narratur:** Imma kien għad baqgħalkom x'tistennew?

**Sinjorina Ġużeppina:** Iva, tliet snin oħra. Fit-13 t'Awwissu tal-1939, għall-grazzja t'Alla sar it-tberik tal-knisja. Dakinhar ukoll saret festa kbira li mhux se tintesa malajr. Il-knisja, iddedikata lil Ommna Marija Mtellgħa


*Purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija xi snin wara.*

Ritratt ta' Ġ.A. Cilia

*Ritratt mill-ktieb ta' Ganni A. Cilia li juri l-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija*



*Gaj ta' ħaddiema eroj tal-bini tal-Knisja:* Hajr: Mary Xuereb

*Weqfin: Franġisk Quattromani tal-Germud, Piju u Ġanni Muscat ta' Grezzju tal-Qôtlu, Ġużepp Sammut ta' Żdejru, Ġużepp Galea ta' Lucia, Ġamri Deguara ta' Ġużepp il-Bibru u Mikiel Gauci ċ-Ciappella.*

*Bil-qiegħda: Grezzju Camilleri s-Saqqafi, Anġlu Borg ir-Rabti/il-Qolli, Toni u ħuh Ġamri Camilleri tas-Saqqafi, Teodoru Muscat ta' Grezzju tal-Qôtlu, Manwel Deguara ta' Indri l-Bibru, u Piju Camilleri ta' Xandru tas-Saqqafi.*

*Ritratt meħud mill-ktieb tas-Surmast Cilia li juri nies li ħadmu fil-proġett tal-Knisja tal-Imġarr*

s-Sema, tbierket minn Monsinjur Chetcuti, l-Kappillan, li beda l-proġett. Kif kien xieraq, kien assistit minn żewġ saċerdoti Mġarrin - Dun Ġużepp Micallef u Dun Oratio Vella. Dan tal-aħħar għamel id-diskors ta' tifħir lill-Madonna u eloġju lill-Monsinjur, Edgar Salomone.

Għad-daqq tal-qniepen ferrieħa ħierġa mill-kampnar tal-knisja, Dun Oratio Vella qal hekk:

"Your Excellency, Lady Bonham Carter, Sir Harry Luke, Onorevoli Sinjuri preżenti, għażiż Monsinjur Chetcuti, maħbub Kappillan tagħna. Dun Edgar, sħabi saċerdoti, ħuti Mġarrin, nagħtikom merħba. Il-ġurnata tal-lum, hija ġurnata għażiża wisq għar-raħal tagħna u se tibqa' minquxa b'ittri tad-deheb fl-istorja tagħna.

Inġbarna hawnhekk bi ħġarna, quddiem dan it-tempju mqaddes, biex flimkien niżżuħajr lil Alla tal-grazzji kbar li xerred fuqna u biex nitolbu lil Ommna Marija Mtellgħa s-Sema, biex ma tehda qatt iżżomm idejha fuqna. Nitolbuha biex ta' kuljum tħares fuqna u tbiegħed minna kull tiġrib tar-ruħ u tal-ġisem.

U l-Imġarr kollu llum, u nittamaw li dejjem, jistqarr li jibqa' jafhulu 'l Missier li għoġbu jagħtina dan ir-rigal kbir u għażiż. Meta fiż-żmien li ġej jara din ix-xbieha tleqq maż-żernieq, jibqa' jiftakar fil-ħidma sfieqa li ta l-poplu Mġarri flimkien mar-ragħaj tiegħu, Il-Monsinjur Dun Edgar Salomone."

**Narratur:** Wara t-tberik tal-Knisja, bħala ringrazzjament lil Alla, tkanta t-Te Deum. Il-folol kbar ta' nies li attendew minn kull rokna ta' Malta nfexxew f'ċapċip kbir waqt li l-qniepen daqqew moti ferrieħa.

**Għeluq:** Xi ħadd minnkom il-qarrejja forsi jistaqsi: Għaliex ktibt dwar dan is-suġġett?

Għax dan l-episodju? Għaliex ibbażajt din il-kitba primarjament fuq Mons. Edgar Salomone?

Għax f'Novembru tal-1916, meta Dun Edgar Salomone kien id-Direttur Spiritwali tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta, kien hu li waqqaf l-ewwel truppa ta' Boy Scouts fil-Mosta. Kemm missieri Emanuel u anke z-ziju Andrew Frendo - ħu ommi, kienu wħud mill-ewwel membri tiegħu.



*Il-Knisja armata għall-festa ta' Santa Marija*

Meta kien għadni tifel, il-papà spiss kien isemmi lil Mons. Salomone. Naf li wara servizz fil-Mosta, kien inħatar Kappillan tal-Imġarr. Id-dar tagħna kellna memorji sbieħ tiegħu. Mal-familja, mhux darba jew tnejn tlajna s'għandu. Il-papà kien jgħid li Dun Edgar ħadem ħafna fil-volontarjat. Kien benefattur maħbub minn kulħadd.

Fost it-tifkiriet li ħalla warajh missieri, huma xi ritratti, fosthom mal-grupp tal-Iscouts, tfal u żgħażagħ, libsin l-uniformi komplita, bil-maktur, kappell tal-ponta, u bnadar b'arma tal-Mosta u ta' Malta, bit-tabella, 'MOSTA ORATORY TROOP', bil-Monsinjur bilqiegħda f'nofshom.


**Referenzi**

L-Imgarr niesu tifkiriet ta nostalgija...

Ir-ritratt *black and white* fuqu kiteb messaġġ, 'To Manuel, my old boy and friend'. Iffirmat, Dun Edgar, l-annu 1917.

Rittratti meħuda mill-ktieb L-Imġarr Matul iż-żminijiet ,X'Naf u X'Niftakar Dwaru.Ganni A.Cilia. 1998, Colour image Mgarr.


Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jirreklama f'din il-pubblikazzjoni, nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel użu mill-prodotti u s-servizzi reklamati.











# Bidu tal-ħidma pastorali ta' Mons. Kalċidon Vassallo fl-Imġarr

**1 ta' Mejju, 2015**




Corpus Christi
7 ta' Ġunju, 2015



**Mario Calleja**
**Crane Services**
**for Hire**
**Mob: 99265419**

**V&A Detergent Shop**
**Fisher Road cw St. Mary Street Mġarr**
**Tel: 2701 3380**

For all your toiletry needs, detergents, household, swimming equipment, costume jewellery etc.

*We make Gift Vouchers*

We give €**11.65** voucher when you spend €**349.06**

Ta' L-Ingliz
Fenkata Restaurant

59,
Triq il-Kbira,
Mgarr
Tel: 2157 4605
Mob: 79704489



tomabnina@gmail.com
(+356) 99855261 / 99479721

Tomabnina
WINE
Room

NO.2, TRIQ DUN EDGAR C/W SQAQ NRU. 1,
MGARR, MALTA

Paper Dolls
Boutique & Shoes




Always the latest Fashion Clothes.
Ladies sports wear; Walking, Keepfit,
Slimming, Gym, Zumba

**Sir Harry Luke Street, Mġarr**
**Tel: 21579073**

# C Gatt Midland Steel Works

Block D Midland Micro-Enterprice Park
Triq Burmarrad, Naxxar NXR6345
Mob No: 99823982
Tel. No: 27036638
Email: cgattweld@gmail.com
http://www.facebook.com/cgattweld

**- Gates - Certified Overhead Cranes**
**- Spiral Staircase - Railings**
**- Balconies - Steel Structures**
**- Window Grills - Steel Stairs**
**- Skylights - Boat Trailers**










Mġarr Farmers
Cooperative Society Ltd.
Ħinijiet tal-Ftuħ:
It-Tnejn 7:00 - 12:00 & 15:00 -19:00
It-Tlieta 14:00 - 19:00
L-Erbgħa 8:30 - 12:30 & 14:00 - 19:00
Il-Ħamis 7:00 - 12:00 & 15:00 - 19:00
Il-Ġimgħa 8:30 - 12:30 & 14:00 - 19:00
Is-Sibt 14:00 - 16:00
Triq Sir Temi Zammit, Żebbiegħ
Offerta fuq diversi tipi ta' fertilizzant organiku
Grena Life
GRENA SUPER


THE PROFESSIONALS
58 Mill Street, Qormi
Mob: 99490574 Tel: 27445571
the professionals malta
web: www.theprofessionalsmalta.com
PARQUET FLOORING
Solid, Engineered and German quality laminate parquet flooring
FLOOR DECKING
Wood and composite floor decking
PEBBLES & FEATURE WALLS & SLATE
White and coloured pebbles, feature walls and slate all in different sizes

il-Barri
RESTAURANT

Church Square
Mġarr, Malta
Tel: 2157 3235
2157 4054

*Exquisite food in an informal atmosphere*
*Traditional Maltese dishes and fresh fish*
*Speciality of the house: Fenkata*

www.il-barri.com.mt

Vassallo Self Service

Variety of Fruit, Veg,
Groceries and Delicatessen

Main Street, L-Imġarr, Malta
Tel: 21579357
7905 3790
7961 9291

# DAVID AGIUS

**Aktar Ħidma b'Lealtà... Dejjem għas-Servizz Tiegħek**



*Whip tal-Grupp
Parlamentari Nazzjonalista
u Shadow Minister
għall-Kunsilli Lokali,
Żgħażagħ u Sport*

David u l-familja tiegħu jawguraw lilek u l-familja tiegħek il-Festa t-tajba



**187, Triq Santa Katerina, Ħ'Attard**
**7942 3101 jew 2141 7507**
**E-mail: david.agius@gov.mt**
**Website: www.davidagius.org**
**Facebook: David Agius MP**
**Twitter: davidagiusmp**

App Store | Google play

**7 Distrett** ĦAD-DINGLI, L-IMDINA, L-IMĠARR, L-IMTARFA, IR-RABAT, ĦAŻ-ŻEBBUĠ
**11-il Distrett** Ħ'ATTARD, ĦAL BALZAN, IL-MOSTA


Ta' Falzon Landrovers Ltd.
VALLEY ROAD, MSIDA. MALTA. MSD 9022
Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504
James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383
email: colfal@onvol.net
www.jcfalzon.com
LAND ROVER
After you have seen the rest,
Come and buy it from the best!


TFLL
HIRE OF TOWER LADDERS
BEST PRICES ON THE ISLAND
Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504
James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383




59, Triq G Borg Olivier, Mellieħa | Tel: 2152 3672 | insurance@gasanmamo.com | gasanmamo.com

GasanMamo Insurance Ltd hi awtorizzata mill-MFSA.



# Ix-xjenza tax-xjentisti biss?

**Kitba ta' Claudine Muscat**

Bosta nies jargumentaw li x-xjenza qatt ma kienu maqtugħin għaliha, però l-verità hi li bħala soċjetà niddependu minnha. Ilkoll kemm aħna ngħixu x-xjenza f'kull ħin u f'kull mument tal-ġurnata – mill-mument li tqum, matul il-ġurnata, u eventwalment matul ir-raqda ta' billejl. Forsi mhux dejjem napprezzaw dan il-fatt, iżda mingħajr l-avvanzi fix-xjenza, ħajjitna tkun diffiċli li ngħixuha fil-kumdità. Min jaf kemm-il darba nissettjaw l-*alarm* tal-arloġġ sabiex inqumu fil-ħin, u hekk kif inqumu dlonk naqbdu t-telefon ċellulari u ċ-ċwievet tal-karozza biex nitilqu għal ġurnata xogħol. U jekk xi drabi taqbadna xi wġigħ ta' ras, inkunu pronti li nieħdu l-mediċina sabiex jgħaddilna. Dawn l-eżempji kollha huma riżultat ta' invenzjonijiet u avvanzi li saru fix-xjenza, u li ħafna minnhom jieħdu medda ta' snin sabiex isiru. Imma l-istorja tax-xjenza fil-passat turina wkoll li kultant saru xi skoperti ġodda mingħajr ebda ħsieb li setgħu jiġru!

Waħda mill-invenzjonijiet li saret b'koinċidenza saret mill-Inġinier George De Mestral, fejn darba minnhom mar dawra mal-kelb tiegħu u hekk kif irritorna d-dar innota li kien hemm weraq imqabbad mal-pil tal-kelb. Dan il-weraq kien ta' pjanta simili għall-Ħaxix ir-Riħ ('*cocklebur plant*'). Huwa uża mikroskopju sabiex jistudja fid-dettal il-weraq ta' din il-pjanta u nnota li kellha bosta għamliet simili ta' ganċijiet li jaqbdu faċilment ma' ħwejjeġ u pil. Permezz ta' din l-iskoperta beda jinvestiga bosta materjali u skopra li l-aħjar wieħed kien in-*nylon* u ħoloq dak li llum insejħulu '*velcro*'.





Qasam ieħor li x-xjenza hi l-qofol tiegħu hu dak tal-mediċina. Il-*penicillin* kien wieħed mill-iskoperti li salva bosta ħajjiet. Interessanti tkunu tafu li din il-mediċina oriġinat minn mikrobu – il-moffa *('funghus')*. Alexander Fleming, xjentist Skoċċiż, skopra dan kollu wara inċident li seħħ fil-laboratorju. U kif skoprieha? Fl-1928, wara li rritorna lura d-dar minn vaganza, innota li kibret moffa misterjuża f'reċipjent li kien juża. Innota li l-batterja li kienet tinsab fl-istess reċipjent ma kibritx fejn kibret il-moffa. Baqa' jesperimenta u jkabbar il-moffa sakemm eventwalment ħoloq il-*penicillin*. Xjentisti oħra mxew fuq il-passi ta' Fleming u komplew jiżviluppaw din il-mediċina sabiex jagħmluha aħjar.

U la aħna Maltin ma jistax jonqos li nsemmu l-ikel! Illum fid-djar għandna bosta *appliances* li jiffrankawlna ħafna ħin mit-tisjir, fosthom il-*microwave oven.* Il-moħħ wara dan kien Percy Spencer fejn ġurnata minnhom kien qed jispezzjona apparat fil-laboratorju, li kien jarmi ammonti

ta' enerġija, u nnota xi ħaġa mhux tas-soltu. Fil-but kellu ċikkulata li hekk kif kien quddiem dan l-apparat, bdiet tinħall. Għalkemm lil Spencer ma dewbitux, ta' min isemmi li hu perikoluż għall-bniedem li jesponi ruħu għal kull tip ta' raġġi, inkluż il-*microwaves*.

B'hekk nispera li l-umanità tapprezza iżjed l-irwol tax-xjenza fil-ħajja ta' kuljum u l-fatt li ċerta skoperti saru bla ebda ħsieb, jagħmluha iżjed ordinarja milli straordinarja. Ngħidu x'ngħidu fuq ix-xjenza, ilkoll kemm aħna niddependu minnha. Ipprova immaġina ħajtek mingħajr elettriku, plastik, mediċina, internet, karozzi, ajruplani, u kull oġġett ieħor... kieku ħajjitna tkun totalment differenti!




SHAMBA
Fresh Fruit & Vegetables

63, Triq Fisher, Mġarr
Tel: 2152 4055





MICHAEL AGIUS

Agricultural Machinery
Sales & Services

10, Triq l-Iskavi cr. Triq il-Banjijiet
Rumani, L-Imgarr Malta

Tel: 21583262

Mob: 99875035

Email: michael.agius@gmail.com





JJ IRONMONGERY & HOUSEHOLD
Triq F.M. Ferretti, Qajjenza - Birżebbuġa BBG 05
ELECTRICAL & WATER FITTINGS, HOUSEHOLD GOODS, PAINTS, TOOLS, BARBEQUE SETS & KEY CUTTING
FREE DELIVERY SERVICE
air compressors, jiggers & special wall chasers for hire
we help you solve your problems
Issibu wkoll 'il fuq minn 10,000 kulur ta' żebgħa ta' kull tip kemm għal barra u anke għal ġewwa. Inħaltuha dak il-ħin.
Hiring of Chairs & Tables for all occasions
Engagements, Birthdays, Holy Communion Parties, Hotels, Beach Clubs, Restaurants, Clubs, etc...
WE DELIVER AND COLLECT
TEL : 2165 2602, 2165 5034
MOB : 9987 9468 FAX : 2165 2602

Is-Segretarju Parlamentari L-Onor. Ian Borg
jawgura l-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha.
IB
IAN BORG
facebook.com/followianborg
22957404 | 22957406 | 22957407

TA' SOLDI

RESTAURANT

_the heart of good food!

Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr, Malta

Tel: 2157 2535, 2152 5815

Mobiles: 9949 5896, 9984 9961, 9943 7533

*The True Taste of Malta*

*…our speciality is the Mixed Maltese Dish!*

**Restaurant • Pizzeria • Take Away**

**Bar Café • Dolceria**

*Il-Management u l-istaff jixtiequ jawguraw kull suċċess lill-banda tal-Imġarrin.*


RPJ
New Tyres:
Car
4x4
Light Truck and Van
Heavy Truck
Agriculture
Off the Road
Earth Moving
Alloy Wheels
All Tyre Repairs
Wheel Balancing
Car Care Products
Sole Agents for:
LASSA
Radar
petlas
Alloy Wheels:
MAK
Arcasting
Also Available Brands:
Firestone
GOODYEAR
Hankook
MICHELIN
BRIDGESTONE
BFGoodrich
PIRELLI
DUNLOP
TOYOTIRES
RPJ
Mobile: 99 042 285 / 99 448 417
Email: rpjtyresandwheels@gmail.com
Website: www.rpjtyres.com
Address: 236, Triq Iz-Zebbiegh, Mgarr, MGR 9030
Opening Hours:
Monday – Friday: 7:00 – 18:00
Saturday: 7:00 – 13:30



# L-Imġarrin Li Ħallew Raħal Twelidhom Fl-Ewwel Tas-Seklu Għoxrin



**Kitba ta' Max Farrugia Dip LIS**

Is-snin tal-ewwel u t-tliet kwarti tas-seklu għoxrin nistgħu ngħidu li huma identiċi f'ħafna affarijiet meta wieħed jieħu s-sitwazzjoni soċjali li kien hawn fil-pajjiż inġenerali. Il-faqar u l-qgħad kienu jiddominaw dawn is-snin, u b'riżultat ta' hekk ġabu ħafna firda mal-pajjiż kollha u fil-familji. Din il-firda ma kinitx kawżata minħabba raġunijiet politiċi, reliġjużi jew inkella ta' żwiġijiet imkissra imma minħabba l-emigrazzjoni li kien hawn, li nistgħu ngħidu kienet is-salvazzjoni ta' ħafna familji, u anki tal-pajjiżi. Din is-sitwazzjoni kienet ir-riżultat li ġabu magħhom l-ewwel u t-tieni gwerra mondjali. Għalkemm fl-ewwel gwerra Malta ma kinitx involuta direttament fuq il-front tal-battalja sofriet minħabba nuqqas kbir ta' xogħol, ħafna oġġetti essenzjali kienu skarsi peress li konna niddependu ħafna fuq l-importazzjoni. Dan kollu ġab miegħu qgħad u ġuħ. Fil-każ tat-tieni gwerra s-sitwazzjoni kienet waħda differenti għax il-pajjiż kien involut direttament u allura wkoll saret ħafna ħsara lill-pajjiż, kiber il-faqar, kien hawn nuqqas kbir ta' xogħol. Il-Gvernijiet riedu jaraw kif se jsolvu din is-sitwazzjoni. Is-soluzzjoni prinċipali għal diversi snin kellha tkun l-emigrazzjoni. Huwa dokumentat li matul dawn il-perjodi eluf ta' Maltin ħallew il-bliet u l-irħula tal-Gżejjer Maltin sabiex isibu futur aħjar għalihom u għall-familji tagħhom.



*Dun Edgar Salamone*

L-Imġarr ma kienx eċċezzjoni u nsibu li matul l-ewwel kwart tas-seklu l-ieħor minn dan ir-raħal żgħir u rurali telqu numru konsiderevoli ta' Mġarrin. Huwa kalkulat li b'mod speċjali ftit qabel l-ewwel gwerra u eżatt kif din intemmet, ħallew dan ir-raħal 62 persuna, li huwa kalkulat li kien ilaħħaq ftit aktar minn ħamsa fil-mija tal-popolazzjoni Mġarrija .

B'kollox mill-pajjiż kollu f'perjodu relattivament qasir ħafna emigraw b'kollox madwar 6,000 ruħ li minnhom 3,000 marru l-Amerika u l-Kanada. Din il-figura setgħet kienet ferm akbar li kieku l-emigranti prospettivi kienu jafu jitkellmu bl-Ingliż. Jidher li aktar minn ħamsin fil-mija ta' dawk li emigraw mill-Imġarr marru f'dawn iż-żewġ pajjiżi. Dan kif naraw aktar 'il quddiem seħħ grazzi għall-għajnuna kollha li kien jagħti Dun Edgar Salamone lill-Imġarrin, u l-pressjoni li kien jagħmel fuq l-Gvern tal-ġurnata. B'kollox emigraw lejn dawn il-pajjiżi tmienja u għoxrin persuna mill-Imġarr. Il-kumplament tal-Imġarrin li ħallew raħal twelidhom marru lejn Franza, Tuneżija, l-Awstralja u l-Marokk.

Il-Maltin kollha li xtaqu jemigraw sabu koperazzjoni sħiħa mill-amministrazzjoni kolonjali f'Malta, għalkemm l-emigrazzjoni inġenerali għall-Ingilterra ma kinitx waħda qawwija ħafna. Qabel ma' ħadna l-ewwel *Self Government* fl-1921 il-Gvern Ingliż kien diġà fetaħ xi skejjel

ta' filgħaxija biex min kien jinterressah li jemigra jmur u jitgħallem ftit il-lingwa Ingliża li kienet importanti ħafna. Dawn iċ-ċentri ta' edukazzjoni ta' filgħaxija kienu limitati ħafna u f'ċerta lokalitajiet biss. Nafu li fl-Imġarr ma kienx hemm ċentru bħal dawn u kien propju bis-saħħa u t-tħabrik ta' Dun Edgar li nfetaħ wieħed. Dun Edgar Salamone, sabiex jgħin lil ħutu Mġarrin, filgħaxijiet fil-ħanut tal-barbier li kien hemm viċin tal-iskola, beda jgħallem lil dawk li xtaqu jemigraw,. Kien ukoll katalist sabiex inbniet l-iskola tal-Imġarr, li hija monument Imġarri li sar bis-saħħa tiegħu u tal-Ministru tal-Edukazzjoni Monsinjur Enrico D'Andria. Nafu li Dun Edgar ħadem u stinka ħafna biex infetħet din l-iskola meta n-numru ta' studenti fl-Imġarr u l-madwar kien wieħed limitat ħafna. Pass ieħor li ħa Dun Edgar biex jgħin lil dawk li riedu jemigraw kien it-tagħlim ta' filgħaxija, sabiex b'hekk dawk li kienu jaħdmu fl-għelieqi jkun jistgħu jibqgħu jgħinu lill-familja imma xorta waħda jsibu ftit tal-ħin biex jitgħallmu ftit il-lingwa Ingliża. Dan it-tagħlim beda jsir f'din l-iskola malli ġiet inawgurata uffiċjalment. Insibu li fost dawk l-Imġarrin li emigraw f'dan il-perjodu kien hemm tmintax li kienu jaħdmu l-għelieqi, tlieta jrabbu l-animali, soru, għaxra ħaddiema ġenerali, filwaqt li disgħa u għoxrin ma nafux x'kienet is-sengħa tagħhom. Mid-dokumenti jirriżulta li ma kienx hemm tfal żgħar. L-età ta' dawk li ħallew l-Imġarr kienet tvarja bejn sittax u disgħa u erbgħin sena. Il-biċċa l-kbira minnhom kienu ta' bejn it-tmintax u l-ħamsa u għoxrin, u warajhom dawk ta' bejn il-ħamsa u għoxrin u tlieta u tletin sena.

Mit-tnejn u sittin Imġarrin li ħallew raħal twelidhom kien hemm sitt nisa u sitta u ħamsin raġel, miżżewweġ jew ġuvni. Nafu li kien hemm ħafna każi ġenerali mhux fl-Imġarr biss li fost dawk li jemigraw kien hemm irġiel tal-familja jew ġuvintur li l-ewwel kienu jemigraw, u wara li jkunu ssetiljaw fil-pajjiż il-ġdid itellgħu l-familji tagħhom. Ħlief numru żgħir ħafna nsibu li l-biċċa l-kbira ddikjaraw huma stess, meta applikaw għall-passaport, li qed jagħmlu dan sabiex isibu xogħol f'art oħra. Noti oħra fuq l-applikazzjonijiet tal-passaporti jgħidu li dawk li qed japplikaw kellhom il-kunsens tal-ġenituri tagħhom li jħallu art twelidhom. Dan allura jfisser li f'dawn il-każi kienu ġuvintur. Kien hemm biss żewġ każi li diġà kellhom lil xi ħadd li emigra qabel il-perjodu li qed nikteb dwaru. Fil-każ tas-soru din marret tgħix f'kunvent barra minn Malta, filwaqt li tnejn oħra li applikaw għal passaport għamlu dan biex jaħdmu fuq vapuri merkantili, u wieħed applika sabiex imur għall-kura. Filwaqt li għaxra ddikjaraw li kienu jafu l-lingwa ingliża mhux ħażin, ħamsa u tletin jgħidu li kienu kapaċi jaqraw u anki jiktbu xi ftit bl-ingliż, filwaqt li fost l-oħrajn kien hemm min kien illiterat totalment fil-linqwa peress li qatt ma attenda skola kif suppost.

Kienu propju dawn il-problemi li saħħew lil Dun Edgar biex jgħin fl-edukazzjoni permezz tal klassijiet ta' filgħaxija. Nafu li wara li Malta ngħatat is-*Self Government* il-Ministru tal-Edukazzjoni D'Andria ħadem bis-sħiħ mhux biss biex l-edukazzjoni elementari tissaħħaħ imma anki biex l-iskejjel ta' filgħaxija jagħmlu passi ta' ġgant. Dawn l-iskejjel kienu bdew jiffunzjonaw wara l-irvellijiet tas-*Sette Giugno* fejn l-Imħallef Giovanni Pullicino ġie maħtur biex imexxi Kummissjoni biex tieħu ħsieb l-emigrazzjoni, jgħinuh kien hemm Antonio Lanzon, Joseph Howard u Henry Casolani bħala segretarju. Kien il-Gvern tal-U.P.M. li għamel tibdil strutturali f'din il-Kummissjoni fejn Henry Casolani kien inħatar bħala l-ewwel Supretendent tal-Emigrazzjoni. Minbarra t-tagħlim edukattiv u informazzjoni dwar il-pajjiż ġdid li kienu se jmorru jiffaċċjaw, il-Kummissjoni kienet tipprepara lill-emigranti għal dak li kienu se jsibu u jridu jħabbtu wiċċhom miegħu. Kienet tieħu ħsieb il-ħruġ tal-*visa,* ċertifikati ta' saħħa, arranġamenti għall-passaporti, u affarijiet oħra.

Waħda mill-akbar uġigħ ta' ras li kien iħabbat wiċċu magħha dan l-Uffiċċju kienet l-illitteriżmu fost l-emigranti prospettivi. Dak iż-żmien persentaġġ kbir tal-popolazzjoni

Maltija ma kinitx taf tikteb u taqra. Il-pajjiżi li għalihom kienu japplikaw il-Maltin sabiex jemigraw fihom kienu jimponu fuq il-livell edukattiv tal-emigrant prospettiv qabel jintbagħat f'arthom. Għalkemm il-ħaddiem Malti kien ħabrieki u jaħdem bis-sħiħ, il-problema li ma kienx jaf bl-Ingliż kienet ta' tfixkil kbir, u minħabba f'dan, il-bibien tal-emigrazzjoni, mod speċjali tal-Awstralja u l-Amerika kienu kważi magħluqa għalkollox.

Sabiex tgħin lill-emigranti prospettivi jsibu futur aħjar, il-Kummissjoni Emigrazzjoni flimkien mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni bdiet torganizza klassijiet għat-tagħlim filgħaxija. Il-Gvern kolonjali f'Awwissu tal-1919 kien ħareġ avviż legali fejn informa lill-pubbliku li dawk kollha ta' bejn 18 u l-35 sena segħtu japplikaw sabiex jibdew jattendu l-iskola ta' filgħaxija. Dawk interessati ngħataw żmien sal-aħħar ta' Awwissu biex japplikaw għand il-kap taċ-ċentri li kienu twaqqfu f'diversi bliet u rħula. Fl-Imġarr ma kienx għad hemm ċentru ta' edukazzjoni ta' filgħaxija allura kienet problema kbira biex residenti jmorru f'irħula oħra. Kien għalhekk li Dun Edgar ħadem bis-sħiħ biex jitwaqqaf ċentru fl-Imġarr kif fil-fatt sar. Bħalma kien jagħmel huwa meta beda jipprepara lill-Imġarrin għall-emigrazzjoni, il-lezzjonijiet kienu bla ħlas. Meta Monsijur D'Andria sar Ministru tal-Edukazzjoni, il-Kummissjoni permezz ta' Henry Casolani kienet ħadet ħsieb li flimkien ma' dan il-Ministeru jwaqqfu tmintax-il ċentru f'Malta u żewġ ċentri f'Għawdex. Il-klassijiet kienu jkunu maqsuma f'żewġ sezzjonijiet, dawk li kienu diġà jafu xi ftit Ingliż, u l-oħrajn li kienu totalment illiterati. Kien hemm żmien meta dawn il-klassijiet qabel is-*Self Government* kienu falliment kważi totali b'attendenza baxxa ħafna, u ħafna minn dawk li kienu jattendu meta jmorru għall-intervisti biex jemigraw kienu jeħlu u dan kien ikun ta' diżappunt kbir għall-isforz li jagħmlu. Skont Henry Casolani dan kien iseħħ għax kif jikteb huwa stess f'wieħed mir-rapporti "*ta' malajr, tinsih malajr ukoll*'. Skont ma' sirna nafu, mill-Imġarr kienu ftit li xejn dawk li ma ġewx aċċettati biex jemigraw.

Fl-ewwel żewġ leġislaturi li kienu mmexxija minn Gvern tal-U.P.M. sar ħafna u ħafna tibdil fis-sistema tat-tagħlim li kompliet tiġi żviluppata anki meta kien hemm il-Gvern tal-*Compact.*

L-iżviluppi li saru ġew milqugħa tajjeb ħafna minn kull min kien interessat tant li fis-snin ta' wara l-emigrazzjoni kompliet tiżdiet b'ċerta ritmu, u dawk li bdew ifittxu postijiet oħra għal ħajja aħjar kienu qed ikunu preparati aħjar. Kull student prospettiv f'dan il-qasam kien jingħata ktieb li permezz tiegħu jkunu jafu x'tip ta' xogħol hemm bżonn f'ċerta pajjiżi, mod speċjali dawk tal-Commonwealth u l-Amerika, ikunu jafu dwar il-kulturi tal-pajjiż sabiex ikun jistgħu jintegraw, il-ġeografija, ir-reliġjonijiet, is-servizzi soċjali, dwar is-sigurtà u affarijiet oħra simili.

B'dan l-iżvilupp kollu nsibu li aktar tard fis-snin kien hemm ħafna nisa li bdew jinteressaw ruħhom ukoll, u biex meta jemigraw jibdew jaħdmu wkoll. Allura anki f'dan is-settur tan-nisa kien hemm ukoll tagħlim speċjali sabiex ikunu jistgħu jsibu xogħol addattat għalihom f'artijiet oħra.

Nafu li fis-snin tal-perjodu li ttrattajt illum l-emigrazzjoni kompliet b'ritmu konsistenti ħafna u kien hemm ukoll ħafna żviluppi u anki għajnuna oħra. Nafu wkoll li kien hemm ħafna Mġarrin li emigraw u għamlu futur kbir, mhux huma biss imma anki wliedhom u t-tfal tat-tfal tagħhom. Dwar dan nittrattaw f'artiklu ieħor darba oħra.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lil Mark Caruana, li huwa emigrant Malti fl-Awstralja li jagħmel ħafna riċerka għall-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, għall-għajnuna kollha li tani sabiex nikteb dan l-artiklu billi għaddieli ħafna informazzjoni.

Informazzjoni oħra nġabret minn numru kbir ta' dokumenti u rapporti li jinsabu fl-Arkivji Nazzjonali r-Rabat, Malta.



# Familja kollha kemm hi Mġarrija

Kitba ta' Dun Lawrenz Gauci

Niġġustifika t-titlu ta' dan l-artiklu għax kemm in-nannu tiegħi, min-naħa ta' missieri ta' Ġanni "ta' Qaħ", u kemm in-nannu min-naħa ta' ommi, kienu mill-Imġarr. In-nannu tiegħi kellu dar fil-biċċa taz-zuntier tal-knisja qabel ma' din inbniet. Ommi trabbiet f'post jgħidulu l-Ġnien ta' Għajn Tuffieħa. Ma nafx min kien taha l-laqam taċ-Ċammanin li baqa' magħha sakemm mietet fis-sena 1968. Missieri, Ġamri, għex sal-1998 u miet ta' 87 sena. Kien jaħdem ma' Peppi tal-Laħam u wara, xħin il-familja kibret iżjed, intefa' kompletament fir-raba'.

Bħal kull familja oħra u skont il-moda ta' dak iż-żmien il-familji kollha kienu kbar u aħna konna ninsabu għaxart itfal, ħames subien u ħames bniet. Sentejn ilu miet Ġanni, il-kbir. Forsi flus ma kellniex għax ma tantx kien hawn flus fl-idejn fis-snin ħamsin. U l-ħwejjeġ konna ngħadduhom mill-kbir għaż-żgħir. Imma anke jekk konna familja kbira ma nistax ngħid li batejna l-ġuħ għax frott mir-raba' konna nieklu, patata u ross il-forn b'xi fenek fih ukoll. Min jaf kemm-il darba morna għand tat-Trilla nieħdu d-dixx kbir biex isajruhulna u fit-triq lura konna nieklu l-biċċa ta' fuq li kienet tkun tqarmeċ. Interessanti li xħin konna naslu d-dar u ommi ssaqsi min kielha, ħadd ma kien jgħid li hu, u wieħed iwaħħal fl-ieħor. Il-logħob tagħna kien ġiri bil-karrijiet minn salib it-toroq sal-iskola, jew mistoħbija mal-kuġini tas-"Suffarin", taħt il-ħarruba ta' Balzunetta. Kemm fl-iskola tal-Gvern kif ukoll fis-Seminarju qatt ma naqsu l-praspar.

L-Oratorju kont immur għal-laqgħat u biex nilgħab il-*football* bl-istess żarbun li kont immur bih il-knisja. Naf li aħna trabbejna bejn is-snin 1938 sal-1953. Kollha konna mmorru l-iskola tal-Gvern. Imma jien biss bqajt nistudja 'l barra jew fis-Seminarju tal-Furjana. Fl-1958 ħija Ġanni fetaħ it-triq għall-Awstralja u ħuti Mikiel u Piju għamlu bħalu. Fl-istess ħin Anna l-kbira wkoll marret mas-Sorijiet tad-Dorotej tas-Sliema, Tereża u Salvina għamlu bħalha, filwaqt li Doris, iż-żgħira, għażlet is-Sorijiet Dumnikani.

Jien niftakar meta kelli xi għaxar snin, li Dun Ġużepp Vella li kien joqgħod fejn l-iskola u beda jagħti xi privat lil xi ħamest itfal subien biex jidħlu fis-Seminarju Minuri. Stednuni u għall-ewwel ma ridtx imma Anna qalet lil ommi u b'ħafna żegħil mort jien ukoll. Għamilt l-eżami għas-



*Sr. Doris Gauci*



*Sr. Tereża Gauci*



*Dun Lawrenz, Sr. Anna u Sr. Salvina flimkien mal-Arċisqof Emeritus Pawlu Cremona*

Seminarju u għaddejt. Fis-sena 1960 wasalt fil-5th form u bdejt immur għal-laqgħat tal-*vocation seminars*. Kienu jiġu nies mill-Brażil ikellmuna u kont insibhom interessanti ħafna tant li kont immur billejl il-Furjana, anke jekk ftit li xejn kien hawn ħinijiet tal-karozza tal-linja f'dan il-ħin hekk tard. Fil-1965 dħalt is-Seminarju Maġġuri u kont nistudja l-filosofija fl-Università, il-Belt.

Kien żmien tal-Konċilju Vatikan II u l-isqfijiet Brażiljani, li kienu Ruma, kienu jiġu jistidnuna biex immorru hemm. Tant li fil-bidu tas-sena 1969 jien u ħamsa oħra morna biex inkomplu nistudjaw it-teoloġija f'Curitiba, il-Brażil. Fis-17 ta' Diċembru 1973 ġejt biex niġi ordnat saċerdot fil-Katidral tal-Belt minn Mons Mikiel Gonzi, flimkien ma' għaxar qassisin u patrijiet Maltin. Erġajt mort il-Brażil, fejn kont kappillan f'ħames parroċċi differenti u domt hemm sa Diċembru tal-2009, u issa ninsab kappillan fil-parroċċa ta' Lourdes f'Paola. Għalkemm għadni kemm għalaqt 70 sena, u għandi l-pensjoni mill-gvern Brażiljan, xorta għadni naħdem ladarba Alla jipprovdili s-saħħa. Nistenna u nara…


**P.L & R Excavations** (Tal-Palmier)

*General Excavation & Demolition works*
*Supplies of beams & old building stones*

Mobile: **79472898, 99498688, 99473250**



**MICHAEL GALEA & SONS LTD.**
Sir Harry Luke Street, Imgarr MGR1501, Malta
**Tel 21574752, 99844308, 99869987**

Importers of agricultural machinery, gensets &water pumps. Agricultural sprayers.
Diesel engines for agricultural & industrial use. Hand tillers to tractors at competitive prices.

Sales of tractor implements such as;
flail mowers, cultivators, slashers, ploughs, carry boxes, trailers and front loaders.




*Guaranteed after sales service & parts*


David WOODWORKS
Specialises in all types of made to measure loose furniture, doors, kitchens, bedrooms, etc…
David Woodworks
Mobile: 79050807
e-mail: dgrech85@gmail.com


J&J GAUCI
GRANITE LTD
2, Triq il-Fdal Puniku, Mġarr MGR 2461, Malta
Tel: 2157 0540 • Fax: 2152 5022
Mobile: 9947 3248 • 9985 2783
E-mail: jjgauci@yahoo.com



# Stejjer minn ta' Ħaġrat u Skorba

**Kitba ta' Mario Vassallo**

## Daħla

Skont l-istudjużi l-bniedem wasal f'dawn il-gżejjer madwar 5,200 sena qabel Kristu. Naturalment dejjem fittex li joqgħod f'postijiet addattati li jipprovdu l-għajxien ta' kuljum. Fost il-ħafna postijiet magħżula li għoġbuh biex joqgħod fihom insibu l-inħawi (illum magħrufin) ta' Skorba u ta' Ħaġrat. Milli jidher, kien ilu joqgħod f'dawn l-inħawi ħafna snin minn meta beda jitgħallem iqiegħed ġebla fuq ġebla biex jifforma għarix fejn idaħħal rasu biex jistkenn mill-maltemp kiesaħ tax-xitwa u mill-qilla tax-xemx tas-sajf. U kellhom jgħaddu mijiet ta' snin, qabel fettillu jwaqqaf dak il-ġebel kbir li kellhom jifformaw binjiet monumentali li kellhom jibqgħu weqfin għal ħafna u ħafna snin.



*Fdalijiet monumentali tal-fdalijiet f'Ta' Ħaġrat*

Fuq dawn il-binjiet monumentali tal-qedem inkitbu ħafna kitbiet mill-istudjużi. Iżda min-naħa l-oħra, tgħid kif kienu jaħsbuha n-nies tal-post, l-istess nies li trabbew u għexu madwar dawn il-monumenti u li ħsibijiethom jgħaddi biss minn fomm għall-fomm? Dan l-artiklu se jipprova jitfa' ftit dawl fuq dan is-suġġett.

## Matul is-snin

Bħal kull ħaġa f'din id-dinja, din l-ewwel ċiviltà twieldet u kibret u ntemmet x'aktarx ħesrem. Dawn il-postijiet u monumenti tilfu l-iskop tagħhom u ma baqgħux jintużaw. Mal-medda tas-snin ġew popli oħra f'dawn il-gżejjer imma dawn il-postijiet baqgħu ma ġibdu l-ebda interess bil-konsegwenza li bdew jintradmu bit-trab li jġibu magħhom ir-riħ u x-xita filwaqt li l-ġebel beda jitmermer u jispiċċa frak u trab. Hekk komplew igerbu s-snin u nsibu li dawn il-gżejjer ġew maħkuma minn popli u qawwiet differenti bħall-Feniċi u warajhom ir-Rumani li fl-istess żmien kien twieled Ġesù Kristu f'Iżrael. Warajhom ħakmuna l-Biżantini, l-Għarab u n-Normanni sas-sena 1200 WK. Fis-snin ta' wara l-gżejjer Maltin ġew mikrija lin-Nobbli sakemm fl-1530 wasal l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann.

Sadanittant dawk il-monumenti ta' ġebel kbir bdew jiġbdu l-attenzjoni u ċertu kurżità minħabba li ftit mill-ġebel baqgħu jidhru ħerġin mill-ħamrija li nġabret madwarhom. Dak il-gozz ġebel kbir ma kienx f'dawk il-postijiet b'mod naturali għax ma kienx jifforma parti

minn xi rdum jew sies. X'aktarx li kien fi żmien l-Għarab li bdew jingħataw l-ismijiet tal-postijiet kif nafuhom illum. Hekk insibu li Ta' Ħaġrat, li jfisser il-post fejn hemm il-ġebel il-kbir, jissemma l-ewwel darba fl-1487 fl-atti tan-Nutar J. Sabbara.1 Min-naħa l-oħra l-Iskorba jissemma l-ewwel darba fl-1534 fl-atti tan-Nutar G. Butigieg.2

## Ta' Ħaġrat

Is-snin komplew igerbu u nsibu li mal-bidu tas-seklu għoxrin l-inħawi ta' Ħaġrat li jiffurmaw parti minn żona magħrufa bħala r-Ramlija kienet tas-sinjur. Dan iddeċieda li jbiegħ l-art li nxtrat minn tliet bdiewa, fosthom Lippu Abela li messu l-inħawi tal-gozz ġebel li dak iż-żmien kien mgħotti b'ħarruba kbira. Karmnu Abela, ta' Żuba. (1908 - 2000) jiftakar li dak iż-żmien, bħala tfal, kienu jmorru jilagħbu fil-post taħt il-ħarruba. Kultant kienu anke jorbtu l-bandla mal-ġebel il-mimdudin li kienu jiffurmaw il-bieb ewlieni tal-binja. Jiftakar ankè nies oħrajn kienu jinżlu f'Ta' Ħaġrat imma l-aktar dawk li kienu jiġbru l-biċċiet tal-fuħħar biex imbagħad ifarrkuh biex jintuża għad-deffun fuq il-bjut. Dawk l-inħawi kienu magħrufin għall-bċejjeċ tal-fuħħar.

Naturalment Lippu ma xtarax l-art biex iħalliha żdingata imma beda jirranġa l-art tiegħu f'biċċiet ta' raba'. Beda jġorr il-ġebel u jagħmel ħitan tas-sejjieħ u jġorr il-ħamrija biex jifforma l-għelieqi. Sadanittant, il-perit Carmelo Rizzo irrapporta lill-awtoritajiet, fl-1916 li fl-inħawi Ta' Ħaġrat kien hemm ġebel kbir jisponta mill-ħamrija.3

Lippu kompla għaddej bix-xogħol sakemm wasal madwar il-ġebel il-kbir. Kien ilu josserva li z-zkuk tal-ħarruba kienu qegħdin jingirfu mal-ġebel. Din kienet ferm aktar importanti mill-ġebel għax il-frott tagħha, il-ħarrub, kien ikel għall-bhejjem u ġieli ġew snin li ġabar għoxrin xkora ħarrub minnha biss. Għalhekk iddeċieda li jibda jqaċċat il-ġebel bil-mazza u l-ispnar ħalli jagħmel il-wisa' għaz-zkuk. Iktar minn hekk, kien hemm żewġ ġebliet kbar mimdudin li kienu jistrieħu fuq erba' ġebliet weqfin, qishom jiffurmaw xi bieb, li ried ineħħiehom. Għalhekk ġab lieva twila tal-ħadid u qaleb il-ġebliet mimdudin għal isfel. Mill-erba' ġebliet weqfin kien laħaq qaċċat tlieta minnhom sakemm inqala' s-saram.

Ġara li għodwa waħda, is-surġent tal-għassa mar sab lil Lippu u qallu biex jieqaf mix-xogħol li kien qiegħed jagħmel. Qallu wkoll li l-għada fl-għaxra ta' filgħodu kellu jkun fuq il-post minħabba li kien ġej il-kbir tal-mużewijiet u ried ikellmu. L-għada, fl-għaxra ta' filgħodu wasal fuq il-post il-kbir tal-mużewijiet u wara li dar dawra mal-post kellem lil Lippu u staqsieh jekk kienx hu li kien qiegħed ikisser u jaqleb il-ġebel. Lippu ammetta u fissirlu x'kienet l-intenzjoni tiegħu. Il-kbir tal-mużewijiet qallu biex ma jkomplix għax inkella kien se jidħol f'inkwiet kbir.

Wara xi jiem il-post ittieħed mill-gvern u ma damx ma beda t-tindif tal-post u l-iskavi. Skont in-noti li ħalla Sir Temi Zammit, dak iż-żmien il-kap tal-mużewijiet, jidher li kien hemm ħafna iktar tixrid ta' ġebel minn kif jidher illum. L-iskavar tal-post kien beda fis-sajf tal-1923 u dam xi ħmistax-il jum. Jieħdu ħsieb ix-xogħlijiet kien hemm G. C. Sinclair u Edgar Flamingo mqabbdin mill-awtoritajiet.4 Magħhom kien hemm ukoll Dun Edgar Salomone li kien għadu kif ġie l-Imġarr bħala viċi Kappillan sentejn qabel. Minbarra jieħu ħsieb ix-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru, Dun Edgar kien jieħu ħsieb ukoll l-attendenza tal-ħaddiema li kienu kollha Mġarrin. Fil-fatt ħallielna nota li turi l-lista tal-ħaddiema li ħadmu f'Ta' Ħaġrat fil-ġimgħa li spiċċat fl-1 ta' Settembru 1923. Il-ħaddiema kienu Lippu Abela li kien sid l-art u kien imħallas €0.31 kuljum, Teodoru Muscat u Piju Muscat €0.29, Nicola Sammut €0.27, Epifano Sammut €0.23, Pawlu Muscat u Ġużepp Grima €0.19

u ż-żagħżugħ Ġanni Vella li kien imħallas €0.12 kuljum.

Matul dawn l-ewwel xogħlijiet f'Ta' Ħaġrat kien instab il-mudell żgħir imnaqqax minn ġebla tal-franka ta' kamra mibnija b'ġebel kbir u msaqqfa. Fil-fatt, Dun Edgar kien ħalla l-pjanta u xi noti li kienu juru minn fejn instab dan il-mudell. Kien instab fit-3 ta' Settembru 1923 fit-tempju ż-żgħir maġenb il-passaġġ tat-tempju l-kbir.



Il-mudell żgħir imnaqqax fil-ġebla tal-franka




Noti ta' Dun Edgar Salomone li juru meta u fejn instab dan il-mudell

L-iskavar tal-post tkompla f'Ġunju 1925 bil-ħaddiema jkunu kważi l-istess ta' sentejn qabel. Il-ħlas kien ta' bejn €0.35 u €0.29 kuljum. Għal żmienna dawn il-ħlasijiet jidhru taċ-ċajt imma dak iż-żmien kienu ħlasijiet ġusti.

L-aħħar skavar f'Ta' Ħaġrat saru fis-sajf tal-1926 u damu sejrin għal xahrejn. Il-ħaddiema kienu mill-Imġarr u kienu Lippu Abela, Karmnu Abela, Pawlu Muscat, Teodoru Muscat, Piju Muscat , Franġisk Sammut, Toni Camilleri, Karmnu Abela, Toni Abela u Pawlu Abela. Magħhom kien hemm ukoll Piju Abela, iben Lippu, li kien jaħdem bil-bagħal u l-karettun. Xogħlu kien li jġorr il-ġebel għall-ħitan ta' barra u kien imħallas €0.77.

Ta' min jgħid li dak iż-żmien kien hawn il-faqar u ħafna mill-familji kienu bdiewa. L-irġiel kienu dejjem ifittxu minn fejn se jagħmlu l-ġurnata tax-xogħol biex jaqilgħu x'jieklu u biċċa xogħol kienu jidħlulha anke jekk kellhom imorru bir-rota saż-Żejtun kuljum. Din kienet is-sitwazzjoni ankè fil-każ ta' dawn il-ħaddiema. Fil-fatt, xi wħud minnhom jissemmew li kienu jaħdmu fil-bini tal-Knisja tal-Imġarr fis-snin ta' wara.

L-iskavar f'Ta' Ħaġrat kien jitqies minn xi wħud li huwa bħal-logħob tat-tfal għax ġieli kienu jużaw il-kazzola u l-pinzell f'ċertu postijiet. Kien hemm differenza kbira mix-xogħol fir-raba' li trid tagħti biz-zappuna minn xħin jisbaħ sa ma jidlam. U kienet din il-mentalità li ġieli kien ikun hemm xi ħadd li kien jittanta l-ħaddiema billi kien jitfa' xi żrar.

Dak iż-żmien kien ukoll it-twemmin li f'dawn il-postijiet misterjużi kien hemm moħbi l-għoġol tad-deheb. Kienu jemmnu li jekk xi ħadd kellu jħaffer madwar dak il-ġebel il-kbir

kellu mnejn isib għoġol tad-deheb mastizz, żgħir biżżejjed biex joqgħod ġo xkora imma li jagħmel lil min isibu sinjur u ma jkollux għalfejn jaħdem iżjed tul ħajtu. Kien dan l-istess twemmin li ħabib tal-ħaddiema kien jgħaddi mill-inħawi fi triqtu lejn id-dar mir-raba', u wara li jsaqsihom jekk sabux l-għoġol tad-deheb, kien imur fil-bieb ewlieni tat-tempju u jagħmel tabirruħu li qiegħed ikeċċi l-għoġol li kien ikun jiġri bejn il-ġebel ħalli ma jaħrabx 'l barra, għax jekk jaħrab sħabu kienu jispiċċaw bla xogħol.

## Restawr

Minħabba li kif diġà nkiteb Lippu kien qaċċat xi ġebel u qaleb il-blatiet tal-bieb ewlieni għal isfel, kien jeħtieġ li jsir ammont ta' restawr fuq il-post Ta' Ħaġrat. Dan seħħ fl-1937 meta l-Kaptan Charles Zammit, iben Sir Temi Zammit, kien fil-kariga ta' direttur tal-mużewijiet. Waqt taħdita li kelli ma' Karmnu Abela (Ta' Żuba) fl-1999, dan kien qalli kif hu kien ħadem fil-post meta kienu għamlu xi restawr. Fil-fatt urieni biċċa ġebla tal-qawwi li hu kien ħadem biex titqiegħed f'parti tal-bieb ewlieni.


Karmnu juri l-ġebla li ħadem bħala parti mir-restawr


Il-bieb ewlieni Ta' Ħaġrat kif ġie rranġat wara r-restawr

Piju Galea, il-Gross, ukoll baqa' jiftakar dawk il-ġranet li fihom kien sar ir-restawr , għalkemm kien għadu tifel ta' xi tmien snin. Jiftakar li jum fost l-oħrajn kienet inġabret folla żgħira ta' nies fil-post biex jaraw x'kien qiegħed jiġri. Fil-fatt, il-kuntrattur Anġlu Grima miż-Żejtun (Ġolin) kien tqabbad mill-awtoritajiet biex itella' l-blatiet tal-bieb ewlieni Ta' Ħaġrat f'posthom. Dan rama ċ-*chain blocks*, rabat l-ewwel blata u beda jdawwar il-katina sakemm il-blata telgħet fil-post oriġinali tagħha. Wara għamel l-istess bil-blata l-oħra. Wieħed jista' jifhem li dan kien xogħol ta' paċenzja u attenzjoni kbira. Xħin Anġlu ra li numru ta' nies baqgħu josservaw matul il-jum kollu, qabad u ħallsilhom flixkun luminata kull wieħed. Din kienet sorpriża għal kulħadd għax dak iż-żmien ħlief ilma jew inbid ma kinux imissu ma' ħalqhom.

Xandru Muscat, tal-Qamar, ukoll kien baqa' jiftakar dak il-jum. Minħabba li kien joqgħod fl-inħawi, Xandru seta' jara kollox minn fuq il-bejt għax kien jibża' joqrob lejn il-makkinarju. Osserva kif kienu armaw xi travi tal-ħadid biex magħhom jorbtu xi tarjoli u ktajjen. Imbagħad ankè osserva kif kienet inġabret folla

żgħira fuq il-post u kif tellgħu l-ġebliet qajl, qajl f'posthom.

Fis-snin ta' wara Ta' Ħaġrat serva biex ikun post għall-mistaħbija u logħob ieħor għat-tfal li kienu joqogħdu fl-inħawi sakemm dawruh b'ħajt għoli u għamlulu bieb biex id-dħul ikun ristrett. Dan sar minħabba l-importanza li l-awtoritajiet raw f'dan il-post.

## Skorba

Simili għal Ta' Ħaġrat, ankè Skorba kien post ta' ċertu kurżità u misteru. Mid-dokumenti jidher li l-ewwel rapport ta' ġebel kbir jisponta mill-ħamrija wasal għand l-awtoritajiet fl-1914. Imbagħad insibu li meta Charlie Zammit kien għamel ix-xogħol ta' restawr f'Ta' Ħaġrat fl-1937, kien għadda sa Skorba u għamel trinka maġenb il-ġebla l-wieqfa. Mill-ewwel kien induna bl-importanza tal-post.


*Is-sit ta' Skorba qabel ġie skavat (mill-ktieb Skorba ta' D H Trump plate 1)*

Sadanittant l-inħawi ta' Skorba kienu raba' u jinħadmu mill-bdiewa tal-post. Ġużepp Grima (1920 - 2003) kien għaddieli din l-informazzjoni. L-inħawi kienu tas-sinjur tal-Imdina imma r-raba' kien imqabbel lill-familja tiegħu. Għalkemm kien hemm ġebel kbir ħiereġ mill-ħamrija, aħna konna naħdmu kullimkien anke bejn il-ġebel għax ix-xogħol kien isir bl-idejn. Dak iż-żmien ma kienx hawn il-muturi li hawn illum.

Ġużepp kompla jirrakkonta kif fil-post kien hemm xi ħaġa stramba rigward il-kulur tal-ħamrija. Filwaqt li kullimkien kien raba' ħamri, il-ħamrija madwar il-ġebel kienet aktar skura. Fil-fatt kienu jsibuha bħala Ħabel Germudi. L-istess bħal Ta' Ħaġrat, anke fi Skorba kienu jidhru ammont ta' bċejjeċ tal-fuħħar li kienu jinħabru min-nies li jagħmlu l-bjut bid-deffun. Anke fi Skorba kien hemm ċertu twemmin li taħt il-ġebla l-wieqfa kien hemm xi teżor jew l-għoġol tad-deheb.

Ġużeppa Muscat tirrakkonta kif meta kienu tfal kienu jisimgħu storja li xi mkien fuq l-għolja ta' Skorba kien hemm teżor moħbi. «Jingħad li fl-imgħoddi, grupp ta' ħallelin kienu serqu seba' vażetti, jew żiri, iddekorati u fini, u l-għoġol tad-deheb mingħand waħda sinjura minn Naxxar. Dawn ħbewhom fuq l-għolja ta' Skorba u hu maħsub li qatt ma ġew jiġbru dan it-teżor. Għalhekk, meta konna għadna tfal konna nemmnu li t-teżor għadu moħbi hemm u konna dejjem ngħarrxu taħt il-ġebel jew fil-ħitan tas-sejjieħ forsi nsibu xi ħaġa.»


*Ġanni u Karmnu fis-sit ta' Skorba (Ħajr lill-familji Mizzi u Muscat)*

Mal-medda tas-snin l-art ittieħdet mill-awtoritajiet biex seta' jibda l-iskavar. Dan ix-xogħol kien sar f'ħames kampanji bejn l-1961 sal-1963 mill-Professur David

Trump u n-nies tiegħu. Magħhom kien hemm ukoll żewġ Imġarrin, Ġanni Bezzina, Ta' Luqa (1905 - 1985) u Karmnu Muscat, iż-Żabbari (1909 - 1987). Kultant, magħhom kien jaħdem ukoll Ġamri Muscat, il-Baġlu, li baqa' jiftakar kemm kienu mwissijin biex joqogħdu attenti għal kull ħaġa li jsibu. Ġamri baqa' jiftakar ukoll kif fl-aħħar ġurnata xogħol fi Skorba, huma t-tlieta kienu tellgħu f'postha ġebla mdaqqsa permezz ta' żewġ tavluni sakemm il-Professur kien mar iċempel biex jibagħtulu krejn għall-istess biċċa xogħol.

Min-naħa l-oħra, ir-residenti tal-inħawi baqgħu jiftakru kif ta' kull filgħodu kienu jaraw lill-Ingliż u martu bit-tarbija ġejjin fi Skorba għall-ġurnata xogħol. Ftit kienu jagħtu każ ta' x'kien qiegħed jiġri però dejjem kien hemm ċertu interess f'dak li għandu x'jaqsam dwar sejbiet importanti. L-aktar li kienu jinnotaw kien dwar kif kien isir ix-xogħol, jiġifieri l-użu tal-kazzola u pinzell biex jitnaddaf wiċċ l-art li għalihom kien qisu logħob tat-tfal.



*Karmnu Abela*

Meta tlesta l-iskavar il-post ta' Skorba ġie mdawwar *b'fence* tal-fildiferru. Iċ-ċwievet kienu ngħataw lil Paċikk Galea, tal-Ġuż, li kien joqgħod fil-qrib biex ikun jista' jiftaħ lil min kien ikun interessat li jara l-fdalijiet tal-qedem. Dak iż-żmien ma kienx hawn il-mezzi tal-komunikazzjonijiet li hawn illum bil-konsegwenza li persuna li tasal fil-post kienet issib min jiftħilha.

Matul is-snin id-Dipartiment tal-Mużewijiet inbidel għal Heritage Malta u filwaqt li komplew isiru aktar studji fuq Ta' Ħaġrat u Skorba, baqa' dejjem jikber l-għarfien u l-importanza ta' dawn il-postijiet. Tant hu hekk li fl-1992 kienu ddikjarati mill-UNESCO bħala postijiet u fdalijiet ta' Wirt Dinji.

Minn dak iż-żmien baqa' jikber aktar l-interess dwar dawn il-fdalijiet. Saru ħafna studji differenti li wrew li n-nies li bnewhom kienu attenti u kapaċi ħafna fuq xogħlhom. Kienu bennejja bravi u żgur ma kinux nies qishom xadini kif ġieli għallmuna fl-iskola.

**Referenzi**

[1] G. Wettinger, (2000) Place-Names of the Maltese Islands ca. 1300-1800, pġ 270
[2] Ibid. Pg 535
[3] J. D. Evans (1971) The Prehistoric Antiquities of the Maltese Islands, University of London, pg 29
[4] Ibid.



# Il-Ġawhra tal-Imġarrin



**Kitba tal-Kav. Mario Coleiro OSJ.**

F'kull belt u raħal tagħna l-Maltin insibu l-Knisja Parrokkjali jew dik li taqdi lill-poplu fil-bżonnijiet spiritwali. Il-Malti minn dejjem kellu għal qalbu dawn l-imkejjen sagri hekk naraw li sa minn żmien il-Preistorja t-tempji kienu l-iktar bini importanti tal-komunità. Din id-drawwa li dawn l-imqades inżommuhom mill-aħjar u li nżejnuhom kif jixraq donnha hija xi ħaġa fid-demm tagħna. Naturalment fejn hemm l-imqades issib ix-xbihat tad-divinitajiet li l-bniedem jirrikorri lejhom f'mumenti tal-ħajja tiegħu, speċjalment meta jkun għaddej minn żmien diffiċli. Din mhux idolatrija imma sens qawwi ta' appartenenza u affidabilità. Ix-xbihat fir-reliġjon tagħna mhumiex qegħdin hemm biex ikunu sens ta' idolatrija imma biex jispirawna f'dak li jkunu qegħdin jirrappreżentaw. Hekk fil-każ tal-Imġarr ix-xbiha titulari ta' Marija Assunta hjja rappreżentazzjoni tal-premju li Alla l-Imbierek għoġbu jżejjen bih lil Marija Santissima. Dan il-premju Marija ħaditu għal dak li wettqet matul ħajjitha. Is-sbuħija li naraw lill-Madonna rappreżentata biha f'din il-vara tirrifletti s-sbuħija tas-Saltna t'Alla li aħna kollha nistgħu nakkwistaw dejjem jekk bħal Marija aħna nsegwu l-passi ta' Sidna Ġesù Kristu.

Dawn ix-xbihat tant jintrabtu mal-ħajja tagħna l-Insara li donnhom isiru parti integrali mill-eżistenza tagħna fi ħdan il-Knisja nfisha. Nerġa' ntenni li din mhix idolatrija, kif xi nies jew reliġjonijiet oħra jippruvaw jinterpretaw, imma hjja mħabba pura lejn Alla l-Imbierek, ibnu Ġesù Kristu, il-Madonna u l-qaddisin. Għalhekk fost il-ħafna opri artistiċi li nsibu fil-knejjes tagħna dejjem insibu l-vara titulari li hija b'mod partikolari l-iktar waħda għażiża għall-parruċċani.

Il-vara sabiħa ta' Santa Marija tal-Imġarr mhux eċċezzjoni anzi f'dan ir-raħal pittoresk l-imħabba u l-qima tal-Imġarrin lejn ix-xbieha ta' Marija Assunta hija waħda impressjonati li bdiet propju sa minn dakinhar li din l-istatwa waslet minn Marsilja fi Franza. Kien it-18 ta' April 1922 meta fuq iz-zuntier tal-Knisja nfetħet il-kaxxa li waslet fiha din il-vara. Jingħad li l-ewwel ma deher kien l-anġlu li nsibu fejn riġlejn il-Madonna u n-nies infexxet iċapċap u tgħajjat kemm kien sabiħ… u mela l-Madonna kemm hi sabiħa aktar! U meta nfetħet il-kaxxa kollha n-nies kellhom raġun biex ibiegħu għax is-sbuħija tal-Madonna għaxxqet lil kulħadd.

Kif diġà semmejt din il-vara ġiet ordnata minn Marsilja u hija simili għal dik li 25 sena qabel kienet ordnata minn Ruma mis-Soċjetà Filarmonika Leone fil-Belt Victorja f'Għawdex. Fatt ieħor importanti huwa li fil-1874, iġifieri 23 sena qabel waslet dik t'Għawdex, kienet waslet il-vara ta' Santa Marija fir-raħal ta' Ħ'Attard . Din ukoll hija vara li tixbah ħafna lil dawn iż-żewġ vari li semmejna. Il-vara ta' Ħ'Attard kienet waslet Malta minn Pariġi fi Franza minn fejn inħadmet u hjja l-eqdem waħda li għandna f'din il-forma. Wara waslet minn Ruma dik t'Għawdex li hija ikbar u b'xi differenzi żgħar fosthom l-anġlu. Fl-aħħar



*Santa Marija Ħ'Attard 1874*



*Santa Marija Katidral Għawdex 1897*

waslet din tal-Imġarr li ġiet minn Marsilja u hija identika għal dik ta' Għawdex. Għalkemm hemm xebh kbir bejn dawn it-tliet vari iżda ġew maħduma minn ditti, u f'postijiet, differenti minn xulxin.

L-istatwa tal-Imġarr għandha marbuta magħha t-tradizzjoni ħelwa fejn kull sena grupp ta' reffiegħa jingħaqdu għall-irkant biex joffru l-ikbar somma li jifilħu biex ikunu huma li jerfgħuha f'nhar il-festa. Din hija tradizzjoni unika f'pajjiżna u sabiħ li tibqa'. Jingħad li fl-ewwel sena li ġrat din il-ħaġa grupp ta' bdiewa, li kienu kollha benefatturi tal-vara, ħarġu s-somma bejniethom ta' 170 lira għall-ispejjeż li tħallsu biex saret il-vara. Fil-festa tas-sena ta' wara dawk li refgħu l-vara offrew bejniethom is-somma ta' 17-il lira u 15-il sold. Dawn il-flus intużaw biex tlestiet in-niċċa. Minn dik is-sena daħlet it-tradizzjoni li min jerfa' l-vara joffri somma flus. Meta kien ikun hemm iktar minn grupp wieħed imħajjar biex jerfa' l-vara, kien jirbaħ id-dritt li jagħmel dan dak il-grupp li joffri l-ikbar somma ta' flus. Din it-tradizzjoni għadha qawwijja sal-lum u tagħżel din il-festa minn oħrajn.

Maż-żmien il-vara kompliet tiżżejjen kif jixraq u għalhekk sarilha pedestall, bradella u bankun. Fil-kantunieri tal-bradella tpoġġew erba' gastri li fihom insibu erba' bukketti tal-ganutell pariġġ il-girlanda ta' fuq il-pedestall li tinsab madwar il-bażi tal-vara. Din ix-xbieha sabiħa ta' Marija Mtellgħa s-Sema hija bla dubju ta' xejn turija ta' kemm in-Nisrani permezz tax-xbihat sagri jaf juri l-imħabba u l-qima li għandu lejn Alla l-Imbierek, ibnu Ġesù Kristu, il-Madonna u l-qaddisin. L-Imġarrin mhumiex eċċezzjoni, permezz ta' din il-vara juru lil Malta kollha kemm hija kbira l-imħabba tagħhom lejn Marija Omm Alla Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem. Viva Santa Marija Assunta.



*Santa Marija L-Imġarr Malta 1922*



# Teżori fil-Mużewijiet Maltin



Kitba ta' John Sarè

## Il-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra

Bħali tiftakru meta l-Armerija u l-Mużew tal-Gwerra kienu flimkien taħt saqaf wieħed. Fis-snin 70 twaqqfet l-għaqda voluntiera li riedu jwaqqfu mużew espressament li jfakkar it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-Forti Sant'Iermu hu l-post ideali biex jospita Mużew tal-Gwerra. L-ebda post ieħor fil-Belt mhu addattat. Il-fortizza tatna żewġ episodji fl-istorja li baqgħu u jibqgħu mfakkra għal dejjem. Almenu hekk nisperaw, intom u jien. Dawn huma l-Assedju l-Kbir 1565 u l-Assedju 1941 u 1942. Kien minn Sant'Iermu li fis-26 ta' Lulju 1941 suldati għassa indunaw bl-E-boats, 14 b'kollox, qegħdin jippruvaw jisfrondaw ix-xibka li kienet tagħlaq id-daħla tal-Port. L-għan tagħhom kien li jtajru l-*convoy* li kien għadu kif wasal.




*id-Daħla tal-Mużew tal-Gwerra*

Il-Mużew ifakkarna kemm fl-Ewwel Gwerra kif ukoll fit-Tieni. Kif tistgħu tissoponu, it-Tieni Gwerra hi aktar rappreżentata għax lilna laqtitna mill-viċin ħafna. Il-Gwerra ta' 1914-1918 poġġiet lil Malta f'pożizzjoni ta' mega-sptar. Infatti Malta kienet imlaqqma *Nurse of the Mediterranean*. Kienet ukoll tilqa' lill-priġunieri tal-Gwerra, bir-responsabbiltà kbira li dawn ma jaħarbux.



*Kanun ta' kontra t-tankijiet*

Il-Mużew juri wkoll iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-Gwerra 1939-1945.

Naraw kif it-*Treaty of Versailles* laqat il-pajjiżi l-kbar u kif dawn irreaġġixxew. Nitkellmu fuq il-Partit Faxxista Malti – tnejn fil-verità – wieħed leali lejn l-Italja u l-ieħor leali lejn ir-Re Ġorġ.



*Kanun tat-3rd Light Regiment*

Hu Mużew interessanti u mhux li wieħed jidħol u joħroġ. Infetaħ fit-30 ta' Mejju 1975 mill-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien is-Sinjorina Agatha Barbara.

L-Ewwel Gwerra Dinjija bdiet, meta l-Arċiduka Franz Ferdinand, eredi tat-tron Awstrijak ġie maqtul fis-Serbja. Hawn bdew serje ta' avvenimenti li kellhom *domino-effect*. L-Awstrija tiddikjara gwerra fuq is-Serbja. Ir-Russja timmobilizza armata kbira fuq il-fruntiera tagħha. Il-Ġermanja tiddikjara gwerra fuq ir-Russja, tinvadi l-Lussumburgu u titlob bil-forza passaġġ minn ġol-Belġju, li jirrifjuta t-talba Ġermaniża. Il-Ġermanja tiddikjara gwerra fuq l-Ingilterra u fuq Franza. L-Ingilterra tiddikjara gwerra fuq il-Ġermanja u tingħaqad militarment ma' Franza u l-Belġju. Fl-aħħar nett l-Awstrija tiddikjara gwerra fuq ir-Russja. Dan kollu seħħ bejn it-28 ta' Lulju u l-5 ta' Awwissu tas-sena 1914. F'ġimgħa waħda l-Ewropa kollha kienet front ta' battalja.

Il-gżira Maltija sabet lilha nnifisha "Infermiera tal-Mediterran ". Il-Gvern Ingliż mill-ewwel fehem li din il-Gwerra kienet se tkun waħda fejn ikun hemm eluf ta' feruti. Għalhekk ħaseb biex f'Malta jkabbar in-numru ta' sodod fl-isptarijiet u minn 268 sodda tellagħhom għal elfejn. F'Għawdex poġġa 500 sodda fil-Forti Chambray. Bejn il-5 t'Awwissu 1914 u l-aħħar ta' Mejju 1915 kienu diġà waslu f'Malta 4,000 suldat midrub. F'Jannar tal-1916 Malta kellha 20,000 sodda mxerrda ma' kullimkien. It-tobba kienu jlaħħqu mat-340. Infermiera 900 u staff paramediku kien ilaħħaq 2,050. Il-midruba li ġew Malta kienu suldati Indjani, Franċiżi, Torok u Russi. Bejn midruba ħafif, u dawk serjament, għaddew minn Malta 'l fuq minn 58,000. Barra dan kollu, Malta kienet ukoll ħabs internazzjonali ta' dawk li nqabdu priġunieri tal-Gwerra.

Qabel nidħlu fis-sala li jmiss, insibu *panel* li tispjega t-Trattat ta' Versailles. Juri fid-dettal dak li ġara bejn Jannar 1919 u s-sena 1923. Bejn is-snin 1919 u l-1939, refa' rasu l-mostru tan-Nażismu Ġermaniż. Mussolini jiddikjara lil Malta satellita Taljana. Fl-1933 il-Parlament Tedesk inqered f'nar qawwi u Hitler iwaħħal fil-Komunisti. Jiġi mogħti l-inkarigu biex jifforma Gvern ġdid. Hitler jibda kampanja feroċi kontra l-Lhud. F'ħames snin li kien ilu kap tal-gvern, kien diġà tefa' 38,000 Lhudi fil-kampijiet tal-konċentrament. Bejn l-1935 u l-1939, il-Ġermanja ħatfet taħt idejha lis-Saar, Rhineland, l-Awstrija, liċ-Ċekoslovakja u l-Litwanja.


*Mutur użat fil-gwerra*

Billi hu mużew didattiku, ma jistax jonqos li ma nsibux tagħrif fuq il-ħajja politika u soċjali tal-Maltin, bil-knisja tagħti s-sehem tagħha bil-qawwa kollha. F'din is-sala nsibu ħafna memorji ta' swied il-qalb. Dawk li ma jafux minn xiex għaddew missirijiethom u nanniethom, il-Mużew tal-Gwerra jagħti t-tagħrif meħtieġ kemm viżiv kif ukoll permezz ta' armamenti tal-Gwerra. Insibu l-ajruplan *gladiator*, imlaqqam Faith, replika fidila għall-aħħar ta' E-boat, tagħrif fuq ir-Royal Oak, l-ewwel vapur tal-gwerra li għereq bi 833 baħrin. Il-vapur Malti, Daisy, bil-Kaptan John Gatt, irnexxielhom itellgħu mill-baħar mat-300 baħri.

Naqraw kif il-ħaddiema tat-Tarzna ta' Malta kien irnexxielhom jisfrattaw attakki ħorox minn 70 ajruplan Tedesk tal-marka Junker u Stuka. Kienu l-Maltin li żviluppaw is-sistema *box-fire barrier*. Bomba waħda biss għaddiet minn dik il-gradilja tan-nar. L-episodju tal-E-boats Taljani hu muri fid-dettal. Il-kanun Bofors għandu postu wkoll fil-Mużew, għalkemm jien ngħid li jixraqlu post aħjar. Dawn il-kanuni għal żmien twil kienu huma d-difensuri ta' Malta. Imfakkra wkoll l-avventura ta' Lt Vincent Sanders li flimkien ma' seba' s*pitfires* bħal tiegħu, telgħu minn Ħal Luqa biex fl-ajru jissieltu ma' 3 Junkers u 3 Messerschimts Kienet taqtigħa ħarxa. Żewġ ajruplani Ġermaniżi nqerdu għalkollox u l-erbgħa l-oħra taru lejn Sqallija bi ħsarat kbar. Bi sfortuna l-i*spitfire* ta' Sanders ġratlu l-ħsara fl-*air-cooling system* u kellu bilfors jinżel fil-baħar

Personalment inħoss li panew li jistħoqqlu aktar importanza jinsab imwarrab u faċilment jista' jinqabeż. Qed nirreferi għall-panew Operation Pedestal. Dan il-panew juri x'għadda minnu l-konvoj ta' Santa Marija. Il-konvoj li salva lil Malta fis-sena 1942. Kien magħmul minn 61 vapur. Il-Ġermanżi attakkawh b'21 *submarine*, 704 ajruplan u 18-il-*motor torpedo*. Wara ħamest ijiem ta' attakki feroċi fuqu, l-alleati tilfu 9 vapuri merkantili, *aircraft carrier*, 2 *cruisers* u *destroyer*. Dawk li rnexxielhom jaslu sal-Port il-Kbir ġew milqugħha minn eluf ta' Maltin fuq is-swar, fuq iż-żewġ Barrakki u fuq ix-xtut madwar il-Belt. F'dan il-panew hemm l-istorja qalbiena tat-tanker OHIO u l-baħrin ta' fuqu. Jasal Malta marbut bejn żewġ *destroyers*. Barra minn hekk il-panew jagħti tagħrif fuq il-*convoys* kollha li żaru lil Malta.

Minn hawn 'l quddiem beda t-tlugħ glorjuż ta' Malta u l-Allejati. Minn Malta bdiet l-invażjoni ta' Sqallija. Min hu tal-età tiegħi ma jistax jinsa x-xena Maltija ta' dak iż-żmien. Il-Marsa, Ta' Qali, ta' Venezja, Ħal Far u rkejjen oħra ta' Malta miżgħuda b'ajruplani, karozzi, trakkijiet, tankijiet, munizzjon u numru kbir ta' vetturi tal-gwerra. Kollha lesti biex jinżlu Sqallija. Għawdex ukoll kien ta l-parti tiegħu, għax fuq il-gżira kien hemm numru kbir ħafna ta' *spitfires* lesti għat-tluq.



*Il-Gladiator Faith*




*Il-Husky tal-Ġeneral Eisenhower*



*L-ISpitfire ta' Lt Sanders*

Dan hu Mużew li kemm il-missirijiet u n-nanniet għandhom iżuruh mhux weħidhom imma mat-tfal u n-neputijiet tagħhom. Iż-żgħażagħ tal-lum ħadd ma jemmen minn xiex għaddiet Malta. Infetaħ fl-1975 u ġie kompletament rinovat fl-2009.


Il-Bini tal-Mużew

## Il-Mużew Nazzjonali tal-Arti

Flok il-bini li qiegħed iħaddan fih dawn l-opri tal-Arti, kien hawn djar li jmorru lura fis-snin sa żmien l-Ordni ta' San Ġwann. Din hi dar kbira, sabiħa u lussuża li nbniet fl-1763, għal Fra Raimondo de Sousa Silva. Ritratti tat-taraġ ġrew mad-dinja kollha f'dak li hu ambjent ta' djar kbar u vilel. Hu taraġ meqjus monumentali u eleganti. Inbena biex jimpressjona lil min iżur din id-dar. Hu taraġ li jagħtik l-impressjoni li hu mdendel fl-arja, għax maqtugħ minn mal-ħitan tad-dar. Hu still *rococo* għalkollox. Il-perit li ddisinja t-taraġ kien midħla sewwa ta' turġien simili li kien hemm fl-Ewropa. Kienet id-dar ta' ħafna kavallieri sakemm għamlet il-wisa' fl-1798 għall-Franċiżi u fl-1800 għall-Ingliżi. Fi żmien dawn tal-aħħar kienet ir-residenza tal-Ammirall Ingliż, li minħabba f'hekk kienet magħrufa bħala Admiralty House. Meta l-Gvern Malti ħa taħt idejh din id-dar, kellhom jgħaddu ftit tas-snin mhux ħażin sakemm ġie deċiż il-futur tagħha. Wara restawr neċessarju u bżonnjuż ħafna, din id-dar infetħet fis-7 ta' Mejju 1974 bħala Mużew Nazzjonali tal-Arti.

Il-Mużew iħaddan fih xogħlijiet tas-seklu 14 sal-lum.

Fost pitturi ta' fama mondjali nsibu lil Mattia Preti, Giuseppe Calì, Antonio Inglott, Antonio Grech, Antoine Favray u ħafna oħrajn, Maltin u barranin. Fiċ-ċokon tiegħu huwa imprezzabbli u eżempju ħaj tal-Wirt Kulturali li jinsab fil-Gżira tagħna. Naraw u nistudjaw flimkien xi xogħlijiet li jinsabu fil-Mużew.


Il-Flaġellazzjoni

## Il-Flaġellazzjoni ta' Kristu - Maestro di Campodonico - seklu 14

Din hi pittura tal-Iskola Taljana. Dan hu kwadru f'erba' partijiet. Fuq nett għandek figura ta' Alla l-Missier fil-glorja u l-maestà kollha tiegħu. Il-pittura tifforma trijangolu li fih innifsu jfisser Trinità. Kif taraw mid-deheb li hemm fl-isfond, dan hu xogħol Biżantin. L-artist biex juri li Alla hu kbir, pinġieh akbar mid-dimensjoni li jixraqlu. Din hi teknika użata fl-ikonografiji tal-Biżantini. Alla l-Missier jidher sever, iħares madwaru b'setgħa ta' mħallef.

It-tpinġija ta' fuq ittellef xi ftit il-parti importanti tan-nofs fejn għandek il-Flaġellazzjoni ta' Kristu. Il-Flaġellazzjoni dejjem kienet grotteska, tara ħafna demm 'l hemm u 'l hawn.

L-aktar komuni kien demm ħiereġ minn sider Kristu. Illum il-Knisja dan il-grottesk ma tħaddnux. Ħarsu lejn il-manigoldi, qishom fuq palk; wieħed qisu qed jiżfen biex isawwat lil Kristu u l-ieħor jekk tħares sewwa lejh issib li driegħu hu twil iżżejjed. Fuq in-naħa tal-lemin, il-figuri ta' San Stiefnu u t-tnejn l-oħra qishom statwetti bla ħajja. Fuq ix-xellug għandek lill-Madalena qed tittawwal biex tara x'inhu jiġri. Il-fatt li hi liebsa l-iswed, jindika qalb maqsuma. Dan kollu ma għandux itellef is-sbuħija ta' dan ix-xogħol tas-seklu 14. Tħares lejn dan il-kwadru bħala biċċa xogħol waħda, issib li dan il-kwadru mill-ewwel jolqot il-għajn u jolqtuk ukoll iż-żewġ stili ta' pittura li jiffurmaw dan il-polittiku.

**L-Armarju Malti tas-seklu 17**

L-għamara antika f'Malta, dejjem skont Joe Galea Naudi, tmur lura għas-seklu 16. F'dan iż-żmien insibu s-senduq Sqalli. Dan is-senduq baqa' popolari mal-Maltin sal-aħħar tas-seklu 18. Għamara oħra li wkoll tmur lura għas-seklu 16 hi l-armarju baxx. Dan it-tip ta' armarju kien dekorat ħafna. Kellu ukoll fuqu s-salib tal-Ordni. Seklu wara, jiġifieri fis-seklu 17, insibu ħafna għamara bis-Salib ta' Malta interzjat (inlaid) jew inkella mnaqqxa fl-injam bħala dekorazzjoni. Kien hemm żmien fejn l-użu tas-Salib ta' Malta kien ristrett għall-għamara tal-Ordni u knejjes.

Fis-seklu 17 insibu wkoll li f'Malta l-industrija tal-għamara kienet ħadet spinta 'l quddiem. Insibu s-senduq tal-qastan, armarji, gradenzi, pultruni, kollha maħdumin minn injam mastizz. Kien daħal ukoll l-użu tal-panew. Beda wkoll f'dan is-seklu xi ġnub skolpiti. Allura hawn kien jidħol l-iskultur. Użanza li għadha magħna sal-lum. L-aktar tip ta' injam użat kien injam tal-ġewż u injam tal-qastan. Kienet tinħadem ukoll għamara rħisa ħafna. Din kienet tkun tal-abjad, miżbugħa ġeneralment ħadranija jew ħamranija biex wara tkun imżejna b'faxxi jew disinji ħfief biż-żebgħa tad-deheb.

Fis-seklu 17 insibu wkoll l-interzjar, mhux biss fl-injam imma anki fl-irħam. Ġabuha magħhom nies tas-sengħa mill-Italja. Kemm damu hawn Malta ħadmu għamara sabiħa ħafna li għadna ngawduha sal-lum. Fis-seklu 17 insibu li l-industrija tal-għamara kienet ħadet spinta 'l quddiem. Fost biċċiet ta' għamara nsibu s-senduq tal-qastan bis-salib tat-tmien ponot. Imma f'Malta l-aktar biċċa għamara li hi għall-qalb il-Maltin hi dik li aħna nsejħulha librerija tal-kotba. Illum nirreferu għaliha bħala l-*unit* tal-kotba. Kienet biċċa għamara f'forma tawwalija, bil-bibien tal-ħġieġ b'xi disinn jew fuq il-ħġieġa stess jew strixxi rqaq tal-kewba biex jagħti effett qawwi ħafna. L-interzjar inqata' mal-wasla tas-seklu 18.

**Kristu jżomm is-Salib -**
**Guido Reni - 1575-1642**

Ftit wisq hu x-xogħol oriġinali ta' Guido Reni f'Malta. Niltaqgħu max-xogħol tiegħu f'Ħaż-Żebbuġ. Fil-Knisja Parrokkjali hemm titular tal-artal tal-ġenb ta' Santa Marija, ta' Santa Agatha u ta' Santa Luċija. Fuq naħa oħra tal-knisja hemm il-kwadru tal-Madonna tal-ħniena.

"Kristu jżomm is-Salib" hu wieħed mill-aħjar xogħlijiet tiegħu. Jirrifletti wkoll ix-xejra ta' dak iż-żmien f'dak li aħna nsejħu "nudo" - għera bil-Malti. Huwa xogħol imponenti ħafna. Hawnhekk Guido Reni kien spirat mill-"Kristu Rxoxt" ta' Mikelangelo. Dan "Kristu

Rxoxt" jinsab Ruma għand id-Dumnikani. Il-ġisem ta' Kristu hu ġisem ta' atleta - ta' atleta Grieg. Fl-ewwel edizzjonijiet tal-isport Grieg, l-atleti kienu nudi. Hekk hu Kristu. Jixbah ħafna wkoll lil Apollo, tal-mitoloġija Griega. M'hemmx ħajja fl-isfond tal-pittura, hu sfond ċass ħafna, *very cold and lacks warmth* - iġifieri mhux tali li int tinġibed lejn l-isfond tal-pittura.



Kristu jżomm is-Salib

Mill-banda l-oħra għandek il-ġisem ta' Kristu mimli ħajja, flessibbli, ma juri l-ebda reżistenza la f'dirgħajh, la f'ġismu u lanqas f'saqajh. Anzi jekk tħares lejn il-korp tiegħu tara fih ġisem sod, ta' xi *body builder*. Kristu hu milwi mingħajr tbatija. Hu Kristu mingħajr tbenġil u mingħajr dmija. Qed naraw figura maestuża. Il-kuntrast qiegħed fis-salib, dritt, għuda tal-mastizz, sod u jidher b'saħħtu. Sa tard tas-sena 1500, l-għera kienet permessa mill-Knisja. F'ġisem mneżża' l-Knisja kienet tara s-sbuħija tal-ħolqien, is-sbuħija tan-natura. Ma kinitx toġġezzjona meta xi kwadru tal-qaddisin, l-aktar qaddisin nisa kienu jiġu mpinġija b'sider mikxuf, bħalma hu l-każ tal-Martirju ta' Santa Agatha u dak ta' Marija Madalena meta qiegħda taħt is-Salib tibki dnubietha. Lanqas fl-irġiel ma kienet toġġezzjoni l-Knisja meta dawn kienu jiġu mpinġija mingħajr għata. Ħafna huma l-kwadri ta' Kristu Msallab mingħajr il-maktur.

Iżda fl-aħħar tas-seklu 17 u fil-bidu tas-seklu 18, bdiet tidher pittura nuda, speċjalment tal-mara li flok li tiġbdek spiritwalment, kienet tqanqal is-sensi għall-pjaċir tal-ġisem. Anki l-istess Mikelangelo, meta kien beda ipinġi l-irġiel, pinġa fost oħrajn lil San Ġwann il-Battista, b'sens erotiku. Beda dieħel l-erotiku. Kien hawnhekk li l-Knisja ordnat li l-parti t'isfel ta' Kristu titgħatta. F'Malta hawn Kristu Msallab f'kollezzjoni privata ta' artist, illum mejjet, li għandu lil Kristu mingħajr il-maktur. "Kristu jżomm is-Salib" hu xogħol li juri Kristu Rebbieħ. Dan il-kwadru qatt ma tpoġġa fil-knejjes Maltin. Kien fil-kollezzjoni privata tal-Gran Mastri, li minn żmien għal żmien kienu jixtru jew jikkummissjonaw xogħlijiet tal-arti.

Kif wasal Malta ma nafux. Iżda żgur li wasal Malta mod ieħor. Wasal mingħajr l-għata fuq quddiem. Il-biċċa drapp li hemm ma' Kristu ma taqbel xejn mat-teknika tal-kwadru. Minn studju li sar fuq il-biċċa drapp u l-kumplament tal-pittura, juri fiż-żgur li dak il-kwadru hu xogħol oriġinali. Saru ħafna kopji ta' Guido Reni – "Kristu jżomm is-Salib". Insibuh fi Spanja fl-Accademia di San Bernardo f'Madrid; fi Franza fil-Mużew Des Augustins f'Toulouse

Lejn l-aħħar tas-seklu 17, saru ħafna kopji tiegħu. Malta mhix nieqsa minnhom. F'ħafna każi, Kristu hu muri mingħajr għata. Dan il-kwadru kien inġieb mill-Palazz Presidenzjali.

### San Tumas ta' Villanova - Melchiorre Gafà - 1636-1667

Melchiorre Gafà twieled il-Birgu għall-ħabta tas-sena 1636 u miet f'Ruma fl-1667. Dawn iż-żewġ dati kif ukoll il-mewt tiegħu f'Ruma, mhumiex ċerti minnhom. Miet żgħir, ta' 31 sena.

Għalkemm mhemmx dokumenti, jingħad li l-istatwa ta' San Pawl tal-Kolleġġjata tal-Belt hija xogħol tiegħu meta kien Ruma. L-istatwa ġiet Malta lejn l-aħħar tas-sena 1659. Kien l-ewwel xogħol li għamel meta daħħal figura sħiħa. F'Ruma Gafà kien rispettat ħafna. Minħabba li l-istorja trid tiġi rispettata, fl-arkivji tal-Imdina hemm dokument li juri li Melchiorre Gafà kien għadu Malta fl-1658.

Il-fama ta' Melchiorre waslet saħansitra sal-Perù, fejn hemm ħadem il-kapolavur tiegħu - Santa Rosa f'estasi - li nħadmet għall-patrijiet Dumnikani ta' Lima.

Kien il-Gran Mastru Nicola Cottoner, li talab lil Gafà biex jiskolpixxi l-arma tiegħu. Jingħad li din il-ġebla nqalgħet minn postha u ġiet fuqu. Hu miet ftit ġranet wara.



*San Tumas ta' Villanova*

Melchiorre għandu ħafna xogħlijiet hawn Malta. Fost dan ix-xogħol insibu erba' bozzetti, wieħed minnhom hu ta' San Tumas ta' Villanova. Hu l-isbaħ xogħol ta' bozzett, jiġifieri mudell qabel issir l-istatwa fil-kobor. Dan il-bozzett hu stil barokk, mimli dinamiżmu kemm fil-figura tal-qaddis iżda l-aktar fl-ilbies fejn tinsa li qed tara tafal. Il-piegi tal-ilbies huma realistiċi ħafna. It-tfal tisħajjel li se jinqalgħu minn mument għall-ieħor. Mat-tfal hemm il-figura tal-mara tallaba, imdawra mal-figura ta' San Tumas. Jekk tistudjawha sewwa tindunaw li għandha figura ta' S tielgħa mal-kappa ta' San Tumas. Il-bozzett kollu mimli ħajja u naturalment movimentat.

## Skrivanija ta' nofs is-seklu 17

Diġà fl-1377 insibu referenza ta' *magistris carpenteris*. Fl-1461 insibu l-mastrudaxxa Malti. Imma ma kienx hemm distinzjoni bejn dawk il-mastrudaxxi li kienu jaħdmu s-sengħa fuq l-art u dawk li kienu fuq il-baħar, jiġifieri fuq ix-xwieni. Lejn l-aħħar tas-sena bdew jissejħu *maestri carpentieri* u *maestri falegnami.*

Interessanti polemika li nqalgħet fl-1462 meta l-Università tal-Imdina kienet ħarġet bandu li l-ebda mastrudaxxa ma kellu jiftaħ ħanut tax-xogħol barra mill-Imdina. Dak iż-żmien kienu qed jinbnew imtieħen tar-riħ madwar Malta. Insibu li 7 mastrudaxxi - Bonello, Chakim, Lukis, Zammit, Schembri, Lamann u Percop sfidaw l-ordni tal-Gvern tal-Imdina u armaw ħanut tax-xogħol fir-raħal fejn kienu jaħdmu. L-Università ħarġet sanzjonijiet iebsin u penali ta' flus. Il-polemika damet 14-il sena.

Fl-arkivji ma nsibux li kien hemm ħafna mastrudaxxi li ma tħallsux ta' xogħolhom. Xi wħud minnhom huma: Agostino Fiteni talab fl-1653 biex jitħallas għal xogħol ta' gwardarobba u 4 siġġijiet bid-dahar tal-ġild. Fra Francesco Lanfreducci miet fl-1656 u ħalla dejn ta' mejda lil Giacchi Montalto. Il-Gran Mastru Zondadari ordna monument għall-funeral tiegħu. Talab lil Gia Batta Camilleri jaħdimhulu, u sakemm miet il-Gran Mastru, kien għadu ma tħallasx.

Il-Gran Mastru Ximenes miet fl-1778. Kien għadu ma ħallasx lil Gio Paolo Cumbo 90 skud għal tliet siġġijiet u 136 skud għal xi għamara.

Is-seklu 17 ra żmien l-aktar sabiħ f'dak li għandu x'jaqsam max-xogħol ta' skrivaniji. L-interzjar ukoll kien moda imma mhux kulħadd seta' jħallas għalih. Bħala injam, kienet il-kewba l-aktar li ntużat. Dak il-ħadid li naraw taħt l-imwejjed, jissejjaħ *Yorkshire mending*. Meta l-mejda kienet tiżloga, kienu jagħmlu dak il-ħadid għas-saħħa.

Illum il-kelma "desk" nużawha aktar fil-wisa'; għax wiċċ wiesa' u tawwali nsejħulu skrivanija jew desk. Kien fis-seklu 17 li bdiet tkun komuni li skrivaniji jkollhom il-kxaxen. Għall-aħħar tas-seklu 17 beda jinħoloq spazju fejn l-irkopptejn u s-saqajn setgħu jitpoġġew għal aktar kumdità.

**Il-Magħmudija ta' Kristu -**
**Mattia Preti - 1613-1699**


*Il-Magħmudija ta' Kristu*

Twieled ġewwa Taverna fil-Calabria. Hu magħruf bħala Il Calabrese. Ta' 17-il sena mar Ruma u sar ħabib ta' tnejn minn nies potenti. Dawn kienu Don Paolo Borghese u l-Kardinal Rospigliosi. F'Ruma kien għaddej xogħol ta' tliet artisti kbar li kienu Guerricino, Domenichino u Lanfranco. Preti mill-ewwel inġibed lejn din il-forma ta' pittura u tant ħabbha li saret parti integrali fil-pittura tiegħu. Fl-aħħar ta' Ottubru 1642 ġie maħtur Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann. Iċ-ċerimonja tal-vestizzjoni saret f'Ruma fil-Knisja ta' Sant'Anna f'Borgho.

Il-Kavallier Preti jingħaqad ma' żewġ familji oħra wkoll b'saħħithom ħafna u li ħaduh taħt il-patruċinju tagħhom. Dawn kienu l-familja Ruffo ta' Calabria u l-familja Pamphili ta' Ruma. Fl-1652 insibuh f'Modena jaħdem l-affreski għad-Duomo, il-Katidral.

Fl-1659 kien Malta fuq żjara qasira ta' ftit jiem. Iżda fil-15 ta' Settembru 1661 reġa' ġie Malta u dam 42 sena. Ġie Malta fuq stedina tal-Gran Mastru Rafel Cottoner. Ġie mitlub isebbaħ il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann minn ġewwa. Illum San Ġwann hu meqjus il -"magnumopus" tal-Preti.

It-tema tal-pittura tas-saqaf f'San Ġwann hi l-ħajja tal-Battista. Pinġa diversi kwadri għall-artali tal-ġnub. Hu kien responsabbli għat-tiżjin mill-ġdid tal-Knisja. Ix-xogħol kollu li ndaħal għalih spiċċah fl-1666 fi żmien il-Gran Mastru Nikola Cottoner, ħu Rafel. Minn hawn 'il quddiem Mattia Preti ġie maħtur *the official painter* tal-Ordni.

F'Malta għandna ħafna pittura ta' Preti kemm fil-knejjes, dawk titulari u dawk ta' fuq l-altari tal-ġnub, kif ukoll fi djar privati. Minn Malta, Preti bagħat ħafna xogħlijiet barra li ġew ikkumissjonati fi Sqallija u fi Siena. F'Sarrija, il-Furjana, hemm xogħol tal-Preti wkoll.

Mattia Preti miet fit-3 ta' Jannar 1659. Kif jixraq hu midfun f'San Ġwann.

Fil-kwadru "Il-Magħmudija ta' Kristu" għandna l-figura ta' Kristu u Ġwanni l-Battista jiffurmaw piramida. Din hija teknika użata ħafna mill-artisti. Naraw fil-ġisem ta' Kristu u fil-ġisem tal-Battista, figura umana perfetta. Ta' Kristu hu ġisem mingħajr tbajja', mhux ġisem għajjien, juri li għadu ma bediex it-tbatija tal-passjoni. F'dak tal-Għammied, hu ġisem bil-muskoli, goff, b'saħħtu. Hu stil barokk. Skont id-dizzjunarju l-barokk hu stil ta' arti goffa, esaġerata u mimlija xniexel. Il-Battista, pinġieh kif tgħid l-Iskrittura, "jgħix fid-

deżert, għaddej jipprietka l-penitenza." Kien bniedem li kien jinkorla u jikkundanna lil min ma kienx fit-triq tas-sewwa. Araw il-kuntrast. Waqt "Il-Magħmudija ta' Kristu", l-kuġin tiegħu, jidher bniedem mans, hemm qima u reverenza fuq wiċċu, jaf lil min qed jgħammed. L-anġlu li hemm fil-pittura hu l-istess wieħed li Preti jpinġi fil-kwadri ta' San Pietru.

Jekk tiftakru fil-kwadru ta' "Kristu jżomm is-Salib", l-isfond tal-pittura hu kiesaħ, bla kuluri jgħajtu, anzi mitfuħa fuq l-iskur. F'dan il-kwadru għandek kuluri sbieħ, ħajjin, u fl-isfond kollu għandek kuluri li jolqtu l-għajn u li jpaxxu.

Simbolu qawwi f'dan il-kwadru hu s-sħab. Taħseb li se tagħmel ix-xita. Imma l-uniku ilma li jidher nieżel hu dak li nieżel mill-bieqja għal fuq ras Kristu. Il-kritiċi tal-arti jgħidu li dan pinġieh ftit wara li wasal Malta.

**Id-Dubju ta' San Tumas –**
**Mattia Preti 1613 - 1699**

Il-kwadru "Id-Dubju ta' San Tumas" jidher li hu l-favorit ta' Mattia Preti. Dan is-suġġett żviluppa fuq esperjenzi ta' ħajtu tul iż-żmien. Jista' jkun mhux oriġinali fl-idea għalkollox. Nafu li teżisti kollezzjoni ta' kwadri b'temi bibliċi. Din tinsab Ruma f'dar privata.



*Id-Dubju ta' San Tumas*

Ir-raġuni li għaliha Preti ntefa' għal dan ix-xogħol tista' tkun li f'dan il-kwadru seta' jesprimi ruħu b'qawwa personali li kien magħruf għaliha minħabba l-fatt li hu kien ġej min-naħa t'isfel tal-Italja. Hawn kuntrast qawwi ieħor fil-persuni ta' Kristu u ta' San Tumas. Kristu rebbieħ fuq il-mewt darba għal dejjem, ġisem nadif u safi, ħlief għal dik il-qasma fil-kustat. B'din il-ferita, Preti wera li hu kien jemmen li Kristu kien bniedem u Alla fl-istess waqt. Preti hu magħruf għall-mod kif ipoġġi l-profan u d-divin f'taħlita li ma tweġġgħax is-sentimenti ta' min ikun quddiem il-kwadru.

F'San Tumas jidher bniedem li xogħlu kien fuq barra, fl-għelieqi, l-elementi ħallew timbru fuq wiċċu. Għal darb'oħra pinġa lil Tumas fuq bniedem meridjonali.

Ma tistax tħalli barra l-membri l-oħra li hemm fil-kwadru. Hemm effett psikoloġiku jaħdem fuqhom. Dejjem qallhom li hu għad iqum mill-mewt. Imma meta ġrat tassew ma emmnux u Tumas qed jidher għalihom kollha. F'dan il-kwadru nsibu wkoll dak hekk imsejjaħ "chiaro scuro". Iċ-ċar jitħallat mal-iskur għall-effetti aktar qawwijin.

Matul is-seklu 17, Malta kienet tieħu l-aspirazzjonijiet artistiċi tagħha minn Napli. F'dan is-seklu, żewġ artisti kbar iddominaw ix-xena tal-arti fin-nofsinhar tal-Italja. Dawn kienu Mikelangelo da Caravaggio u Mattia Preti, il Calabrese.

**Il-Martirju ta' Santa Katarina – Mattia Preti 1613 - 1699**

Għall-ħabta ta' nofs is-seklu 17, f'Malta kellna lil Caravaggio arrestat fil-Forti Sant'Anġlu. Bl-għajnuna ta' ħafna nies, il-Caravaggio ħarab. Immedjatament wara wasal Mattia Preti, li dam hawn għal aktar minn 40 sena. Ġara li x-xena artistika Maltija ġiet iddominata mill-Calabrese. Insibuh jaħdem kważi 20 siegħa kuljum. Sakemm miet fl-1699, kien l-ewwel u qabel kulħadd. Minħabba l-isem kbir li kien qed jagħmel, l-Ordni ta' San Ġwann iddeċieda li jġibu hawn Malta. Ħadem f'Malta għal kważi 42 sena. Mattia Preti

ħallielna warajh pittura barokka mill-aqwa.

Il-Mużew għandu 12-il biċċa xogħol tiegħu. Fil-pittura li hemm fil-Mużew, Preti rnexxielu jgħaqqad is-sekli 16 u 17 flimkien. Dawn huma xogħlijiet sbieħ u mfittxija minn kull student tal-Arti. Wieħed minn dawn il-biċċiet kbar tiegħu hu l-kwadru li juri l-Martirju ta' Santa Katarina. Pittura li mhix għalkollox oriġinali fl-idea. Kemm fil-ħsieb u kemm fit-tfassil tal-pittura, juru li din tista' b'xi mod titqies kopja ta' pittura oħra li tinstab fil-knisja ta' San Pietru f'Napli. Żewġ persunaġġi fil-kwadru, x-xiħ u l-bojja, inqalgħu mill-kwadru Naplitan u tpoġġew fil-kwadru Malti.


*Il-Martirju ta' Santa Katerina*

Santa Katarina, nofsha mnezza' hi ukoll l-istess waħda b'differenza li dik Naplitana għandha ġisimha roża filwaqt li fil-kwadru Malti, ġisem Santa Katarina hu abjad. F'dan il-kwadru Preti juri l-verġinità u s-safa tal-qaddisa. Il-Knisja Maltija ma ħaditx gost b'dan il-kwadru u bl-ebda mod ma' riedet li jitpoġġa fil-knejjes. Biex il-Gran Mastru ma jiksirhiex mal-Isqof, żamm il-kwadru mal-kollezzjoni tiegħu.

Il-Kwadru "Il-Martirju ta' Santa Katerina", għandek arti barokka għall-aħħar, xeni effettivi ħafna, qishom drama fuq palk. Interessanti f'dan il-kwadru hu li minn studju li sar jidher li Mattia Preti pinġa ras Santa Katarina ħafna drabi sakemm ħareġ l-aħjar u l-aqwa mill-pinzell tiegħu. Minn ċertu angolu tal-kamra tidher ras oħra fuq ir-ras ta' Santa Katarina. Dan il-kwadru kien jinsab fil-Palazz Presidenzjali fil-Belt. Kwadru kbir għax fih 2.34 m X 2.58m

## L-Arloġġ Malti - Mikielanġ Sapiano 1826 - 1912


*L-Arloġġ Malti*

Dan l-arloġġ hu magħruf bħala l-Arloġġ tal-Lira, minħabba l-fatt li xi ħadd qal li kien iqum lira. Dan hu kollu żbaljat. L-ewwel nett fi żmien li deher dan l-arloġġ kien hemm l-iskud bħala flus uffiċjali ta' Malta. Meta ġew l-Ingliżi Malta, kien biss fl-1886 li l-Ingilterra neħħiet l-iskud u daħħlet il-Lira f'Malta. Kollox fuq kollox biex l-Arloġġ Malti jkun lest, irid jgħaddi minn idejn il-mastrudaxxa, l-induratur, l-artist li jpinġi wiċċ l-arloġġ, u għand min jagħmel il-magna tal-arloġġ. B'dawn in-nies kollha involuti fl-arloġġ Malti, ma jistax ikun li jqum biss lira!

Fl-1888, Mikielanġ Sapiano kien jitlob 60 lira sterlina biex jaħdem arloġġ għat-turretti. Raġuni oħra għax ma kienx jiswa lira hu l-fatt li dawn l-arloġġi bdew jiġu ordnati mis-sinjuri u min-nobbli. Qatt ma nstema' li xi ħadd jirreferi għall-arloġġ tiegħu bħala tal-Lira.

Minn fejn ġie l-laqam Tal-Lira? Waqt li l-Arloġġ Malti kien qiegħed jikber fil-popolarità, deher arloġġ ieħor fl-Italja li kien imlaqqam *orologio a lira*, ġejja mill-kelma Ingliża "lyre",

strument li jixbah l-arpa, iżgħar fid-daqs, jinżamm fl-id ix-xellugija u jindaqq bil-leminija. Sar popolari ħafna fl-Ewropa u l-Amerika. Ma jixbah xejn lill-Arloġġ Malti, imma jista' jagħti l-każ li ħa laqmu minn dan tat-Taljani. Imma rridu jew ma rridux il-laqam baqa' miegħu sal-lum.

### Il-Gran Mastru Emanuel Pinto de Fonseca - Antoine Favray - 1706 - 1798

Antoine Favray twieled fit-8 ta' Settembru 1706, viċin Pariġi. Ftit li xejn nafu fuq it-trobbija tiegħu. Iżda f'daqqa waħda narawh Direttur tal-Akkademja Franċiża f'Ruma. Dan l-unur laqqgħu man-nies għonja tal-Ewropa u wkoll mal-Kavallieri ta' San Ġwann. Minn hawn sema' b'Malta. L-Ordni ta' San Ġwann ried lil Favray f'Malta u għamel minn kollox biex iġibu hawn. Fl-1744 Antoine Favray ġie Malta u dam mal-50 sena. Hawn Malta beda l-ħajja artistika tiegħu wara xi xogħol ikkummissjonat minn familji sinjuri Maltin.

Kien imiss issa lill-Gran Mastru Emanuel Pinto de Fonseca. Pinġieh liebes ta' sultan b'ilbies ċerimonjali. Il-pittura qamet 50 zekkin tad-deheb u ħallsu għaliha l-kappillani tal-Ordni. Tawhielu rigal f'għeluq sninu meta għalaq 66 sena. Favray kien iżur ta' spiss l-isptar tal-Ordni, is-Sacra Infermeria. Hemm tgħallem l-anatomija tal-ġisem. Fit-12 ta' Lulju 1751 il-Papa Benedittu XlV, minn Kastel Gandolfo, ħatru Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann, li għalkemm ma kienx nobbli, sar Kavallier bil-ħila tiegħu artistika. Bħala Kavallier mar joqgħod fil-Berġa ta' Franza u beda jirċievi xi flus.

Fl-4 ta' Ottubru 1760, xi Maltin li kienu lsiera fuq ix-xini tas-Sultan ta' Rhodi, Bajazet ll, qamu kontra t-Torok u ħadu x-xini taħt idejhom u rħewlha lejn Malta. Naturalment ix-xini tas-Sultan, Corona Ottomana, intbagħtet lura lis-Sultan u magħha mar Favray. F'Jannar tas-sena 1761 wasal Kostantinopli biex tmien snin wara reġa' ġie Malta fost il-ferħ tal-Kavallieri. L-aktar li pinġa kienu gran mastri u dinjitarji tal-ordni, Maltin sinjuri u nobbli u nsibu wkoll ħafna xogħol tiegħu fil-knejjes. Miet fit-8 ta' Frar tal-1798 u jinsab midfun fil-Knisja ta' San Ġwann

### L-Adorazzjoni tal-Maġi - Stefano Erardi 1630 - 1716

Il-kwadru l-Adorazzjoni tal-Maġi jinsab fil-kappella tal-Lingwa Ġermaniża u hu xogħol sabiħ u artistikament tajjeb ħafna. Dan it-titular hu wkoll magħruf bħala tal-Epifanija. Dan ix-xogħol ta' Stefano Erardi jagħmel ġieħ lix-xogħol artistiku Malti. Mill-banda l-oħra hemm min iqis lil Erardi bħala bniedem xi ftit antikwat fl-ideat u fl-istil tiegħu meta tqis iż-żmien li kien qed jgħix fih. Imma bla dubju ta' xejn, l-Adorazzjoni tal-Maġi hu xogħol mit-tajbin tiegħu. Hu xogħol mirqum għall-aħħar. Iċ-ċentru tal-attenzjoni jmur fuq it-Tarbija. Ta' min jgħid ukoll li l-lunetti f'din il-kappella huma wkoll ta' Stefano Erardi.

Il-Kappella tal-Adorazzjoni tal-Maġi kienet intlaqtet minn bomba fit-Tieni Gwerra Dinjija. Stefano Erardi twieled fl-1630 u miet 1716, fl-età ta' 86 sena. Hu midfun fil-knisja ta' Ġieżu, il-Belt.

Hija ħasra li sal-lum ftit li xejn nafu fuq Erardi, għax għadu ma ġiex studjat sewwa. Beda l-karriera tiegħu ta' artist tal-pittura billi kien jistudja xogħlijiet ta' ħaddieħor u anki jagħmel kopji. Hemm x'jindika li għal xi żmien kien l-Italja. Jekk hux biex jistudja, jew b'xogħol jew vaganza, ma nafux. Hu fatt, iżda, li l-wasla ta' Mattia Preti f'Malta, tat spinta qawwija lill-pittura ta' Erardi. Insibu li xogħlu beda jkun wisq aħjar minn qabel.

Stefano romol tmien snin wara l-ewwel żwieġ, li minnu kellu ħafna tfal. It-tieni żwieġ tiegħu kien ma' armla li qabel kienet il-mara ta' Taljan. Milli jidher kien ħallieha sinjura, għax insibu lil Stefano f'kundizzjoni ekonomika tajba ħafna. Beda wkoll jinnegozja fil-bini. Xi xogħlijiet tiegħu huma: l-Inkurunazzjoni tal-Verġni - Mużew Wignacourt, Rabat, Malta; Il-Lunzjata - Knisja tal-Karmnu fl-Imdina; In-Nawfraġju ta' San Pawl - Knisja ta' San Pawl tar-Rabat u l-Martri ta' Nagashi - Knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt.

**Il-Ġinokkjatur tas-seklu 17 u 18 -**

Il-ġinokkjatur, fis-seklu 17 u 18 kien biċċa għamara mill-kamra tas-sodda. Kien jinħadem fi stili differenti, minn sempliċi għal dak aktar elaborat. L-injam użat kien l-aktar dak tal-qastan. Karatteristika ta' dan iż-żmien kien il-wiċċ tal-ġinokkjatur, jiġifieri fejn jistrieħu l-idejn u l-minkbejn. Dan kien wiċċ wiesa' ħafna.


*Ġinokkjatur*

Il-ġinokkjatur kien jinħadem f'ħafna modi differenti. Kien hemm dawk b'kexxun wieħed, kien hemm oħrajn bi tnejn jew tlieta fuq xulxin. Kien hemm ġinokkjaturi li kellhom armarju fil-faċċata jew kexxun u armarju. Oħrajn kellhom armarju fil-ġnub. Meta qaleb is-seklu 18 beda jinħadem f'injam ta' kwalità oħra bħal kewba u injam taż-żebbuġ. Daħlet ukoll f'dan iż-żmien il-fuljetta. Insibu f'ħafna minnhom l-interzjar kif ukoll ebbanu ngastat fil-ġnub jew kantunieri. Ġinokkjatur ta' prestiġju kien dak maħdum kollu kemm hu mill-ebbanu iswed. Oħrajn kienu interzjati bir-ramm u oħrajn kellhom pittura fil-wiċċ, jew fil-faċċata tal-bieba tal-armarju. Kien hemm ġinokkjaturi li l-wiċċ tagħhom kien iżomm fuq żewġ kolonni fuq quddiem. Dawn il-kolonni kienu minn xi daqqiet impittra b'tema reliġjuża.

Xi ġinokkjaturi speċjali kienu dawk li kellhom xi kexxun sigriet. Dawn kienu tant maħdumin tajjeb li qatt ma kont tista' tiskopri fejn qiegħed jew kif jinfetaħ. Il-Kavallier Fra Orazio Montiċelli kellu ġinokkjatur b'kexxun sigriet. Wara mewtu fl-1759, instab miktub kif kellu wieħed jiftaħ dan il-kexxun.Tard lejn tmiem is-seklu 18, beda jitpoġġa *cushion* għal taħt l-irkopptejn.

Bdew jitfaċċaw ġinokkjaturi aktar sempliċi maħdumin minn injam tal-abjad miżbugħ lewn il-kewba. L-istess sistema kienet baqgħet, imma l-kexxun tneħħa u baqa' biss xkaffa u l-bieba tal-armarju tnieħħiet ukoll. Il-ġinokkjatur illum inqata' u sar biċċa għamara antika. Narawhom f'xi knisja meta jkun hemm tieġ, f'Ħamis ix-Xirka quddiem l-Altar tal-Adorazzjoni u forsi quddiem is-Sagrament espost fil-*quarantore*.

Meta dan l-aħħar kien hawn il-Papa, il-Mużew tal-Katidral tal-Imdina poġġa f'San Ġwann ġinokkjatur ta' nofs is-seklu 18 biex fuqu joqgħod il-Papa. Dan il-ġinokkjatur hu maħdum mill-injam taż-żebbuġ, interzjat b'faxxi ta' injam irqaq ħafna meħud mis-siġra tal-lariġ. L-interzjar tal-avorju juri tarka. Il-ġinokkjatur kien simbolu ta' qdusija. Erin Serraċino-Inglott fil-Miklem Malti jsejjaħlu 'matlab'.

**Il-Funtana ta' Nettunu -**
**Louis Du Cross 1748-1810**

Meta tidħol f'din il-kamra ssib quddiem wiċċek Veduti Maltin ta' artist Żvizzeru Louis Abraham Du Cros. Il-veduti kienu bdewhom l-artisti Taljani bħal Canaletto, Guardi, Bellotto u dawn waslu fl-aqwa tagħhom fis-seklu 18. Dawn il-pitturi kienu jinbiegħu kollha u malajr. L-aktar biċċa xogħol li tolqot lilna l-Maltin hi l-pittura tal-Funtana ta' Nettunu. Illum din ma teżistix aktar, għax fi żmien il-Gvernatur Ingliż Gaspard Le Marchant, kien żarmaha u lil Nettunu ħadu fil-bitħa tal-Palazz. Ħadd ma jaf x'sar jew fejn qiegħda l-vaska.

Louis Du Cros kien pittur tal-veduti b'enfasi qawwija fuq in-natura u l-ambjent. Kien kapaċi jaqbad ix-xejra tal-mument u kellu l-ħila jpinġiha daqs kieku ritratt. Fil-veduti Du Cros kien ipinġi rġiel tax-xogħol, nisa ta' kuljum, nies bħali u bħalkom. Din il-funtana għandha storja warajha għax Alof De Wignacourt bnieha biex ifakkar il-wasla tal-ilma fil-Belt. Kien Wignacourt, Gran Mastru li ħabb lil Malta u lil Maltin, li niżżel l-ilma mir-Rabat sal-Belt. permezz ta' akwedotti fuq l-art u kanali taħt l-art. Il-Gran Mastru kien daħal b'ruħu u ġismu għal din il-biċċa xogħol. Ried li l-Belt ikollha provvista kontinwa ta' ilma frisk. Il-Gran Mastru Garzes, fl-1596 kien beda pjan li permezz ta' katusi taħt l-art iwassal l-ilma sal-Belt. Iżda kellu jieqaf għax ma kellux flus biex ikompli.


*Il-Funtana ta' Nettunu*

Jidher li Wignacourt kellu flus biżżejjed għax fl-1610 beda proġett ambizzjuż biex minn ħafna nixxigħat ta' ilma fir-Rabat, fosthom l-akbar waħda Djar Ħandul, wassal l-ilma frisk fil-Belt. Il-proġett dam sejjer 5 snin, qam 155,000 skud li kollha tħallsu mill-kaxxa tal-Ordni u ħadmu fuqu 600 ruħ. Fuq il-proġett ħadmu żewġ inġiniera barranin u inġinier Malti L-ewwel ma' ħadem fuq il-proġett kien Patri Inġinier Natale Tomasuċċi, Ġiżwita minn Messina. Meta x-xogħol wasal Ħ'Attard, billi hemm l-art tinżel f'daqqa, qata' qalbu. Taħt l-iskuża li ma kienx jiflaħ, telaq lejn Messina. Warajh ġie Bontadino de Bontadini li wkoll ħabat se jaqta' qalbu. Iżda nqala' Ġanni Attard minn Ħ'Attard li ħareġ bl-idea li jinbnew arkati li fuqhom jgħaddi gandott għall-ilma.

Fi Fleur de Lys inbniet arkata mill-isbaħ. Din ukoll sfat vittma u litteralment ġiet imfarrka biex kienu setgħu jgħaddu t-trakkijiet tal-militar Ingliż (ta' 16-il tunnellata). L-Arkata ta' Fleur de Lys għaqqdet l-arkata ta' Santa Venera li minn hawn sal-Belt, ix-xogħol ma waqafx. Huwa għajb għalina l-Maltin li lil Ġanni Attard ma ntuhx il-ġieħ li jixraqlu. Tiegħu kienet l-idea tal-arkata. Meta jissemma' l-akkwidott, aktar jissemmew barranin milli l-Maltin li ħadmu fuqu.

Mal-wasla tal-ilma fil-Belt, Wignacourt beda jibni numru ta' funtani. L-ewwel waħda

mill-funtani nbniet quddiem il-Palazz f'April tas-sena 1615. Din minħabba l-iżvilupp fil-Belt, inqalgħet minn postha u llum qiegħda fi Ġnien San Filippu fil-Furjana. Iżda din l-anqas hi l-oriġinali għax żiedu vaska oħra u allura ma baqgħetx l-oriġinali. Il-vaski huma forma ta' arzella.

Nerġgħu lura lejn il-pittura. L-ewwel ma jsemmi din il-funtana hu Ġan Franġisk Abela, li jgħid li wara l-wasla tal-ilma fil-Belt, inbniet funtana sabiħa u artistika fil-Marina tal-Belt., viċin Lascaris Wharf. Fuq il-funtana kien hemm statwa tal-bronż ta' Nettunu. Madwar il-vaska kbira, jgħid Abela, kien hemm 4 plakki tal-bronż fil-basso riliev juru r-rebħiet ta' Wignacourt. Id-disinn ta' Nettunu nħadem minn Melchiore Gafà li hu addattament ta' ieħor li hemm f'Bologna, iżda min iddisinja l-vaska mhux magħruf. Din il-pittura ta' Louis Du Cros hija l-aktar waħda qrib il-verità. Il-Funtana ta' Nettunu tidher li kienet waħda massiċċa, kbira, għolja mill-art, impressjonanti, movimentata, mimlija ħajja ta' kuljum.

Fl-idea tiegħi din mhix apprezzata biżżejjed mill-Mużew. Jixirqilha post u dwal aħjar.

### Il-Mejda ta' mal-ħajt - seklu 17 sa 19

L-ewwel forom ta' mwejjed kienu twavel fuq strippi. Maż-żmien l-istrippi saru saqajn imwaħħlin mat-twavel. L-ewwel mejda denja ta' isimha dehret għall-ħabta tas-seklu 17. Dawn l-imwejjed kienu jitpoġġew mal-ħajt bejn it-twieqi tas-salott jew kamra tal-pranzu.

F'dan is-seklu l-injam beda jinħadem aktar dekorattiv, ornamentali u b'ċerta eleganza. L-injam użat kien kewba, ġewż, qastan u fuljetta fina. Il-fatt li għad għandna mwejjed bħal dawn wara aktar minn 400 sena, juri kemm il-mastrudaxxa Malti kien attent x'injam juża.

Fis-seklu 18, is-saqajn saru aktar ornamentali u avventurużi, fis-sens li bdew jinħadmu saqajn ta' forom differenti. Ngħidu aħna, tondi, isserpjati, bi skultura ta' xi ras ta' annimal, saqajn ta' ljun, saqajn boċċa, saqajn li jibdew fil-wiesa' u jispiċċaw dojoq. Kien hemm ukoll skultura ta' frieġħi tas-siġar jew ta' weraq u tal-warda.

Dan is-seklu ra wkoll l-iskur u ċ-ċar f'dak li hu lostru. Daħal wiċċ ta' rħama flok injam. F'dak li hu daqs ukoll kien hemm żvilupp. Ħafna drabi l-mastrudaxxa kien jaħdem imwejjed skont id-daqs tal-kamra. Għalhekk illum f'xi rkant tisma' lil min jgħid li l-mejda sabiħa imma kbira għalfejn irridha jien. Sa nofs is-seklu 19, il-mastrudaxxa Malti kien kapaċi jaħdem kull mejda li kienet tiġi ordnata. Kien hemm żmien li ċerti mwejjed kienu jinħadmu par par. Imma llum diffiċli ħafna biex issib par.

F'dan iż-żmien bdiet dieħla f'Malta l-influwenza Ingliża, l-aktar stil magħruf kien ir-Regency. Imma l-mastrudaxxa Malti rreżista t-tentazzjoni li jwarrab il-mejda Maltija biex jagħmel il-wiesa' lil dik Ingliża. Allura nsibu li kien hemm żewġ tipi ta' mastrudaxxa, dak li jaħdem il-Maltija u dak li beda jikkopja l-istil Ingliż. Fattur ieħor importanti biex il-mejda Maltija ma tmutx, kienu n-nisa Ingliżi tal-kbarat tan-Navy, Army u Air Force. Dawn issaħħru wara x-xogħol Malti u ħafna kienu dawk li bdew jarmaw djarhom bl-għamara Maltija. Minn *survey* li kien sar fl-1980, wara li kienu telqu l-Ingliżi minn Malta, instab li l-għamara li kienu ġabu magħhom



*Il-Mejda ta' mal-ħajt*

mill-Ingilterra ġiet mibjugħa hawn Malta u ħadu magħhom lejn l-Ingilterra xogħol Malti, fosthom imwejjed ta' kull xorta u għamla.

Fl-aħħar tas-seklu 19, il-mejda Maltija ma baqgħetx aktar rettangulari, iżda biddlet surietha. Allura nsibu mwejjed tondi, ovali ottagonali. Insibu li l-bordura ma baqgħetx iżjed dritta imma saret immewġa. Il-mejda Maltija daħħlet ukoll ċertu patrijottiżmu meta beda jiġi interzjat is-salib bi tmien ponot, li hu sinonimu ma' Malta. Illum din it-tip ta' mejda hija mfittxija ħafna.

Fis-seklu 20 żdiedet l-iskultura fl-imwejjed speċjament fis-saqajn. Insibu skulturi mfittxija mill-mastrudaxxi Maltin. Kienu kapaċi jnaqqxu li trid fuq sieq il-mejda. L-aktar skolpita kienet il-kewba. Huwa xogħol ta' paċenzja, xogħol fin u sabiħ. Xi mwejjed ħadu laqam u baqa' magħhom sal-lum. Insemmu 3 popolari ħafna mal-Maltin. Dawn huma Tal-Biskuttin, Tal-Iljun u tar-Rożolin. Dawn huma mfittxija ħafna fl-irkantijiet. Illum l-imwejjed ma żammewx posthom. Illum il-mara tad-dar tpoġġi l-mejda fejn tixtieq hi. Tista' ssib xi mera fuqha, jew xi pittura antika mdendla. Il-wiċċ jitgħatta bi *frames* b'ritratti tal-membri tal-familja, statwetti, vażetti taċ-ċeramika jew ħġieġ fin, gandlieri jew kandelabri, biex ngħid ukoll xi televixin. Hu x'inhu, kien il-mastrudaxxa Malti li baqa' jżomm sod u ma ħalliex il-mejda Maltija tgħib kif ġara minn ħafna affarijiet oħra.

**Arab Horses - 1930 -**
**Antonio Sciortino 1879-1947**

Twieled Ħaż-Żebbuġ fil-25 ta' Jannar 1879. Sa minn ċkunitu kien jidher li f'demmu kellu tiġri passjoni qawwija għall-arti tal-iskultura.

F'dan iż-żmien kien hemm il-magħruf Lazzaro Pisani, li meta ra x-xogħol ta' Antonio, mill-ewwel induna x'talent kien hemm fih. Kien Lazzaro li ħajru biex jinkiteb fl-Iskola tal-Arti l-Belt. bħala student mill-ewwel nqata' għalih waħdu. Dam jistudja d-disinn, il-mudellar u l-inġinerija fl-iskultura għal sentejn sħaħ. F'dawn is-sentejn ġarr il-premjijiet kollha u kien l-uniku wieħed li kien iġib punti massimi. L-għalliema ħajru lil Antonio biex imur jistudja barra. Iżda flus ma kellux. Il-familja tiegħu lanqas setgħet tgħinu. Imma d-destin kellu xi ħaġa oħra għal Antonio Sciortino. Iz-zija ta' Antonio Sciortino ħaditu għand Donna Louisa, l-mamà ta' Lord Strickland. Wara din il-laqgħa, rċieva borża ta' studju mill-Gvern biex imur jistudja barra. Ta' 22 sena telaq lejn Ruma biex jistudja l-iskultura fl-Istitut delle Belle Arti.

F'Ruma kien student li dejjem ġie minn ta' quddiem. Fost il-ħbieb li għamel Ruma kien hemm Rafel Bonnici Calì u l-familja Gollcher. Dawn tal-aħħar qabbduh jaħdem bust tas-sinjura Eliza Gollcher. Wara li spiċċa l-istudji, fetaħ bottega għal rasu f' Via Margutti, 33. Il-ġenju ta' Sciortino deher meta kontra l-kurrent ta' dak iż-żmien żviluppa teknika u stil artistiku għalih waħdu, li mill-ewwel ġie aċċettat mid-dinja tal-arti.

Hemm ħafna xogħlijiet ta' Sciortino fosthom Il Filosofo, 1902; Testa di Vecchio, 1903; Studio di Donna, 1904; Les Gavroches, 1904. Din hija skultura fil-bronż ta' tliet itfal jiġġerrew fit-triqat ta' Pariġi waqt ir-Rivoluzzjoni Franċiża. Din tneħħiet mill-Barrakka ta' Fuq biex tiġi restawrata u tibqa' fil-Mużew tal-Arti. Inħadmet f'Ruma u nġiebet Malta fl-1907. L-abboz ta' din l-iskultura jinsab f'Buckingham Palace. Kien ġie mogħti rigal lir-Reġina Elizabetta fl-1951 meta kienet fuq żjara hawn Malta. Fl-1908, il-Gvern Malti waqqaf l-għajnuna finanzjarja lil Sciortino meta gvernijiet oħra kienu jgħinu bis-sħiħ l-istudenti tagħhom barra minn pajjiżhom. Bejn l-1908 u l-1914, il-Gvernijiet tal-Italja, Ġermanja, Russja u l-Ingilterra, ikkummissjonaw xogħlijiet ta' busti ta' personalitajiet

distinti ta' pajjiżhom. Fit-30 ta' Diċembru 1917 inkixef il-monument ta' Kristu Re fil-Biskuttin, il-Furjana.



*Arab Horses*

Niġu issa għall-iskultura Arab Horses, skultura tal-1930. Dan kien suġġett preferit ta' Sciortino. Kif jgħid hu stess għamel 3 snin jistudja l-anatomija taż-żiemel. Fiż-żiemel hu kien jara suġġett astratt - il-Veloċità. Arab Horses hu xogħol professjonali għall-aħħar, milqugħ tajjeb minn kulħadd. Meta din l-iskultura dehret fil-pubbliku għall-ewwel darba, il-gazzetti, kemm lokali kif ukoll dawk barranin, iddeskrivewha bħala xogħol li juri vitalità u entużjażmu.

Fl-1937 insibuh lura Malta fejn kien ġie maħtur Kuratur tal-Mużew tal-Arti. L-aħħar biċċa xogħol tiegħu rabtet id-destin darba għal dejjem. Kienet il-mamà ta' Lord Strickland li qabbdet lil Antonio Sciortino fit-triq ta' suċċessi fid-dinja tal-arti. Kien il-monument ta' Lord Strickland, imwaqqaf fl-1945, fil-Barrakka ta' Fuq li bih Antonio Sciortino waqaf mill-ħidma artistika tiegħu.

Kien it-Tlieta, 11 ta' Frar tal-1947, li Sciortino ta rigal lill-poplu Malti kollu meta permezz ta' kuntratt għand in-Nutar Vincenzo Maria Pellegrini LL.D. ħalla l-opri kollha tiegħu lill-Mużew Nazzjonali tal-Arti. Flok Sciortino li kien marid, dehret Helene Buhagiar u f'isem il-Poplu Malti dehru l-Arċisqof Mikiel Gonzi u l-Prim Imħallef Sir George Borg. Ix-xhieda firmatarji tal-kuntratt kienu l-Professur Contino Preziosi, President tal-Assemblea Nazzjonali Maltija u l-artist Joseph Galea. Fl-aħħar iffirma in-nutar innifsu. Antonio Sciortino miet fl-10 ta' Awwissu tal-1947. Hu midfun fiċ-ċimiterju ta' Ħaż-Żebbuġ.

Kelma tal-aħħar. Għaddej xogħol kemm amministrattiv kif ukoll strutturali fil-Berġa tal-Italja. Hemm il-ħsieb li l-Mużew tal-Arti jerġa' jmur lura f'din il-Berġa, li wara kollox, ra l-bidu tiegħu hemmhekk.

**Ħajr lil:**
**Heritage Malta tal-permess li nuża testi u nieħu ritratti diġitali**

The National Museum of Fine Arts: Peter Mayo, Midsea Books, 1995
Antique Furniture in Malta: John Manduca, editor,
Fondazzjoni Patrimonju Malti, 2002
Guide to Maltese Furniture 1700 – 1900: Joseph Galea-Naudi
Denise Micallef, Orbit, 1993
Understanding Antiques: Lucilla Watson, 1993
Tliet Sekli ta' Għamara Maltija: J Galea Naudi - D Micallef
Kullana Kulturali, PIN, 2000
Grandmaster Alof De Wignacourt: Michael Galea, PEG, 2002
Funtani fil-Belt: Dipartiment tal-Ilma, 1988
L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien: Charles Farrugia, editur
Kunsill Lokali, 1998
Antonio Sciortino 1879-1947: Claude Busuttil, 1997


JAMES DEBONO
(Binu Iz-Zanu)
FLOOR POLISHER &
FLOOR MAINTENANCE
REPOLISHING
OF STAIRCASES
TEL: 2157 4824 - MOB: 9949 2819


FOR SALE
Spare Parts for Vintage & Classic Cars
NEW & SECOND HAND
(Binu Iz-Zanu)
ROSSO NERO GARAGE, Triq l-Iskorba, Mgarr
Garage: 2152 5109
Residence: 2157 4824
Mob: 9949 2819


Mgarr Farmers
Snack Bar
& Bennej Restaurant
Home Made Food!
Sir Temi Zammit Street, Mgarr - Malta
Tel: 2157 1328, 7959 4938


Agius Agricultural Trading LTD
Ghall bzonnijiet agrikoli tieghek
Impurtaturi u distributuri ta
makkinarju agrikolu, fertillizanti,
xitel, frawli, bexx
AGIUS
AGRICULTURAL TRADING LTD
tel: +35621573402
e-mail: info@agiusagricultural.eu
web: www.agiusagricultural.eu
GL-19
solo
ONE
EucoClean
3-in-1


Pure
ChimiClean professional
Detergents and more....
62, Sir Harry Luke Str., Mġarr, Malta
Tel: 2157 3180 • Mob: 9944 9926
mjsammut@maltanet.net
• Laundry Liquid and Powder
• Strain Remover Powder
• Fabric Softeners
• Floor Detergents
• Sgrassatore
• Dishwashing Liquid Soap
• Hand Soap
• Bubble Bath
We also do delivery
Weekly offers (save money promotions)
Also available at Pure
Carpets
Plastics
Essential oils, Candles, Tarts
Gift Packs
Gift Vouchers
Storage Boxes
Nappies and more


ChimiClean professional
FRANKA L-FLUS F'PRODOTTI
TA' KWALITA - MADE IN ITALY
Issa nista' NIFRANKA IL-FLUS U NGHIN L'AMBJENT billi nerga' nimla kull tip ta' ditergent ...u tinsewx iggibu l-kontenitur magħkom!
EŻEMPJU
SGRASSATORE
€1.10/KG
With every 40Kg purchased
GET 1KG FREE OF PRODUCTS
from your choice
For all your domestic and professional detergents:
• Laundry • Personal Care • Kitchens
• Industrial Degreasers and much more!
Available at
USASFUSO
Usasfuso, St. Rita Street, Rabat, Malta | T: 2145 0910
E: chimiclean@gmail.com | www.chimiclean.it
Pure, 62, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, Malta
T: 2157 3180



























# Attivitajiet matul is-sena

*Grazzi tal-appoġġ u l-parteċipazzjoni*




RFL Towing was established in 2005 and currently operates in association with Mapfre Middlesea p.l.c.

RFL Towing understands that having problems on the road is frustrating and inconvenient, which is why the company operates everyday and at all hours, with timeliness and efficiency in mind. Organisation and responsibility are also key factors in the way RFL Towing is managed.

Roadside assistance is given to those who require it, and services include tyre changing, battery replacements and battery boosts, amongst others.

RFL Towing offers its services in both Malta and Gozo, and prices vary depending on the type of vehicle and the severity of the situation. A special rate is available for companies that make use of the service.

RFL Towing Services, Ta Saliba, Wardija Crossroads, Malta
Find us on Facebook: RFL Towing Service Website: www.rfltowing.com Email: rflt@go.net.mt

(+356) 9945 1593 / 9957 9240

**J. BONAVIA & NEPHEWS Ltd**

**St Francis, Triq Il-Fortizza, Mosta MST 4000**
**Tel: 21 422 624/5 • Fax: 21 423 084 • Mob: 99 490 877**

J. Bonavia & Nephews Ltd. provides both engineering works and waste management services. The following is a list of our services in relation to each respective field:

**Civil Engineering Works:**
- Demolition of Buildings
- Excavation Works
- Trenching Works
- Plant Hire – Earth Moving Machines Services
- Supply of Aggregate and Sand

**Waste Management Services:**
- Open Skip Services
- Skip on Wheels Services
- Waste Services
- Shredding Services



SANDRO CRAUS
U L-FAMILJA
JAWGURAW
IL-FESTA T-TAJBA
L-IMĠARRIN
KOLLHA




YOUR PROFESSIONAL DRY CLEANING PARTNER
It's easier than ever to give your garments a SWAN quality clean.
All you have to do is call or email us and we will offer **a free of charge collection and delivery.**
SWAN
**Call** 2248 2200
**Email:** dryclean@swanlaundry.com.mt
**www.swan.com.mt**
SWAN®
LAUNDRY • DRY CLEANING
Dry Cleaning of suits, dresses, trousers, coats, curtains & merino blankets • Wet washing of shirts, quilts, carpets & blankets


RESIDENTIAL
COMMERCIAL
Gozo
MOST ADVANCED UP & OVER GARAGE DOORS
RESIDENTIAL, INDUSTRIAL & COMMERCIAL
UPWARD DOOR SYSTEMS LTD. (UDS)
GARAGE DOORS / SERVICE / INSTALLATION / PARTS
INDUSTRIAL ESTATE, KEWKIJA, VCT 110 GOZO, MALTA, EUROPE
TEL: 356 - 2156 4456 , FAX: 356 - 2156 4457, MOB: 356 - 9942 7391
E-MAIL: uds@maltanet.net WEBSITE: www.udsmalta.com
UDS Malta's Leading Garage Door Fabricator
Upward Door Systems Ltd Distributor of Upwardor Corporation
products of Canada, leading garage door manufacturers in North America.
UPWARDOR


Manuel Bezzina Co Ltd
DERBY
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
ALPHA
Bikrija
Safra
SLANEY
DERBY
SAVANNA
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi esportata
lejn il-Ġermanja u l-Olanda.
Bajda
Bajda
DRUID
ARRAN BANNER
LISETA
CARA
Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 1112
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587
E-mail: manuelbezzina@hotmail.com
Hamra
Ta' Għajnha
Hamra

# J. MICALLEF
## SERVICE STATIONS





ATM

cafeteria

**ŻEJTUN SERVICE STATION**
**Tal-Barrani Road, Żejtun**
**Tel: 21801493**
**Email: jmicallefss@gmail.com**

Join Us On facebook

www.facebook.com/J.Micallefservicestation

**RABAT SERVICE STATION**
**Buqana Road, L/O Rabat**
**Tel: 21450853**
**Email: mjst@maltanet.net**

***J. MICALLEF SERVICE STATION LIMITED is the owner of the Rabat Service Station and the Żejtun Service Station. Both service stations provide several services such as:***

- BOV ATM facilities
- Fuel fill-up station
- Routine servicing Exterior and Interior washes
- Sale and repairs of tyres, car parts and car accessories in our shops
- Car wash
- Valet services
- Snack outlet
- Liquigas facilities

**Car Wash**
- With every 7 car washes you will have one free
- 24hrs self-service carwash
- Car polishing





**Valet Services**
Valet service is offered Monday to Friday by appointment. This service is given by the best staff, which includes:
- Car washing from the outside
- Wheel arches are jet washed
- Proper engine care, starting off by cleaning the engine and adding a moisture protectant (ONLY by client request)
- Polishing of windows both inside and outside
- Car mats are cleaned and shampooed as well as the upholstery and seats
- The inside of the car (dashboard, vinyl/plastics etc.) will be brushed and/or washed as needed
- Satin polish and/or leather care is applied
- The outside of the car will be waxed with our best products, giving the paint protection from UV rays, rain, salts and oxidization
- Tyres and rims will be cleaned and polished
- Ending with an air-freshner

HORIZON

MICHELIN
A better way forward

**Car Services**
- Wheel balancing
- Oil change
- Oil filter
- Plugs
- Tyre Rotation
- Air filter
- Fuel filter
- Brakes
- Coolant







**http://www.jmicallefgroup.com.mt/**

Ballut Farm Ltd

Traditional Barn Reared

Local Product ... Quality Guaranteed

FARM CHICK

Did you try our cage free Omega 3 eggs?
... Better nutrition!



We offer fresh local graded eggs packed Small, Medium & Large

Available at Supermarkets & Retail Shops.
We also supply Catering Establishments

(+356) 9980 1719
(+356) 21 573 488
ballut.farm@maltanet.net
www.ballutfarm.com
Għajn Tuffieħa Rd, Għajn Tuffieħa, Malta



ANNA MART JOE FALZON UNDERTAKER
TAL-FUNERALI TAL-MOSTA
NIGHT & DAY SERVICE

Garage Hire Service: 10, 14, Bridge Street, Mosta.
Undertaker Service: 29, 31, 33, Bridge Street, Mosta.
Residence: Rosemarie, 35, Bridge Street, Mosta.
Office: 39, Bridge Street, Mosta.

Telephone: 21411207 - 21411828
Fax: 21420877
Mobile: 99490142 - 99498056




Parlux®
THE HAIR CHOICE
NEW PARLUX 385
VERY POWERFUL
VERY LIGHT
eco friendly
MADE IN ITALY
PROFESSIONAL USE ONLY
Official Distribution for Parlux: Noriva Ltd tel: 21413112, 21313909, 21237351
email: info@noriva.com.mt web: www.noriva.com.mt
All ORIGINAL Parlux appliance are supplied with a British Plug.


care
Cuts
UNISEX SALON
'Arc En Ciel', Triq l-Imqades, Mgarr
tel : 21574552



Debono CAR CENTRE
Your Car Your Way
Carmel Str., Fgura FGR 2109 - Malta
(Opp. Bulebel Industrial Area)
Tel: 2189 5775 - Mob: 9949 0775 - 79278232
Email: info@debonocarcentre.com
WWW.DEBONOCARCENTRE.COM
At Debono Car Centre we specialise in high-graded UK Imports. A vast range of vehicles at fantastic prices guaranteeing you will receive Great Value for money.
We stock a variety of types of second hand vehicles for every use, always in excellent condition and reasonably priced. Whether you want to part-exchange your car or purchase a high quality second hand vehicle a visit at our showroom should not be missed where stock is received on regular basis.




Pullicin Skip Hire
99427324
99477324
We are a Skip Hire, Mini Skip Hire & Commercial Waste Disposal Company.
Mini Skip Hire, Waste Disposal, Rubbish Removal Service & Commercial Waste Disposal
Bargain Prices guaranteed!
Find us on
facebook

# Eman Camilleri

**E-mail: hew@onvol.net**
**Mob: 9946 2513**





# John Bray & Son

## Funeral Directors Est.1981

*Moderate Prices*
*24 hour Service*

**Garage / Office**
Funeral Service
Lampuki Street,
St Paul's Bay, SPB3061

**Residence**
117, Our Lady of Fatima,
Parades Street,
St Paul's Bay, SPB3431

**Contact**
**Tel:** 21585716, 21573588
21571260
**Mob:** 99493479, 79493479
99477153
**Fax:** 21573588

**Email:** johnbrayandson@yahoo.com
www.johnbrayandsonmalta.com



Funeral Services:
Triq Salvinu Vella Mellieħa

Tel: 21522400

*Helping you in life's most difficult moments*


Needs & Treats
OPEN
Monday – Sunday
till 8pm
We accept orders for parties & other occasions!
Sir Temi Zammit Str, Żebbiegħ, Malta
M: 99498197


BLAU GRANA
CERAMICS
Importers of Tiles from Italy & Spain
Specializing in Bathrooms and Floor Ceramics
Johann Said
mob: 99728174
90, Main Street, Mgarr, Malta
info@blaugrana.com.mt
www.blaugrana.com.mt
• Tile Laying
• Bathroom Accessories
• Mixers


Ph. Borg Ltd
FUEL & LPG
Supplier
Diesel
Kerosene
Heating Gas Oil
BioDiesel
Bulk LPG
LPG Transporter
for LIQUIGAS
Mob: 9949 1177
Fax: 2152 3215;
Email: info@phborgltd.com
www.phborgltd.com

Karmenu Mifsud Funeral Service
Funeral Director
Coffin Makers and Importers
460 Victory Street, Qormi
Tel: 21494316 – Mob: 99492458
www.karmenumifsud.com ~ info@karmenumifsud.com


Raymond Muscat Photography
AFIAP, FMPS
e-mail: muscray@gmail.com


LAND-ROVER
Ciapella garage
www.ciapella.com
At Malta's largest Land Rover vehicles only workshop, we will be pleased to assist you with any of the following:
Mechanical servicing, repairs and total rebuilds. Computer systems diagnostics and electronic faults clearing. Accident damage repairs, spray painting, and complete restorations. Very reasonable hourly rates and warranty on the repairs. Stockists/vehicles spare parts and accessories.
We represent the following brands:
BEARMACH PLC • T - MAX MAXIMUM OFF-ROAD RECOVERY • WARN • HI-LIFT • PRO COMP • MANTEC • EQUIPE • K&N PREFORMANCE FILTERS • DETROIT LOCKER • BRITPART • GOODRIDGE • SAFARI • ARB AIR LOCKER • EXMOORTRIM • RING AUTOMOTIVE
BF GOODRICH TYRES • SILVERSTONE TYRES • GENERAL TYRES • ALLMAKES • TERRAFIRMA
Ta' Hagrat Street – Mgarr MST 10. Tel: 2157 4615/2157 2504 – Email: adrian@ciapella.com
Mosta Road – Lija LJA 9012. Tel: 2141 4441 Fax: 2141 6837 – Email: info@ciapella.com
Join us on Facebook



# Ciappella Racing Team

**Kitba ta' Adrian Bezzina**

Għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena, fir-raħal żgħir ta' Topusko fin-nofsinhar ta' Żagreb fil-Kroazja, issir kompetizzjoni internazzjonali tal-*off-road* li tattira kompetituri mill-Ewropa kollha. Din is-sena ma kinitx eċċezzjoni għaliex madwar ħamsin kompetitur minn ħmistax-il pajjiż differenti ltaqgħu f'dan il-post pittoresk u remot, sabiex jaraw minn minnhom kien ser jittanta xortih jirbaħ dan l-avveniment.

Għar-raba' sena konsekuttiva, it-*team* ta' Ciappella Garage magħmul minn Adrian Bezzina u John Zammit, għamel il-vjaġġ minn Malta għall-Kroazja biex ikun jista' jgawdi ġimgħa sħiħa ta' *off-roading* estrem mill-isbaħ f'ambjent kompletament differenti minn dak li aħna mdorrijin insuqu fih hawn Malta.

Il-kompetizzjoni tikkonsisti f'sebat ijiem ta' *off-road* li jibdew *b'pole position stage* sabiex jiddetermina l-ordni kif il-kompetituri jibdew il-kompetizzjoni propja. It-*team* tagħna ġab it-tielet l-aħjar ħin f'dan l-i*stage*.


Il-buggy waqt kompetizzjoni fil-Kroazja

It-tieni ġurnata kienet ibbażata fuq rotta ta' madwar ħamsin kilometru fil-foresta, fejn il-kompetituri riedu jaffrontaw sensiela ta' ostakli li jvarjaw minn tajn fond għal tlajja' weqfin bejn is-siġar tal-foresta. L-użu tal-*winches* huwa obbligatorju f'dawn it-tip ta' kompetizzjonijiet u John kellu biċċa xogħol iebsa jiġri bil-ħabel tal-*winch* minn siġra għall-oħra sakemm stajna negħlbu ostaklu wara l-ieħor. Sfortunatament xi ftit problemi tekniċi tellfuna xi pożizzjonnijiet imma t-tellieqa kienet għadha fil-bidu u konna nafu li għad jistgħu jiġru ħafna affarijiet sat-tmiem tagħha.

It-tielet ġurnata kienet tikkonsisti f'dik li l-organizzaturi jsejħulha *Trophy Day* fejn il-kompetituri jitqassmu fi gruppi ta' erbgħa sabiex bħala *team* jaffrontaw sensiela ta' ostakli mħejjija mill-istess organizzaturi. Ħafna drabi nsibu ruħna ma' kompetituri minn pajjiżi li ma jkunux jafu jitkellmu la bl-Ingliż u lanqas Taljan u l-komunikazzjoni taf tkun ta' problema, imma b'sensiela ta' mossi bl-idejn u sinjali oħra, b'xi mod dejjem irnexxielna niftehmu.

Filgħaxija jsir in-*Night Stage*, li kif jixhed l-isem, huwa *stage* ta' madwar tletin kilometru li jsir kollu kemm hu billejl. In-nuqqas ta' dawl naturali jagħmel l-ostakli aktar impenjattivi u

t-trejqat bejn is-siġar aktar diffiċli biex tarahom. Sfortunatament din is sena kellna problema bil-fwar mal-*windscreen* li għamilha aktar diffiċli biex naraw ir-rotta u b'hekk tlifna ħafna ħin.

Fir-raba' ġurnata ssir is-*circuit race,* li hija kompetizzjoni li ssir f'korsa ta' madwar ħames kilometri u li l-kompetituri jridu jduru għal ħames darbiet. Il-kompetituri jitqassmu f'żewġ gruppi u fil-ħruġ jitilqu kollha f'daqqa. Kellna ħruġ tajjeb u rnexxielna nżommu ritmu tajjeb sat-tmiem u b'hekk iggwadajna xi ftit tal-ħin ukoll.

Fil-ħames u s-sitt ġurnata, il-kompetizzjoni tkompli fil-foresta u tkun tikkonsisti f'ħafna *navigation* u *winching*. Xi wħud mill-inżul tant ikunu weqfin u jiżolqu li l-użu tal-*winch* huwa obbligatorju. F'dawn il-jumejn komplejna navvanzaw xi pożizzjonijiet u tlajna fis-sitt post.

Fl-aħħar ġurnata tal-kompetizzjoni, l-għan prinċipali tal-kompetituri jkun li jwasslu l-karozzi tagħhom sat-tmiem. L-għan tat-*team* tagħna kien dan ukoll iżda sfortunatament madwar ħmistax-il kilometru mill-bidu tar-rotta, tqaċċtilna bolt tas-*suspension* u kellna nieqfu sakemm insibu mod kif nirranġaw u nkunu nistgħu nkomplu. Għalkemm fil-karozza nġorru diversi *spare parts* għal każi bħal dawn, bolt bħal li kellna bżonn ma kellniex. Iżda b'xorti tajba , wieħed mill-kompetituri silifna biċċa għodda li kellu fil-karozza tiegħu sabiex nużawha minflok il-bolt u b'hekk stajna nkomplu l-ħmistax-il kilometru li kien baqa' sat-tmiem tat-tellieqa.

Għalkemm dan l-episodju sfortunat swiena żewġ pożizzjonijiet fil-klassifika finali, konna ferm kuntenti li għar-raba' sena konsekuttiva rnexxielna negħlbu l-isfidi kollha li l-foresta ta' Topusko kellha lesti għalina.

CN Mifsud
Marble
Granite

m: +3569988 5191
e: contact@cnmarbleand granite.com
w: www.cnmarbleandgranite.com

Blokk D, Midland Micro-Enterprise Park
Triq Burmarrad. L/O Naxxar



# Wiġi Bongailas (1910 – 1985)

## *F'Għeluq it-tletin sena minn mewtu*



**Kitba ta' Joe Julian Farrugia**

Il-marċ brijuż huwa sinonimu mal-festi tradizzjonali tal-bliet u rħula. In-noti ferrieħa jagħtu l-ħoss Malti lil dawn iċ-ċelebrazzjonijiet tal-massa. Għalkemm l-isem ta' Wiġi Bongailas ifakkar fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, nistgħu ngħidu li ma hawnx banda f'Malta u Għawdex li m'għandhiex marċ jew aktar minn tiegħu.

Wiġi Bongailas twieled f'Ħaż-Żabbar nhar 19 ta' Frar 1910. Huwa kien it-tieni wild fost erba' aħwa, ulied Carmelo, Żabbari, u Ġużeppa mwielda Darmanin minn Bormla. Ħutu kienu Domenica, ikbar minnu, u Ġużeppi u Manweli iżgħar. Missieru Carmelo miet meta Wiġi kellu biss sentejn u għalhekk Ġużeppa kellha trabbi waħedha lill-erba' wliedha, bil-ħajja ma tkun xejn faċli. Wiġi attenda l-Iskola Primarja tal-Gvern ta' Ħaż-Żabbar u l-uniku impjieg li kellu tul ħajtu kien dak ta' bajjad mal-Ammirall. Mal-Ammirall ġieli kien imur anke fuq il-lanċa tal-*pilot* li jdaħħal u joħroġ il-vapuri fil-Port il-Kbir. U għalhekk, f'Ħaż-Żabbar kien magħruf bħala Wiġi l-*pilot*.

Fi żmien il-gwerra, il-ħajja għall-familja Bongailas kienet aktar diffiċli minn ta' oħrajn minħabba n-nuqqas tal-missier. U bħal donnu dan ma kienx biżżejjed, traġedja oħra laqtet lill-familja Bongailas meta Wiġi, Manweli, kien għaddej darba fost l-oħrajn mit-triq tax-Xgħajra, ġiet bomba fuq dar, iġġarrfet fuqu u miet ta' 27 sena.



Wiġi beda jitgħallem il-mużika minn kmieni. Il-familja tiegħu kienet midħla tal-Każin ta' San Mikiel f'Ħaż-Żabbar magħrufa bħala Tal-Bajda. Flimkien ma' ħuh Ġużeppi kien imur jitgħallem il-mużika l-każin. Fil-bidu beda jitgħallem il-klarinett u aktar tard speċjalizza fis-saksafon taħt is-Surmast Carmelo Palma. Huwa kien imur ukoll jitgħallem l-armonija u l-kontrapunt għand is-Surmast Abdilla fil-Furjana. Wieħed minn sħabu li kien jitħarreġ miegħu kien Jimmy Worley li aktar tard sar Surmast tal-Banda ta' Bormla. Minħabba li l-mezzi finanzjarji għal Wiġi kienu xotti, speċjalment meta kienet anke mietet ommu Ġużeppa, dan Jimmy Worley kien baqa' jgħaddilu l-lezzjonijiet biex Wiġi seta' jkompli jistudja.

Wiġi kien ħareġ idoqq mal-Banda San Mikiel. Kien idoqq ukoll mal-Banda King's Own tal-Belt u ma' ħafna baned oħrajn. Fi żmienu l-Banda Żabbarija kienet immexxija mis-Surmast Adeodato Gatt ta' Ħaż-Żebbuġ. Meta s-Surmast Gatt kellu jieqaf minħabba saħħtu, kien qabbad lil Wiġi biex imexxi l-kunċerti għall-festa ta' San Mikiel li dak iż-żmien kienet issir f'Mejju. Meta s-Surmast Gatt reġa' rritorna pprefera joqgħod jara lil Wiġi jħabbat hu. Gatt ta l-parir lill-kumitat biex Wiġi joħodlu postu u għalhekk, fl-1964, Wiġi sar is-Surmast tal-banda.

Huwa dam Surmast tal-Banda sal-1979, tneħħi waqfa ta' sentejn bejn is-snin 1971 u 1973. Fl-1971 kellu xi nuqqas ta' qbil mal-kumitat u ħass li kellu jieqaf. Minfloku kien inħatar is-Surmast Twanny Chircop. Bil-ħila ta' żewġ ġuvintur Żabbarin, Paul Camilleri u Lorrie Schembri, l-affarijiet kienu ġew irranġati u Wiġi ġie mħajjar jerġa' jieħu postu fl-1973. Is-Surmast Chircop fehem is-sitwazzjoni u qal li kellha bżonn kull banda f'Malta jkollha nies bħal Camilleri u Schembri li lesti jirsistu tant għall-mużiċisti tal-post.

Bongailas kiteb l-ewwel marċ meta kellu biss 22 sena. Huwa magħruf li kiteb 'il fuq minn 400 marċ, ammont li fih huwa maħsub li jaqbżu biss Ċensu Ciappara, ir-Re tal-Marċi Maltin. Huwa għalhekk li Wiġi ġie mlaqqam il-Prinċep tal-Marċi Maltin.

Minbarra l-Innu Marċ lill-Banda San Mikiel u numru ta' marċi funebri, hemm ħafna l-marċi brijużi li Wiġi msemmi għalihom. Insibu marċi popolari bħal St. Angelo, Jane, Green Banner, Silver Star, Mary Grace 1964, Altar of Roses, Ferdinand Hompesch, u l-magħruf Remember Me. Ħafna minn dawn il-marċi nsibuhom b'ismijiet oħrajn għand baned differenti. Iżda fost kollha, l-marċ favorit tal-kompożitur stess kien Blue Banner, li għaddew kemm għaddew snin minn fuqu dejjem baqa' l-wieħed li kien jippreferi.

Bongailas kien idoqq ukoll is-saksafon fil-Jazz Band ta' Carmelo Gauci. Din il-banda kienet popolari ħafna għat-tiġijiet, riċevimenti u għamlet żmien iddoqq ukoll fil-Vernon Club fuq Kastilja.

Wiġi kien baqa' ġuvni, jgħix waħdu f'dar żgħira ftit bogħod mill-każin. Iżda kienu jżuruh regolarment biex jaraw għandux bżonn xi ħaġa ħutu u t-tmien neputijiet li kellu, li tant kienu għal qalbu u kien kollha jittrattahom l-istess. Kull meta kien jarahom, idu l-ewwel ma kienet tmur lejn il-but, u qatt ma bagħathom lura b'xejn. Tnejn min-neputijiet tiegħu, Beatrix Magri u Marija Bongailas ħarġu bandisti.

Is-Surmast Bongailas kien ġentlom kemm tridu, iżda nervuż. Dan l-aħħar element kien joħroġ l-aktar fil-mużika. Kien jesiġi li kollox isir bi preċiżjoni u skont il-ħsieb li jkollu. Darba argumenta anke ma' ħuh Ġużeppi waqt kunċert fil-każin. Kienu qed jippruvaw marċ ta' Gian Mari Barbara u Wiġi xtaq kolp tal-katuba fl-aħħar. L-argument saħan sewwa meta Ġużeppi, fuq il-katuba, ma riedx jagħmlu għax ma kienx miktub fuq il-partitura.

Iżda minkejja dan, Wiġi kien jaf jieħu ċajta wkoll. Darba l-banda marret iddoqq għal Santa Marija fil-Qrendi. Karmnu Said, il-katubier, qal lil Wiġi li jaf b'xi ħadd li jsajjar tajjeb. Wiġi mar fejn bagħtuh, mingħalih biex jixtri x'jiekol… u sab li kien ħanut tal-ġwież!

Wiġi kien iħobb ħafna x-Xgħajra ta' Ħaż-Żabbar. Jingħad li ħafna mill-marċi tiegħu kitibhom hemm. Ġieli kien jorganizza banda żgħira l-għada tal-festa tal-Grazzja biex titla' ddoqq mix-Xgħajra sal-każin ta' San Mikiel. Ix-Xgħajra kien iħobb joqgħod jistad jew iqabbad lil min imurlu għar-rizzi.

Mill-bqija, fil-ħin ħieles kien jippreferi jilgħab il-karti u jpejjep. Kien iħobb ukoll joqgħod jirrakkonta l-istejjer lin-neputijiet. Fi żmien kien jiffrekwenta t-Teatru Rjal biex jara xi opra u l-kompożituri favoriti kienu Verdi u Puccini. L-isport qatt ma interessah.

Lejn l-aħħar ta' ħajtu kien naqsu d-dawl u ma setax jibqa' jikteb. Meta kien għadda żmien fl-Isptar Boffa, kien għamel ħabib ma' ċertu Għawdxi mix-Xagħra; Charles Xerri. Dan Xerri kien ilu żmien isegwi l-marċi ta' Wiġi, u minħabba din il-ħbiberija, il-Banda Victory tax-Xagħra għandha ħafna marċi tiegħu fir-repertorju tagħha.

Is-Surmast Wiġi Bongailas miet fil-21 ta' Jannar 1985 fl-età ta' 74 sena. Fil-funeral akkumpanjatu l-Banda San Mikiel, flimkien ma' għadd ta' għaqdiet tal-baned bl-istandardi tagħhom. F'Ħaż-Żabbar, kif kien xieraq, issemmiet triq għalih.

Illum il-maġġoranza tal-marċi tiegħu jinsabu għand neputih Joseph, it-tavola li kien juża għat-trasformazzjoni minn strument għal ieħor qiegħda għand l-Għawdxi Charles Xerri, filwaqt li s-saksafon jinsab l-Awstralja għand in-neputija Marija.

Se ntemm billi nislet parti minn poeżija "Tislima lil Mro Wiġi Bongailas" li nkitbet minn Joseph Spiteri magħruf bħala s-Slaw, ħabib antik ta' dan is-Surmast:

Ħabib tiegħi nsellmulek,
Għalkemm int ma għadekx magħna;
Dejjem f'moħħna, dejjem f'qalbna,
Speċjalment fil-festa tagħna.
Ta' kull sena ndoqqulek
Marċi sbieħ li kkomponejt;
Dik il-pinna melodjuża,
Lill-banda biha paxxejt.
Ma hawnx banda fil-gżira tagħna.
Issib ismek f'kull librett;
Kif qatt tista' li titwarrab?
Int kont wieħed mill-kbar nett.





# Liema huma n-nutrijenti illi l-ġisem għandu bżonn?

**Kitba ta' Marylise Muscat**

Kulħadd jaf u jisma' dwar l-importanza li nsegwu dieta bilanċjata li tinkludi ftit minn kollox fil-proporzjonijiet it-tajba. Imma liema huma dawk in-nutrijenti jew sustanzi li l-bniedem għandu bżonn biex ilaħħaq mal-bżonnijiet tal-ġisem?

Bażikament il-ġisem għandu bżonn dawn il-ħames nutrijenti prinċipali biex ikun jista' jiffunzjona b'mod tajjeb:

- Karboidrati (Carbohydrates) li jinsabu f'ikel bħal ħobż, għaġin, ross, patata, ċereali huma bżonnjużi sabiex jagħtu 'l-ġisem l-enerġija li jkollu bżonn ta' kuljum. Huwa importanti illi meta nagħżlu dawn it-tipi ta' ikel nagħżlu ikel li huwa ismar (mhux raffinat) minħabba li jkollu iktar fibra li hija ferm essenzjali għas-sistema diġestiva tagħna.



- Proteini li jinsabu fil-laħam, bajd, ħut, tiġieġ u tjur, ħalib u prodotti tal-ħalib, legumi li huma ferm bżonnjużi għat-trabi/tfal/adoloxxenti biex jgħinhom jikbru u jiżviluppaw.



- Xaħmijiet huma wkoll bżonnjużi dejjem fl-ammonti t-tajba għaliex għandhom funzjonijiet importanti fil-ġisem bħal sors ta' enerġija, jgħinu lill-ġisem iżomm sħun speċjalment fix-xitwa, jifforma bħal *cushion* madwar l-organi tal-ġisem biex jipproteġihom mill-ħsara. Però wieħed dejjem irid iżomm f'moħħu illi ammont esaġerat ta' xaħmijiet fid-dieta jikkawżaw problemi bħal obeżità, kolesterol u mard tal-qalb.



- Vitamini u minerali huma sustanzi illi l-iktar jinsabu fil-frott u l-ħaxix. Dawn jgħinu lill-ġisem biex iżomm f'saħħtu u 'l bogħod mill-mard. Hemm bosta tipi ta' vitamini u minerali fosthom il-Vitamina Ċ illi assoċjata mal-larinġ, il-Vitamina D li taħdem mal-kalċju li jinsab fil-ħalib/prodotti tal-ħalib li flimkien isaħħulna l-għadam, il-ħadid li jinsab fil-laħam aħmar u l-fwied li jgħin biex jiffurmaw iċ-ċelloli ħomor tad-demm. Meta wieħed ikun qed jiekol varjetà ta' frott u ħaxix ikun qed jiżgura illi qed jieħu varjetà ta' vitamini u minerali li l-ġisem għandu bżonn kuljum.




Ma' dawn ukoll importanti li nnaqqsu l-użu taz-zokkor u anke tal-imluħa biex nevitaw konsegwenzi negattivi fuq saħħitna bħalma huma ħxuna żejda kif ukoll pressjoni għolja. Huwa importanti wkoll illi wieħed jixrob ħafna ilma speċjalment fiż-żminijiet sħan tas-sajf u li ninkorporaw l-attività fiżika bħala parti mill-istil tal-ħajja tagħna!


Nails by Alison
Mob: 99465229 Tel. 27465229
Sir Temi Zammit Street, Żebbiegħ. L/O L-Imġarr
Specialising in gel extensions, Pedicures & Manicures
Gelish on hands & Toes
Open by appointment nicleah@hotmail.com


James Falzon (Junior)
Spray Painting & Panel Beating
Oven bake spray
Importer of second hand parts
Falzon Garage
Tas-Sriedaq Lane
Mosta
Tel: 99444719
Email: jamfal99@yahoo.com


ALL IN ONE Bazaar
✓ Babies and Children Clothes
✓ Men and Women Clothes
✓ Underwear
✓ Wide selection of Toys
✓ Household Goods
✓ Dry Cleaning
✓ Shoes & Bags
✓ Accessories
✓ Embroidery
✓ Shoe Repairs
GIFT with every 23 euro spent
Sir Harry Luke Street, Imġarr, Mob: 79491914



# Agħraf kul lokali u tal-istaġun

**Kitba ta' Manuel Schembri**

Illum il-ġurnata, meta naslu biex nagħżlu l-frott u l-ħaxix, kulħadd kullimkien jgħidlek li għandek tagħżel il-prodott agrikolu "lokali" u "tal-istaġun". U dan bir-raġun, għaliex għażla bħal din tista' ttejjeb il-kwalità ta' ikel li nieklu u għalhekk tkun ukoll ta' benefiċċju għal saħħitna.

Meta nitkellmu fuq "prodott lokali" inkunu qegħdin nirreferu għall-prodott li jitkabbar fl-inħawi minn fejn qiegħed tixtrih. Meta tqis id-daqs żgħir ta' pajjiżna, dan ifisser dak kollu li jikber f'Malta u Għawdex. Fost il-vantaġġi li tagħżel prodott lokali, wieħed ma jistax jonqos li jsemmi li dan jibqa' frisk iktar fit-tul minn prodott impurtat minn barra peress li ma jkunx qasam id-dinja biex wasal għandek. Minħabba f'hekk ma jkollux kimika żejda biex tippreservah u lanqas ikun miżmum ġo xi friġġ għat-tul. Barra minn hekk, jekk inħarsu lil hinn mill-impatt fuq l-ikel innifsu, naraw li prodott lokali jirrikjedi ħafna inqas riżorsi biex jasal għandek minn prodott impurtat, fosthom trasport u *packaging* addattat għall-importazzjoni. Għalhekk għażla ta' prodott lokali tgħin ukoll biex innaqsu t-tniġġis tal-ambjent.

Illum tista' takkwista kull tip ta' ħaxix u frott f'kull żmien tas-sena, għax ikun waslilna minn postijiet fil-bogħod li jkunu qegħdin fl-istaġun. Jekk il-ħaxix mhux tal-istaġun li qegħdin fih jiġifieri li mhux lokali, b'dak kollu li semmejna, ifisser ukoll li t-togħma ma tkunx tajba daqs tal-prodott lokali miġbur frisk.

Terminoloġija oħra li dan l-aħħar qed tintuża ta' spiss fil-qasam tal-ikel hija ikel "organiku". Skont id-definizzjoni, l-organiku għandu jitkabbar mingħajr l-użu ta' pestiċidi u fertilizzant. "Naturali", "mingħajr additivi" u "bla preservanti" mhumiex l-istess bħal "organiku". Staqsi u tkixxef sew qabel tixtri. Ftakar ukoll li ħafna mill-irziezet industrijali jimmodifikaw il-prodott agrikolu tagħhom b'tali mod sabiex jidher sabiħ, idum frisk u ma jismarx waqt it-trasport. Oqgħod ftit attent meta tara frotta jew ħaxixa b'forma perfetta, għax filwaqt li jkun jidher sabiħ, hemm possibbiltà kbira li t-togħma mhix se timpressjonak.

Hemm bżonn li teduka ruħek fuq il-prodott agrikolu: kun af x'inhu l-prodott lokali, meta hu żmienu, u kif tiddetermina jekk il-prodott hux organiku jew le. Hekk tkun tista' verament tgawdi l-aħjar togħma u benefiċċju għas-saħħa mill-kċina tiegħek.

**Fil-ġranet tal-Festa nagħmlu tajjeb jekk nersqu lejn is-Sagrament tat-Tqarbin**



# Is-Sajf, il-Festa tar-Raħal u l-Għoti tad-Demm

**Kitba ta' Tony Micallef**
*Ċentru Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm*

F'dan iż-żmien dejjem tqum il-mistoqsija: "Fis-sajf tiżdied id-domanda għad-demm?" Bla dubju ta' xejn l-inċidenza għaż-żieda fid-domanda għad-demm f'dan l-istaġun tiżdied mhux ħażin u dan billi jiżdied id-divertiment barra, jiżdied is-sewqan fit-toroq, kif ukoll għax jiżdiedu l-aċċidenti marbuta mal-baħar.

Quddiem dan ix-xenarju wieħed jgħid: "Imma l-poplu Malti ġeneruż u dejjem jagħti minn qalbu, anke fejn jidħol l-għoti tad-demm". Fil-fatt hekk hu, imma meta nitkellmu fuq l-għoti tad-demm, partikolarment fis-sajf jinħolqu għadd ta' restrizzjonijiet biex wieħed ikun jista' jagħti. L-ewwel restrizzjoni biex persuna ma tkunx eliġibbli biex tagħti d-demm hi marbuta ma' safar. Dan għaliex meta persuna tkun ser issiefer b'ajrulplan tkun trid tħalli tlett ijiem jgħaddu qabel tkun tista' ittir. Raġuni oħra marbuta ma' dan huma n-numru ta' vaċċini li spiss ikun hemm bżonn li jittieħdu qabel is-safar u dawn jimpedixxu lil min ikun irid jagħti d-demm għal ċertu żmien qabel is-safar. Iżda dan mhux biss, min isiefer f'postijiet bħall-Afrika, l-Amerika t'Isfel, u Lvant Imbiegħed, ikun irid iħalli sena tgħaddi minn meta jasal lura Malta biex jerġa' jkun eliġibbli biex jagħti d-demm, dan minħabba riskju ta' trasmissjoni ta' mikrobi, viri jew parassiti bħal ngħidu aħna tal-Malarja. Realtà oħra marbuta mas-safar fis-sajf hi li min isiefer f'ċerti postijiet fl-Ewropa fejn ikun hemm għadajjar jew ilma baxx, bħal ngħidu aħna Venezja jkun irid iħalli xahar jgħaddi biex ikun jista' jersaq biex jagħti d-demm. Dan minħabba li persuna tkun esponiet ruħha għal riskju ta' gdim minn nemusa *Asian Tiger Mosquito,* li għandha l-kapaċità li ġġorr u tinfetta d-demm bil-*West Nile Virus*. F'dan ir-rigward wieħed jista' jsemmi wkoll safar fl-Amerika ta' Fuq fejn minħabba l-istess raġuni wieħed ikun irid iħalli erba' ġimgħat qabel ikun jista' jersaq biex jagħti d-demm, u f'dan il-każ japplika s-sena kollha u mhux fix-xhur tas-sajf u tal-ħarifa biss.



*Il-boroż tad-demm qabel ma jibdew jiġu pproċessati biex minnhom joħroġ il-konċentrat taċ-ċelloli l-ħomor*

Realtà oħra marbuta mas-sajf hi li tiżdied l-inċidenza tal-gastric flu minħabba t-temperaturi sħan li jagħmluha aktar faċli li ikel ikkontaminat jiġi kkunsmat b'konsegwenzi xejn mixtieqa. F'dan il-każ persuna tkun trid

tħalli erba' ġimgħat jgħaddu qabel tkun tista' tersaq biex tagħti d-demm.

Fattur ieħor li jnaqqas l-għoti tad-demm fis-sajf hi t-telqa li ġġib magħha s-sħana. Din tista' taffettwa bil-kbir lill-poplu inġenerali li jersaq biex jagħti d-demm. Imma sħana jew mhix, vaganzi jew mhux, il-bżonn tad-demm għall-operazzjonijiet skedati jibqa' hemm. Wieħed irid isemmi wkoll il-bżonn tad-demm għat-trabi li jitwieldu qabel iż-żmien, għall-ommijiet li jkollhom ħlas diffiċli, għall-pazjenti morda bil-kliewi, għall-pazjenti fosthom tfal li jsofru mill-marda tal-kanċer, kif ukoll għal għadd ta' persuni li minħabba mard kroniku jkollhom bżonn jirċievu d-demm b'mod regolari, uħud minnhom għal għomorhom.


*Il-borża tad-demm bil-parti ċellolari tad-demm mifruda mill-parti likwida (is-saff ta' fuq hu l-ilma tad-demm – plażma)*

Quddiem dawn ix-xenarji kollha s-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm jappella lill-pubbliku biex ikun iktar konxju ta' dan l-għarfien u jħeġġeġ lil kull min jista' biex jagħmel il-ħila u jersaq, bil-karta tal-identità, ħalli jagħti d-demm u jgħin biex f'pajjiżna dejjem ikun hawn riserva adegwata. F'dan ir-rigward is-Servizz jirrakkomanda biex qabel tagħti d-demm persuna tkun għamlet lejl ta' mistrieħ sewwa, tkun ħadet xi ħaġa tal-ikel ħafifa, kif ukoll tkun xorbot tal-inqas nofs litru ilma. Parir ieħor importanti lil kull min jagħti d-demm hu li fil-jum tad-donazzjoni ma jeżerċitax ruħu, ma jippjanax li jmur jgħum, ma joqgħodx fix-xemx u ma jikkunsmax alkoħol.

Fl-aħħar nett, is-Servizz waqt li jieħu din l-opportunità biex jawgura l-festa t-tajba lill-poplu tal-Imġarr, iħeġġeġ lill-għaqdiet tiegħu biex jorganizzaw gruppi u jagħtu d-demm bħala parti mill-attivitajiet tal-festa (ankè wara l-festa) b'risq dawk li qed jiġu rikoverati fl-isptarijiet Maltin u li huma ferm 'l bogħod milli jgawdu festa.





**T shirts u gerijiet tal-festa għall-bejgħ**

Għal iktar dettalji
kellem lil xi membru tal-kumitat
jew ċempel fuq 79674678.



# Festi Marjani fil-Gżejjer Maltin

**Kitba ta' Alex Azzopardi**

Il-qima u d-devozzjoni li l-poplu Malti u Għawdxi għandu lejn Ommna Marija, hija riflessa fin-numru kbir ta' festi Marjani li jiġu ċċelebrati ta' kull sena fil-bliet u l-irħula tagħna. Huma erbgħa u erbgħin il-festi prinċipali ddedikati lil Marija u dawn insibuhom taħt diversi titli differenti, ewlenija fosthom hija l-Festa ta' Santa Marija.

Sa miż-żminijiet bikrin tagħha, il-Knisja Kattolika dejjem emmnet li Marija Santissma ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Minkejja din id-devozzjoni u t-twemmin sa mill-eqdem żminijiet, kellu jkun fl-1 ta' Novembru 1950 li l-Assunzjoni ta' Marija saret domma ta' fidi. Kien il-Qdusija Tiegħu, il-Papa Piju XII, li pproklama d-duttrina tal-Assunzjoni ta' Marija Santissima fis-sema. Għalina l-Maltin din il-festa minn dejjem kienet għal qalbna, aktar u aktar meta rbatnieha mal-wasla tal-konvoj fl-eqqel tat-Tieni Gwerra dinjija li salva lil pajjiżna u forsi aktar minn hekk. Il-Maltin kien għoddhom qatgħu qalbhom u waslu fl-estremità li jċedu f'idejn l-għadu, sakemm nhar il-festa ta' Santa Marija tas-sena 1942, is-Sibt filgħodu ntlemaħ fuq ix-xefaq it-tanker Ohio. Ħafna jemmnu li t-talb tal-Maltin lill-Madonna nstema' propju nhar il-festa ta' Santa Marija.

Dan l-avveniment, li minn ħafna huwa meqjus bħala miraklu, kompla saħħaħ il-fidi lejn it-Tlugħ fis-sema ta' Marija. Xejn inqas minn ħdax-il parroċċi f'Malta u Għawdex huma ddedikati lil Santa Marija. Dawn huma: il-Gudja (1436 – raħal bl-isem ta' Bir Miftuħ li llum m'għadux jeżisti), Ħ'Attard (1575), l-Imqabba (1598), il-Mosta (1608), il-Qrendi (1618), Ħal Għaxaq (1626), Ħad- Dingli (1678), l-Imġarr (1898) u Birkirkara (2005). F'Għawdex insibu żewġ parroċċi ddedikati lil Santa Marija. Dawn huma r-Rabat (il-Katidral) u ż-Żebbuġ (1688). Ma jistax jonqos li l-festi ad unur Santa Marija jsiru bl-ikbar pompa u bl-ingredjenti kollha li tirrikkjedi festa Maltija kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-festi interni kif ukoll dawk esterni. Il-maġġoranza tal-festi jsiru nhar il-15 t'Awwissu, iżda hemm tlett irħula fejn il-festa ssir Ħadd jew żewġt iĦdud wara bħal fil-każ ta'



*Il-vara ta' Santa Marija tal-Gudja - l-ewwel statwa tal-Assunta f'Malta (Vincenzo Dimech – 1807)*



*Il-Papa Piju XII li pproklama d-domma tal-Assunzjoni ta' Marija Santissima fis-Sema fl-1 ta' Novembru 1950*

Ħad Dingli, iż-Żebbuġ (Għawdex) u l-Imġarr.

Wara Santa Marija, it-tieni titlu l-iktar popolari huwa dak tal-Madonna tal-Karmnu. Din il-festa hija ċċelebrata f'seba' postijiet. Erbgħa huma l-parroċċi dedikati lill-Madonna tal-Karmnu u dawn insibuhom fil-Gżira (1921), il-Fgura (1965), il-Balluta (1974) u Fleur De Lys (1975). Festi oħra lill-Madonna tal-Karmnu jiġu ċċelebrati wkoll fiż-Żurrieq u fis-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta, filwaqt li f'Għawdex issir festa ħelwa fix-Xlendi, li jagħmel parti mill-Parroċċa tal-Munxar.

Festa li għandha rabta storika mal-gżejjer Maltin hija dik tal-Bambina. Festa ċċelebrata fit-8 ta' Settembru jew inkella l-*Otto Settembre*. Din il-ġurnata għal bosta snin kienet il-Jum Nazzjonali uniku ta' Malta għax dakinhar nikkomemoraw r-rebħa tal-Assedju l-Kbir. Illum it-8 ta' Settembru għadu Jum Nazzjonali flimkien ma' erba' oħra. F'din il-ġurnata nikkomemoraw ukoll it-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija u r-rebħa tal-Alleati. Huwa tassew f'waqtu li l-poplu Malti kien laqqam din il-ġurnata bħala l-Vitorja. Dakinhar tiġi organizzata r-Regatta fil-Port il-Kbir magħrufa wkoll bħala t-Tiġrija tal-Vitorja. Il-Festa ta' Marija Bambina ssir f'erba' parroċċi, tlieta f'Malta – in-Naxxar (1436), l-Isla (1581) u l-Mellieħa (1844), u waħda f'Għawdex - ix-Xagħra (1688).

Festa oħra popolari hija dik tal-Immakulata Kunċizzjoni. Il-belt ta' Bormla (1586) hija sinonima ma' din il-festa li għadha tinżamm fil-ġurnata propja tagħha, jiġifieri nhar it-8 ta' Diċembru. Fil-kolleġġjata ta' Bormla nsibu kwadru titulari mill-isbaħ li ġie nkurunat mill-Kardinal Ferrata fis-sena 1905 u fl-1955 il-Kardinal Tedeschini żejnu bi stellarju tad-deheb. Parroċċa oħra ddedikata lill-Kunċizzjoni ġiet imwaqqfa fl-1968 fil-Ħamrun, iżda hawnhekk jagħmlu l-festa fis-sajf. Fir-Rabat Għawdex ukoll issir festa tal-Kunċizzjoni nhar it-8 ta' Diċembru fil-Knisja tal-Kunvent tal-Franġiskani Konventwali. Hawnhekk insibu statwa sabiħa tal-Kunċizzjoni, xogħol li Mastru Salvu Psaila ħadem fl-injam fl-1848.

Id-dehriet tal-Madonna lil Santa Bernardina Soubirous seħħew bejn il-11 ta' Frar u s-16 ta' Lulju tas-sena 1858. F'dawn ix-xhur il-Madonna dehret tmintax-il darba fil-grotta ta' Massabielle li tinsab fil-belt ta' Lourdes, fin-nofsinhar ta' Franza. Fis-sena 1862, il-Papa Piju IX awtorizza lill-Isqof Bertrand-Sévère Laurence biex jagħti l-permess sabiex tiġi vvenerata l-Imbierka Verġni Marija ta' Lourdes. Ftit snin wara, fl-1878 f'Malta twaqqfet il-Konfraternità ta' Lourdes fil-Qrendi u f'dan ir-raħal tiġi ċċelebrata l-festa ta' Lourdes bħala festa sekondarja. Għaddew is-snin u fl-1962 ir-raħal ta' San Ġwann ġie dikjarat Parroċċa taħt it-titlu tal-Madonna ta' Lourdes. L-istess ġara fir-Raħal Ġdid meta twaqqfet il-Parroċċa ta' Lourdes fl-1974. B'hekk insibu li b'kollox huma tlieta l-postijiet li jiċċelebraw il-festa tal-Madonna ta' Lourdes.

Episodju important fil-ħajja ta' Ommna Marija huwa dak ta' meta l-Anġlu Gabrijel ħabbar li kellha tkun Omm Alla. F'Malta għandna żewġ parroċċi ddedikati lil Marija Annunzjata, waħda f'Ħal Tarxien (1592) u l-oħra f'Ħal Balzan (1655). Il-ġurnata propja tal-Festa tal-Lunzjata hija l-25 ta' Marzu, iżda llum dawn iż-żewġ parroċċi jiċċelebraw il-festa tagħhom f'Ġunju u Lulju rispettivament.

Dawn li semmejna hawn fuq huma festi Marjani li jsiru f'iktar minn lokalità waħda.

Insibu għadd ta' parroċċi oħra li t-titular tagħhom huwa dak tal-Madonna meqjuma taħt diversi titli differenti. Fir-raħal pittoresk ta' Marsaxlokk (1897) tiġi ċċelebrata l-festa tal-Madonna ta' Pompej. It-titlu tal-Madonna ta' Pompej ġej mill-belt ta' Pompej fl-Italja, fejn mis-Santwarju dedikat lill-Madonna tar-Rużarju xterdet id-devozzjoni lejn it-talba għażiża tar-Rużarju Mqaddes. Kull nhar ta' 8 ta' Mejju, li jaħbat l-anniversarju tad-dedikazzjoni tas-Santwarju tal-Madonna f'Pompej, isir pellegrinaġġ nazzjonali.

It-tieni parroċċa li twaqqfet fil-Marsa fl-1967 tiċċelebra l-festa ta' Marija Reġina. F'San Pawl il-Baħar (1905) tiġi ċċelebrata l-festa ta' Marija Addolorata. Hawnhekk nixtieq nagħmel punt żgħir biex insemmi li fir-raħal tiegħi, ta' Birżebbuġa, l-ewwel Parroċċa li twaqqfet fl-1913 kienet ddedikata lil Marija Addolortata. It-titular baqa' dak tad-Duluri sal-1937 meta l-Parroċċa ġiet trasferita għall-Knisja l-ġdida li ġiet iddedikata lil San Pietru fil-Ktajjen. Bejn it-13 ta' Mejju u t-13 t'Ottubru 1917, f'Fatima fil-Portugall, il-Madonna dehret lit-tlett itfal ċkejknin Lucia dos Santos, Jacinta Marto, u Francisco Marto. Ma setax jonqos illi d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Fatima tinxtered mad-dinja Kattolika u tasal ukoll fi gżiritna. Tant hu hekk li meta twaqqfet parroċċi ġdida fil-Gwardamangia fl-1968, din ġiet iddedikata lill-Madonna ta' Fatima. F'ħafna knejjes insibu statwa tal-Madonna ta' Fatima għad-devozzjoni tal-fidili.

Burmarrad sar Parroċċa fl-1971 u l-Knisja ġiet iddedikata lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija fejn hemmhekk issir festa ħelwa fl-aħħar Ħadd ta' Lulju. F'Tas-Sliema nsibu erba' parroċċi u tnejn minnhom huma ddedikati lill-Madonna, waħda taħt it-titlu tal-Verġni Marija Kewkba tal-Baħar jew aħjar Stella Maris (1878) u l-oħra bit-titlu tas-Sinjura tagħna tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù magħrufa iktar bħala l-Madonna tas-Sacro Cuor (1918).

Immorru fil-gżira Għawdxija fejn festa popolari ħafna hija dik tal-Madonna ta' Loretu li tiġi ċċelebrata f'Għajnsielem (1855). F'Kerċem (1885) issir il-festa tal-Madonna tas-Sokkors, filwaqt li fl-Għarb (1679) ifakkru l-episodju meta Marija żaret lill-qariba tagħha Santa Eliżabetta – Il-Viżitazzjoni.

Lura f'Malta, u festa oħra li ssir b'devozzjoni liema bħalha hija dik tal-Madonna tal-Grazzja meqjuma fis-Santwarju tagħha f'Ħaż-Żabbar (1616). Il-kwadru titulari huwa xogħol il-pittur Malti Alessio Erardi u sar fis-sena 1715. Ix-xbieha tal-Madonna u l-Bambin Ġesù ġew inkurunati mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fl-1951 u fl-2001 tpoġġa stellarju minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca. L-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja ħarġet minn idejn l-iskultur bravu Mariano Gerada fl-1797. Eluf ta' Maltin u Għawdxin ta' kull sena jerħulha lejn Ħaż-Żabbar matul il-granet tal-festa fejn fost l-oħrajn jispikka l-Pellegrinaġġ tar-Roti u l-Muturi li jsir lejlet il-Festa.

Bħalma diġà rajna iktar 'l fuq, insibu wkoll numru ta' festi Marjani li għalkemm huma popolari ħafna, mhumiex festi titulari. Ma' dawk diġà msemmija nżiedu ż-żewġ festi li jsiru fil-Gudja f'ġieħ il-Madonna tar-Rużarju u l-Madonna taċ-Ċintura, fl-Imqabba ssir ukoll il-festa tal-Madonna tal-Ġilju filwaqt li f'Ħal Tarxien jagħmlu festa oħra lill-Madonna tad-Duttrina.

Dawn il-festi huma xhieda tad-devozzjoni li għandna fil-gżejjer Maltin lejn Ommna Marija. Devozzjoni li writna mingħand l-antenati tagħna u għadha ħajja sal-ġurnata tal-lum. Il-purċissjonijiet li jsiru bix-xbihat tal-Madonna huma l-qofol ta' dawn il-festi. Statwi sbieħ maħduma minn artisti Maltin kif ukoll barranin. Ma jistax jonqos li fl-Imġarr insibu statwa sabiħa ta' Santa Marija maħduma f'Marsilja fi Franza. Din l-istatwa waslet Malta f'April tal-1922 fost il-ferħ kbir tal-poplu tal-Imġarr li dakinhar kien miġbur quddiem il-Knisja biex isellem għall-ewwel darba l-ġmiel ta' statwa ta' Santa Marija.


Horace
Enterprises Ltd.
Trophies & Sports Goods
Importer & Wholesaler
snooker
trophies
medals
Triq Raymond Caruana, Gudja
Tel: 21696302 Mob: 99420346
Fax: 21693397
email: horacenltd@link.net.mt
www.horace-ent.com


SOGNO BAGNO
Offers on Bathrooms and Floor Tiles
157, College Street, Rabat, Malta.
Tel. No. 2145 1032
Mobile No. 9947 2750
jg375@maltanet.net


Ray's Garage
TAĊ-ĊATT
Repairs & Servicing on Petrol and Diesel Cars.
Diagnostics and Airconditioning Charging.
Bingemma Road, Imgarr.
Contact: Raymond Muscat 99477571


TWANNY ZAMMIT
S.P.Q.R.
Labardi, Standardi, Pilandri, Kurazzi eċċ.
Ilbies tar-Rumani, Kurazzi tar-Rumani, Ibbanjar bil-fidda, Tiswija ta' strumenti tar-ram
2, Mejjilla Street, Qormi – Tel: 21498222 / 99867670



# Sorijiet Agostinjani Servi ta' Ġesù u Marija

**Sr Emma Micallef asgm**



*Madre Tereża Spinelli*

Twieldet Ruma fl-1 t'Ottubru 1789, l-aħħar waħda minn fost disa' wlied. Semmewha Maria Teresa. Kienet tifla fuq tagħha, intelliġenti, ta' spirtu pront u soċjevoli. Għalkemm kienet tħobb taqra ħafna, speċjalment ħajjiet ta' qaddisin, però ma kinitx tħobb tistudja. Kienet tgħid li l-iskola hi martirju. Kienet imqarba ħafna u mhux l-ewwel darba li marret kontra l-kelma tal-ġenituri tagħha b'konsegwenzi xejn sbieħ, hekk li saħansitra darba kienet kważi tilfet ħajjitha taħt ir-roti ta' karettun. Ta' 16-il sena Teresa Spinelli ġiet imġegħla tiżżewweġ minħabba l-qagħda finanzjarja mwiegħa tal-familja. Dan Luigi Ravieli deher li kien raġel tal-affari tiegħu u bilgħaqal. Maż-żmien, imma, beda juri xi jsarraf. Kien ta' natural żorr ħafna, jisker, isawwatha, ikellimha ħażin għax titlob u saħansitra imponielha li tara lill-familjari tagħha. Kien bniedem rivoluzzjonarju u darba heddidha li joqtolha. Wara xhur ta' tbatija siekta, l-awtorità tal-Knisja għarblitilha l-każ u tatha parir li ma tibqax miegħu. Sadanittant huwa għeb minn Ruma u hi tmur lura d-dar fil-familja tagħha, u titweldilha tifla, Maria Domenica. Teresa ħadet ħsieb ta' ommha paralizzata u wara nsibuha tingħata għall-katekiżmu u għal xogħol mal-morda u l-foqra. Maż-żmien ħasset li l-Mulej kien qed isejħilha biex tingħata għalih u taqdi liċ-ċkejknin tiegħu. Bdiet fi Frosinone billi fetħet l-ewwel skola għall-bniet, fqar u għonja flimkien. Bil-mod il-mod u b'ħafna sagrifiċċji waqqfet Kongregazzjoni ta' Sorijiet Agostinjani Servi ta' Ġesù u Marija. Is-sorijet bdew jinfirxu mal-Italja u anke barra mill-pajjiż. Hekk li issa aħna s-Sorjiet Agostinjani, li ħafna jafuna bħala s-Sorjiet ta' Santa Monika, minħabba l-iskejjel tagħna ddedikati lil Omm Santu Wistin, ninsabu f'Malta, l-Ingilterra, l-Awstralja, l-Amerika, il-Brażil, l-Afrika, l-Indja, u l-Filippini.

Ix-xogħol prinċipali tagħna hu l-edukazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ. F'Malta għandna tliet skejjel: B'Kara, l-Gżira u l-Mosta. Barra t-tagħlim u xogħol ieħor mat-tfal u ż-żgħażagħ, bħal *counselling* u laqgħat ta' formazzjoni Nisranija, xogħol ieħor li nħaddnu aħna l-Agostinjani anke barra minn Malta hu kura ta' tfal abbandunati, żjajjar fi sptarijiet u ħabsijiet, xogħol fil-parroċċi, gruppi ta' talb u appostolat fil-familji.

Fergħa importanti għalina huwa l-grupp ALAS li hi Assoċjazzjoni ta' lajċi li jħaddnu l-ispiritwalità tagħna l-Agostinjani Spinelljani. Dawn huma koppji jew familji li jiltaqgħu darba fix-xahar biex jitolbu u jiddiskutu flimkien waqt li jikbru fl-ispiritwalità tagħna u japplikawha fil-familji tagħhom.

*Min jixtieq aktar informazzjoni fuq Madre Tereża Spinelli, li tinsab fil-proċ*ess tal-Beatifikazzjoni, jista' jikkuntattja lili u nibgħatlu ktieb b'xejn.


Tal-Plitt
Frott u haxix frisk minn tal-Imġarr
Triq Sir Temi Zammit
Żebbiegħ - Mġarr
Tel: 9923 6219
Opening hours:
Mon-Fri: 10am - 7pm
Sat, Sun & Public Holidays:
8:30am - 6pm







*Tropical Fish now available*



# Storja ta' suċċess għal Mġarr Eagles fis-snin 80 u 90

**minn Charles Muscat**

L-ewwel *team* tal-*football* li twaqqaf fl-Imġarr kien *Mġarr Eagles* li kienu twaqqfu minn grupp ta' żgħażagħ fil-bidu tas-snin sittin. Fost dawn kien hemm Joe Abela l-Baħri, Ġan Pawl Muscat, Piju Muscat u Żaru Muscat taż-Żebbiegħ. Dan it-*team* kien jiltaqa' f'remissa żgħira fi Triq San Pawl, kantuniera ma' Triq Dun Edgar u kienu jitħarrġu fit-triq propju fil-viċinanzi ta' din il-kamra.

Dan it-*team* kien beda jieħu sehem fl-Assoċjazzjoni ASCC u kien jitmexxa minn Joe Abela bħala President. Huma kienu jilagħbu wkoll xi logħbiet ta' ħbiberija fosthom fil-*ground* ta' taħt is-sur tal-Imdina fejn fis-snin li għaddew sar il-proġett mill-isbaħ tal-Foss tal-Imdina. Imma meta Joe Abela daħal baħri mar-Royal Navy, it-*team* sfaxxa.

Propju fis-sena 1985 it-*team* ta' Mġarr Eagles reġa' twaqqaf bil-ħidma ta' Frans Debono, Charles Muscat, Gino Vella, Pio Vella u oħrajn. Fil-bidu huma bdew jiltaqgħu fil-Każin tal-Partit Nazzjonalista wara li l-Kumitat ta' dak iż-żmien aċċetta l-proposta li jagħti l-faċilitajiet meħtieġa lil dan it-*team*.

Kien iffurmat kumitat li kien immexxi minn Frans Debono bħala President u minn Charles Muscat bħala Segretarju. L-ewwel *coach* tat-*team* kien Ġanni Seisun li kien mill-Ħamrun u t-taħriġ kien isir fil-*ground* il-ġdid tal-*football* maġenb il-*housing estate*, wara ftehim mal-Kumitat tal-Mġarr United FC. It-*team* beda jilgħab logħbiet ta' ħbiberija u aktar ma' beda jgħaddi ż-żmien, aktar beda jissaħħaħ u fost il-*players* kellu lil Pio Muscat, Jimmy Camilleri, Pierre Debono, Ġużi Portelli, George Muscat, Pio Vella, Żaren Galea, Charles Muscat, Ġino Vella, Winston Muscat, Joe Bugeja, Joe Grech, William Borg u oħrajn. Ħafna minn dawn kienu mill-Imġarr stess. Il-Kumitat kien għażel flokk blu, qalziet abjad u kalzetti bojod bħala l-ewwel *kit* tiegħu filwaqt li t-tieni *kit* kien kollox abjad. Il-Kumitat kien ħabrieki ħafna, jorganizza bosta attivitajiet bħala *fund raising* bħal ikliet u lotteriji.



*Mġarr Eagles FC*

Permezz tal-kuntatti li l-President Frans Debono kellu mal-*Malta Amateur Football Association* (MAFA), dak iż-żmien immexxija mill-ħabrieki President Joe Compagno, it-*team*

beda jaħseb biex jingħaqad f'din l-Assoċjazzjoni. Fis-sena 1986 *Mġarr Eagles* daħlu fil-kompetizzjoni KO tal-MAFA u lagħbu kontra Birkirkara Golden Orient li dak iż-żmien kienu fl-Ewwel Diviżjoni tal-MAFA. Fost il-players f'dak it-*team* ta' Birkirkara kien hemm il-player żagħżugħ Nicky Saliba li aktar tard kien jilgħab ma' Valletta FC, li tagħhom ukoll kien *captain*, u anke mat-*team* nazzjonali Malti. Mġarr Eagles kien ħarġu telliefa imma kien taw logħba mill-aqwa lit-*team* ferm iktar ikkwotat minnhom.

Fis-sena ta' wara, *Mġarr Eagles* daħlu fir-Raba' Diviżjoni tal-MAFA, komplew jissaħħu b'aktar *players* ta' kwalità u fil-fatt fl-ewwel staġun tagħhom kisbu l-promozzjoni għat-Tielet Diviżjoni tal-MAFA. Dak iż-żmien il-logħob kien isir fil-*ground* tal-Mosta u dak tas-Siġġiewi.

Mġarr Eagles iċċelebraw bil-kbir l-ewwel promozzjoni tagħhom u anke kienu għamlu marċ mar-raħal bil-parteċipazzjoni ta' ħafna Mġarrin u anke bis-sehem ta' banda tal-I*scouts* li ferrħet lil dawk preżenti. Fuq talba tal-Kumitat ta' *Mġarr Eagles*, il-kantanti magħrufa Benny u Tonia kienu kkomponew l-Innu tal-*Mġarr Eagles* li wara kien adattat għat-team nazzjonali Malti u għadu jindaqq sal-lum.

Dak iż-żmien it-*team* ma baqax jiltaqa' fil-Każin tal-PN imma beda jiltaqa' f'kamra fi Triq Dun Edgar ġentilment mislufa lit-team mill-President Frans Debono. Wara t-*team* għamel ukoll żmien jiltaqa' f'kamra mislufa minn Pio Vassallo l-Pilot, fil-viċinanzi ta' wara l-Knisja Parrokkjali.

Fit-tieni staġun tagħhom fil-MAFA fl-istaġun 1987/88, Mġarr Eagles reġgħu kisbu suċċess u kienu promossi mit-Tielet għat-Tieni Diviżjoni u wara żewġ staġuni fit-Tieni Diviżjoni, fl-istaġun 1989/90, huma rebħu l-kampjonat u kienu promossi fl-Ewwel Diviżjoni. Hawn it-*team* kien issaħħaħ ferm u kien immexxi mill-*coach* Joe Deguara mill-Mosta. Kienu ġew diversi *players* ta' fama ma' *Mġarr Eagles* fosthom Joe Borg il-Ġinġell, li kien lagħab mal-Ħamrun Spartans u anke mal-Belt u mat-*team* nazzjonali Malti. Kien hemm ukoll Roderick Axiaq li kien *player* ta' Rabat Ajax li wkoll ingħaqad mal-Eagles. Issaħħaħ ukoll b'diversi *players* li kienu jilagħbu wkoll mal-Mosta fosthom Bertu Gatt ta' Soldi, Mark Muscat il-Hussel, Simon Muscat il-Pips, Stephen Cuschieri u Charles Sciberras, li kien *goalkeeper* mill-aqwa, u oħrajn.

Kien hawn li Mġarr Eagles ħatru lil Charlie Agius il-Ġinġell bħal *coach* li mexxihom fl-Ewwel Diviżjoni tal-MAFA fl-istaġun 1990/1991 meta kienu rebħu l-Kampjonat u b'hekk saru *Champions* ta' Malta tal-*Amateurs*. Dan kien l-aqwa unur li xi *team* tal-*football* mill-Imġarr qatt rebaħ sal-lum. Din kienet ukoll l-ewwel darba sa dak iż-żmien li xi *team* tal-MAFA irnexxielu jirbaħ il-Kampjonat fl-ewwel staġun fl-ogħla diviżjoni.

F'dak l-istess staġun, Mġarr Eagles kienu waslu wkoll sal-finali tan-KO tal-MAFA fejn quddiem folla kbira fil-*ground* tas-Siġġiewi, fosthom mijiet ta' Mġarrin, kienu tilfu l-finali.

L-istaġun ta' wara kien wieħed diżappuntanti għal *Mġarr Eagles* meta kienu spiċċaw in-naħa t'isfel tal-klassifika u kienu relegati għat-Tieni Diviżjoni tal-MAFA.

Minħabba pressjoni ta' xogħol, xi membri tal-Kumitat kienu waqfu u t-*team* ma baqax jipparteċipa fil-*league* tal-MAFA u kien hawn li l-istorja qasira imma glorjuża ta' *Mġarr Eagles* intemmet.

# FTIRA MENU

**FTIRA MARGHERITA: €6.00**
Tomato Sauce, Mozzarella, Garlic, Mixed Herbs, Sesame Seeds

**FTIRA INĊOVA: €6.50**
Caponata, Tuna, Anchovies, Sliced Green Olives, Capers, Onions, Tomatoes, Mixed Herbs

**FTIRA TAX-XIKEL: €7.50**
Chopped Gammon, Fresh Cheeselets (ġbejniet friski), Curry Onions, Garlic, Garlic Butter, Funnel Seeds, Sesame Seeds, Mixed Herbs

**FTIRA TAL-BIDWI: €7.50**
Tomato Sauce, Aubergines (brunġiel), Marrows (qarabali), Mixed Peppers, Onions, Garlic, Cheeselets (ġbejniet friski), Black Olives, Capers, Fresh Tomatoes, Mixed Herbs

**FTIRA GĦONNELLA: €8.00**
Tomato Sauce, Maltese Sausage, Ġbejniet Friski, Potatoes, Onions, Funnel Seeds, Sesame Seeds, Mixed Herbs

**FTIRA TAS-SAJJIED: €8.50**
Tomato Sauce, Smoked Salmon, Fresh Cheeselets (ġbejniet friski), Shrimps, Curry Onions, Parsley, Garlic, Black Olives, Capers, Fresh Tomatoes, Mixed Herbs, Sesame Seeds

**FTIRA CAPRICCIOSA: €8.50**
Tomato Sauce, Mozzarella, Mushrooms, Eggs, Gammon, Black Olives, Onions, Garlic, Mixed Herbs, Sesame Seeds

**FTIRA TAL-LAĦAM: €8.50**
Tomato Sauce, Mozzarella, Onions, Minced Meat, Eggs, Carrots, Peas, Potatoes, Garlic, Mixed Herbs, Sesame Seeds

**FTIRA TAT-TIĠIEĠ: €9.00**
Tomato Sauce, Mushtoom, Chicken, Eggs, BBQ Sauce, Mozarella, Mixed Herbs, Garlic, Onions, Sesame Seeds

**FTIRA PARMA HAM: €9.00**
Tomato Sauce, Mozzarella, Parma Ham, Rucola, Onions, Mixed Herbs, Sesame Seeds

Gormina, Mosta Road, St. Paul's Bay, Malta - **ORDER YOUR FTIRA NOW**
Tel: 27 585 786, 21 585 786 www.gormina.com

Find us on facebook.

GORMINA
BAKERY & CONFECTIONERY

## ORDER YOUR FTIRA: 27 585 786



FTIRA
TAX-XIKEL



FTIRA
TAL-BIDWI



FTIRA
GĦONNELLA



FTIRA
INĊOVA



SCS
Sammut Concrete Supplies
READY MIXED CONCRETE,
BRICKS MANUFACTURING,
CONCRETE PUMP HIRE,
&,
PROPERTY NEGOTIATION.
CIFA
MARSASKALA
4TH FLOOR 3 BEDROOM APARTMENT
FULLY FINISHED WITH EXTRA ORDINARY SEA VIEWS.
AT ONLY LM 79,000
GROUND FLOOR 2 BEDROOM MAISONETTE –
SHELL FORM, IN QUITE PART OF B'KARA
AT ONLY LM 47,000
BIRKIRKARA
QAWRA
3RD FLOOR 3 BEDROOM APARTMENTS –
FULLY FINISHED, JUST OFF TRIQ IT-TURISTI.
STARTING AT ONLY LM 76,000
WIED IL– GHASEL, BURMARRAD,
L/O NAXXAR — MALTA.
FOR MORE INFORMATION REGARDING YOUR PROPERTY NEEDS CONTACT US ON : 79492755 / 70002755

# Saviour Bugeja
## Tile Layer

For all kinds of tile laying
@ reasonable prices.
Call **99281490**
Free quote estimate



# Sunny Bar & Restaurant
## Ta' Wistin Imġarr
## Maltese Rabbit in Garlic Sauce

*Spacious hall on first floor for hire*
Imġarr Parish Square,
1 Sir Harry Luke Street

**Prop. Wistin Vella: 21 573 705 / 7940 5148**





# Joseph Galea u l-passatemp tiegħu

**Kitba ta' Semira Galea**



Joseph Galea magħruf aħjar bħala Joe l-Bambinu jaħdem bħala *chasis builder.* Iżda kmieni din is-sena ġietu l-opportunità li jibda jsuq fuq it-*track* ta' Ħal Far b'karozza Mazda RX7. Dan l-isport jirrikkjedi ħafna xogħol biex il-karozza tkun tista' tiġi misjuqa. Bl-għajnuna ta' sid il-karozza, Sandro Mintoff u t-tim *Mintoff Racing Team*, dejjem ħarġu sodisfatti. Din il-karozza għandha magna 13B u *gearbox liberty* . Parti minn dan it-tim kbir ta' nies ta' madwar 8 persuni jgħinu fix-xogħol li jkun hemm bżonn fil-karozza, filwaqt li ż-Żoqdi Racing Team jgħin biex il-magna u l-affarijiet l-oħra li għandhom x'jaqsmu mal-magna jiġu mpoġġija f'posthom. Din il-magna tiġi kkontrollata minn kaxxa żgħira mwaħħla ma' ġewwa tal-karozza magħrufa bħala ECU. L- ECU tiġbor l-informazzjoni ta' xi tkun qed tagħmel il-magna waqt it-tiġrija u wara din tinqara permezz ta' kompjuter. Il-karozza tiġi mħaddma bil-fjuwil E85. Dan hu fjuwil apposta għat-tiġrijiet u dan ma jagħmilx ħafna ħsara lill-ambjent. Kif tistgħu taraw dan il-passatemp jirrikkjedi ħafna xogħol iżda bħala tim dejjem kienu sodisfatti bir-riżultati miksuba.




*Mazda RX7*


BALLUT
BLOCKS
Celebrating
65
YEARS OF SERVICE
to the construction industry in Malta
Ballut Blocks, formed in 1950, was one of the earliest companies to be established in the building and construction industry in Malta and was amongst the first to be registered as a limited liability company in 1985.







Birzebbugia
Birkirkara
Dingli
Fgura
Fleur-De-Lys
Gudja
Gharghur
Ibragg
Kirkopp
Kalkara
Mgarr
Msida
Marsascala
Mosta
Naxxar
Qawra
Qormi
Rabat
Santa Venera
St. Julians
St. Paul's Bay
Swieqi
Zabbar
Zejtun
Zurrieq

TA' DERNIS PROPERTIES

We're flexible to your needs

A | 128, Triq San Bartolomew, Qormi, QRM 2184 W | www.tadernis.com E | info@tadernis.com M | 9986 0983



# Mġarr United Football Club

**Kitba ta' Chris Muscat**
*Segretarju*

L-ewwel u qabel kollox nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", l-Imġarr A.D. 2011 tal-opportunità li qiegħed jagħtina biex niktbu dan l-artiklu fil-pubblikazzjoni annwali tagħhom.

Dan l-istaġun kien wieħed ferm pożittiv għall-klabb tagħna, fejn it-timijiet kollha tagħna nista' ngħid li kellhom staġun tajjeb ħafna. Dan minbarra, ta' min jirrimarka, li matul l-istaġun kollu kien hemm atmosfera ta' għaqda u ħbiberija bejnietna, fejn kull wieħed u waħda minna waqt li kien qed jipprattika l-isport favorit tiegħu/tagħha, sab hawnhekk it-tieni familja tiegħu/tagħha.

It-tim tal-kbar immexxi minn Robert Magro u assistit minn Kurt Gatt kiseb promozzjoni ferm meritata. U dan meta fil-bidu tal-istaġun kulħadd kien qatagħna barra mill-ġlieda għall-promozzjoni. It-tim irrisponda sew u konna l-ewwel minn tlieta li kiseb il-promozzjoni b'tim żagħżugħ mimli b'numru kbir ta' plejers Imġarrin.



It-tim tal-Mġarr Utd U/19



L-iskwadra tal-kbar tal-Mġarr Utd

Rigward it-tim tal-Youths immexxi minn Kurt Gatt, dan kellu jħabbat wiċċu ma' ħafna problemi peress li parti kbira mill-iskwadra tiegħu kienet qed tilgħab mat-tim tal-kbar, iżda dan ma qata' qalb ħadd u għalkemm f'xi mumenti tal-istaġun il-plejers disponibbli kienu vera limitati xorta waħda spiċċajna fuq nota pożittiva, għaliex it-tim spiċċa f'nofs il-klassifika b'riżultati ferm prestiġjużi kontra timijiet ferm iktar kwotati minna.

It-tim tat-tfajliet immexxi minn Ray 'Mundu' Vella u Mariella Vella spiċċa l-kampjonat fit-tielet post u b'hekk ikkonsolida ruħu bħala t-tielet l-akbar tim tat-tfajliet fil-pajjiż. Ta' min isemmi wkoll żewġ rebħiet storiċi fuq Birkirkara li b'hekk naturalment swew ħafna għal dak li hu r-rebħ tal-kampjonat.

It-tim tat-tfajliet ta' taħt is-16-il sena għat-tieni sena konsekutiva rebaħ id-*double,*

jiġifieri kampjonat u *Knockout* taħt it-tmexxija ta' Michelle Zahra. Dan kien tragward ferm meritat li jawgura tajjeb ħafna għall-futur tat-tim tat-tfajliet tagħna.

Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lill-Imġarrin kollha tal-appoġġ li nsibu mingħandhom tul l-istaġun u nħeġġeġ biex aktar partitarji jsegwu lit-timijiet tagħna. Barra minn hekk f'isem il-Kumitat ta' *Mġarr United Football Club* nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha u nirringrazzja lil kull min hu involut biex din il-festa ssir bl-aqwa mod possibbli.



*It-tim tat-tfajliet*



*It-tim tat-tfajliet U/16*



**Napprezzaw**
**jekk ma tħallux vetturi pparkjati fit-toroq minn fejn se jgħaddu l-marċi tal-banda.**


THERMASEAL
THERMASEAL LIMITED
ROOF INSULATION
AND WATERPROOFING
SPRAY-ON FOAM
Ġanni Vassallo Street, Luqa Bypass - Luqa LQA 1515 - Malta.
Tel/Fax: 21 237 712 • 21 241 711 • Mob: 9947 0879
E-mail: admin@thermasealmalta.com • Website: www.thermasealmalta.com

GREEN ENERGY saver

(PROP MARK VELLA)
INSPIRED FOR ENERGY SAVINGS




# HATE YOUR ELECTRICAL BILLS ?

WE CAN HELP WITH:

- LESS ENERGY & POWER
- LESS ELECTRICAL BILLS
- 100% LIFESPAN ON EQUIPMENT

SUITABLE FOR:

- RESIDENTIAL
- COMMERCIAL
- & INDUSTRIAL PREMISES

**INFO @ 9942 9644**

*Money Back Guaranteed*



# Innu F'Jum il-Festa

**Mużika: Mro Mary Cauchi**
**u Lirika: Joe Sammut**

F'jum ta' festa lkoll ngħollu leħinna,
Qalb il-ferħ ta' qlubna mħeġġin,
Hekk kif jasal dan il-jum tas-sena,
Li tant hu għal qalbna l-Imġarrin.

Qalb l-għoljiet imżejna lkoll ninġabru,
Bi xtajtiet mill-isbaħ mdawrin,
Raba' saqwi kullimkien hawn ħdura,
Kbar u żgħar b'dar-raħal imkabbrin.

Rit: B'idejn xulxin,
Nieħdu f'dal-ħin,
Fil-festa kbira,
Ta' Ommna Marija.
Hekk magħqudin,
U ferħanin,
Biex nuru li qatt,
Żgur ma jifridna ħadd.

Ġibu bnadar, ġibu palm u fjuri,
Biex tagħna l-festa niċċelebraw,
Ħalli noktru, ħalli nżiedu l-briju,
Għalenija flimkien nimmarċjaw.

Kullimkien arja ta' festa nżiedu,
Daqq ta'qniepen tiżjin u armar,
Ninsew kulma jtellifna l-paċi,
Ferħanin qawwija daqs l-azzar.

Rit: B'idejn xulxin....

Sliem għalik f'dal-jum raħal twilidna,
F'qalbna kattar kbira mħabba għalik,
Fik twilidna, fik għexna ħajjitna,
Għalkemm ċkejkna wisq ferħana bik.

Ħalli ngħixu bħal familja waħda,
Għalenija u qatt mirbuħin,
Miegħek nibqgħu issa u għal dejjem,
F'dal-jum tagħna lkoll Imġarrin.

Rit: B'idejn xulxin...



# Innu
# Santa Marija

**Versi ta' Rev. Dun Oraz Vella**
**u Mużika ta' Mro Joseph Abela Scolaro**

Il-jum reġa' sebaħ fuq wita u għoljiet ……
Fih ġensek jintebaħ bil-Għid fis-smewwiet.
Bl-imħabba, Marija, ferrieħi l-Imġarr,
Iroddlok foħrija u ġieħek jistqarr.
Bħall-qamar fid-dija mal-anġli l-henjin,
Bħax-xemx fis-sbuħija, rawk tielgħa mgħaġġbin.

Xemx li xxerred id-dawl tal-qdusija
Ewlenija fis-sebħ tal-ħolqien,
Ġensna kburi jsellimlek, Marija
Bl-ilħna safja, b'għanjiet f'kull ilsien.

Bil-jedd is-Sultana nħtart tal-ħolqien:
Sirt Sidtna u Omm tagħna, tqassmilna l-għajxien.
Irbaħt, O Marija lill-għadu qalil.
Kont dejjem bla ħtija, bla tebgħa tnissilt.
Lil Ibnek għalina int b'demmek għanejt,
Biex b'ħajtu jifdina bil-għożża rabbejt.
F'ħidmietu feddejja minn rajk isseħibt,
Tal-fidwa qaddejja kull ħajr inti ksibt.

Bl-ogħla setgħa minn Alla mogħnija
Tal-Insara l-għedewwa xejjint;
Bir-rebħiet għat-twemmin O Marija
Malta żejjen kif dari żejjint.

Fis-sema mgħollija bil-ġisem bir-ruħ.
L-Għid tiegħek Marija bil-qima nxandruh.
Berikna mill-ġenna, bil-grazzja bis-sliem.
Biex Artna tithenna b'ħarsien ta' bla tmien.

AVE MARIJA










# Sunday Buffet Lunch

MARITIM
Antonine Hotel & Spa
Malta

*Including Specialty Table*
*Children's Buffet*
*Coffee & Limoncello Liqueur*

**€ 19.90**
*Per Person*
*Food Only*

or

**€ 25.50**
*Per Person**
*including unlimited free flow of wine, beer and minerals*

* Terms and Conditions Apply

For bookings and enquiries kindly contact us on 2289 2000 or events@maritim.com.mt

MARITIM Antonine Hotel & Spa · George Borg Olivier Street · Mellieha MLH 1021


RESTAURANT
al Ponte
PIZZERIA
TAKE AWAY
AVAILABLE!
Open Daily for
Lunch & Dinner
Al Ponte Restaurant & Pizzeria · George Borg Olivier Street · Mellieha MLH 1021
T: 2289 2745 · E: alpontebistro@maritim.com.mt · F: alponterestaurant


FX Garage Co. Ltd.
Van and Car Hire and Leasing
The leading commercial vehicle rental company in Malta since 1986.
Vehicles at a high quality level which suits your needs.
Dejma Road, Tarxien TXN 9039 - Malta.
Tel: +356 2166 5209 • Mob: +356 9949 7979 • email: info@fxgarage.com • www.fxgarage.com


think green and save on your energy bills
The BOV Eco loan provides affordable customised solutions designed to help you nurture your home and preserve our environment.
your success is our goal
BOV PERSONAL LOANS
2131 2020 | bov.com
All personal loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Term of loan must not go beyond retirement age.
Terms and conditions apply.
BOV
Bank of Valletta


Explore Malta & Gozo by car
AQUARIUS
Rent A Car
Tel.+356 21575736 ; 21571186
www.aquariusrentacar.com
info@aquariusrentacar.com
117 St.Paul's Street, St.Paul's Bay SPB 3413 Malta


sunripe
A farmers-owned trade of
Maltese traditional delicacies
Quality
Tradition
Culinary Heritage
St. Peter Street, Mġarr, Malta
T: 21583269 M: 79261490/79252339
Email:msunripe@maltanet.net
Website: www.maltasunripe.com



Il-bank tiegħek
fil-qalb tal-komunità

L-HSBC huwa impenjat li jinvesti fil-komunità Maltija u jġib benefiċċji dejjiema lis-soċjetà. Il-bank jagħti l-appoġġ tiegħu lill-programmi li jagħmlu differenza fil-ħajja ta' tfal żvantaġġjati, l-ambjent u l-patrimonju Malti. Ninsabu kburin bl-impjegati tal-HSBC li jagħtu l-kontribut tagħhom lejn dawn il-kawżi.

Dawn l-impjegati ta' kuljum issibuhom lesti biex jgħinukom fil-bosta fergħat li għandna mferrxin madwar Malta u Għawdex. Huma, flimkien ma' *branch manager* b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju, jinsabu hergana li jkunu ta' servizz għalik. Għalhekk ejja żurna biex flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek.

Ċempel **2380 2380**
Żur **hsbc.com.mt**
Mur **fl-eqreb fergħa**

HSBC

# ST. MARY PHARMACY
## MGARR DISPENSING CHEMISTS

**Opening Hours:**

Monday-Saturday:8.00am-12.30pm / 4.00pm- 7.00pm

Saturday Afternoons:
4.30pm- 7.00pm

Tel: 21580711 • 99082404

**Family Doctor in daily attendance**

ST.MARY PHARMACY
MGARR DISPENSING CHEMISTS

# T. SPITERI






**MINI READY-MIX**
**& MATERIAL TRANSPORT**
**Mob. 7906 3000**

Sħana jew mhix, min għandu bżonn id-demm ma jistax jistenna...
jekk tista' agħti d-demm illum!

Sit prinċipali għall-għoti tad-demm:
**Ċentru tal-Għoti tad-Demm fi Pjazza San Luqa,**
**Gwardamanġa – 220 66 201**

Jiftaħ kuljum (7 ijiem fil-ġimgħa) mit-8:00am sas-6:00pm
(l-aħħar reġistrazzjoni sas-6:00pm)

linja tal-mobajl: 79 307 307
websajt: www.blood.gov.mt
imejl: customercare.nbts@gov.mt
facebook: www.facebook.com/bloodmalta

p.d. **Security** installations

*Sales & Service for:*
Intruder Alarms, Fire Alarms, Hall porters,
Tel. Systems, C.C. T.V. Systems, Gate
& Door Automation.

Main Street, Mosta, Malta
Tel: 21 419275
Mob: 9944 5356,
9949 8269

P.D.





# Treecake
## Confectionery

**Caterers for all Occasions**
Jesmond Cauchi – Managing Director

Independence Avenue,
Mosta - Malta
Tel: 2143 2859
Mob: 9946 4060





**Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr**
**21575749 • 99849688**

Opening Hours:
Mon - Sat: 4am - 5pm
Sunday: 7.30am - 1pm

Drinks & Appetizers
Daily specialities
ħobż, wraps, salads, pasta
Reasonable Prices

**P&C CAUCHI**

**TAL-PAPUSA**
**MELLIEHA**

ALL TYPES OF EXCAVATION WORKS
- Demolition & Excavation works
- Rock cutting, basements & pools
- Hiring of excavators & Earth Moving
- Transport of Aggregate & Sand






Mob : 99899839 79259208


Micallef Joe Travel
93, Triq San Tumas, Ħamrun
Tel: 2122 8586 / 2722 8586 • Mob: 9947 1167
E-mail: info@micallefjoetravel.com
www.micallefjoetravel.com
Ġiti Sajf 2015
• Ġiti ta' ġurnata lejn Sqallija fosthom xiri mis-Suq ta' Catania / Taormina / Etna / Ragusa Ibla / Chiaramonte Gulfi / Etnaland / Auchan / Caltagirone / Suracusa / Lago Santa Rosalia...
• Erbat' ijiem lejn Taormina
• Ħamest' ijiem lejn Palermo
• Sitt' ijiem lejn Reggio Calabria
• Sitt' ijiem għal festa ta' Santa Marija
Kopja tal-browxer tista' tinġabar mill-aġenzija
Ħadd ma' jista jurik Sqallija aħjar!
Micallef Joe Travel
Ġiti Sajf 2015


B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs Contractors
STOP
CAUTION
B. Grima & Sons Ltd. At Work
"We do road markings & road signage properly"
Importers & Suppliers of :
Traffic Signs, Road Marking Paint - Plastic Barriers - Crash Barriers - Road Safety Equipment
Solar Powered Signs - Illuminated Bollards - Plastic Barriers - Car Park Markings - Playing Ground Markings
St. Paul's Bay - Malta - Europe



*Dejjem f'qalbna!*

Il-President u l-Kumitat
tas-Soċjetà Filarmonika
"Marija Mtellgħa s-Sema",
tal-Imġarr
jixtiequ jawguraw

il-Festa t-Tajba
lill-poplu kollu

tal-Imġarr










V&C Contractors Ltd

**General Contractors**

Vincent & Charles Borg (Directors)

Excavations | Demolitions | Rock Cutting | Trench Works
Plant Hire & Road Works | Large & Small Machinery
Drainage Connections | Jackhammer Works

'Whyte Harte' Triq il-Kostinjus, Naxxar, NXR6352
Tel: 2142 0086 | Fax: 2141 5832 | Mobile: 7949 4661 / 7942 4661
Email: info@vccontractors.com
Website: www.vccontractors.com

BANIF BANK
*The power of believing*

# TA' SERVIZZ **GĦALIK MILL-QALBA TAL-MOSTA**

Banif Bank għandu fergħa fiċ-ċentru tal-Mosta biex jaqdi l-ħtiġijiet bankarji kollha tiegħek, kemm dawk personali kif ukoll tan-negozju. Nistiednuk iżżur il-fergħa tagħna fil-qalba tal-Mosta fejn it-tim tagħna lest li joffrilek servizz eċċellenti.

**12, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta**

Ħinijiet ta' ftuħ:
**mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 8.30 am - 2.30 pm**
**is-Sibt: 8.30 am - 12.30 pm**

CORPORATE BANKING UNIT
**mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 8.30 am - 2.30 pm**

**banif.com.mt**

Banif Bank (Malta) plc huwa liċenzjat mill-MFSA biex joffri servizzi bankarji, skont it-termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju 1994. Reġistrat f'Malta C41030 – 203, Level 2 ,Rue D'Argens, Gżira, GŻR 1368, Malta.



# Min irreklama


Abela Grocery ..............89
Accounts Private Tuition..............89
Agius Agricultural Trading Ltd ..............144
Al Ponte Restaurant & Pizzeria ....195
All in One Bazaar..............168
Antoine Borg..............179
Aquarius ..............197
Automax Panel Beating & Spray Painting..............34
B. Grima & Sons Ltd ..............203
Ballut Blocks..............186
Ballut Farm Ltd..............153
Banif Bank ..............207
BestPrint Co. Ltd ..............91
Bibas ..............25
Blaugrana ..............158
Blink Unisex Hair Salon ..............41
Blood Donation..............200
BOV ..............196
C Gatt Midland Steel Works ..............102
Care Cuts Unisex Salon ..............155
Cavett Place ..............30
Ciapella Garage..............161
Cini Marbles ..............26
CN Mifsud Marble and Granite ....163
David Agius ..............105
David WoodWorks ..............118
Debono Car Centre ..............156
Deputat Laburista Tony Agius Decelis & Josette Agius Decelis ..............76
Desana Granite & Marble Works ..............43
Dine West..............47
Eclipse Stationery ..............89
Eman Camilleri ..............157
Extremes Trading ..............22
Falzon Undertakers ..............153
Framegrip Ltd. ..............23
Frida Feeds..............24
FX Garage Co. Ltd..............196
Gasan Mamo Insurance..............107
Ġormina Bakery & Confectionery ..............182
Green Energy Saver ..............191
Hair-a-Holic ..............11
Halmann Vella..............29
Horace Enterprises Ltd ..............175
HSBC ..............198
Il-Barri Restaurant ..............104
J & J Gauci Granite Ltd ..............118
J. Bonavia & Nephews Ltd ..............149
J. Micallef Service Stations..............152
J.J. Ironmongery..............110
James Debono ..............143
James Falzon ..............168
Jardinland Agriproducts Ltd ..............38
JJC Construction Services Ltd .............. outside back
Joe Cassar..............36
John Bray & Son Funeral Directors ..............157
Jon Wayne Garage..............25
Karmenu Mifsud Funeral Service ..............159
Kevin Vassallo..............16
Koptaco Coaches Cooperative ..............21
Kunsillier Clayton Gauci ..............28
LJ Gatt..............36
Malta Transfer ..............21
Manue Bezzina Co. Ltd ..............151
Mario Calleja Crane Services .......100
Maritim Antonine Hotel & Spa ..............194
Marlene's Daily Fresh Fish..............67
Martin Grima Ltd ..............6
Mateja Camilleri ..............41
Mecca Enterprises Ltd ..............17
Mechanical Works & Spares..............49
Mġarr Farmers Cooperative Society Ltd ..............103
Mġarr Farmers Snack Bar & Bennej Restaurant..............144
Mġarr Ironmongery..............33
Mġarr Pharmacy..............46
Mġarr Snack Bar ..............91
Micallef Joe Travel ..............203
Michael Agius ..............109
Michael Galea & Sons Ltd..............117
Modern Butcher ..............55
Muscat Pool Construction..............14
Music Link ..............27
Nails by Alison..............168
Needs & Treats..............158
Nenu The Artisan Baker..............46
Newwes Garage ..............35
Noriva Ltd ..............154
Nutar Dr Tony Abela..............2
Onor. Dr Godfrey Farrugia ..............32
P & C Cauchi ..............202
P.D. Security Installations ..............200
P.L & R Excavations ..............117
Paper Dolls Boutique & Shoes ..............101
Perit David Vassallo ..............34
Pet Station Pet Shop..............179
Ph. Borg Ltd..............159
Pinkish Line ..............42
President Sur Giovanni Gatt ..............31
Pullicin Skip Hire..............156
Pure Detergents and More..............145
Qled..............42
Ray's Garage ..............176
Raymond Muscat Photography ..............160
RFL Towing ..............148
RPJ ..............112
Sammut Concrete Supplies ..............183
Sandro Craus ..............149
Saviour Bugeja..............184
Segretarju Parlamentari Onor. Ian Borg ..............110
Shamba Fresh Fruit & Vegetables ..............109
Snow White Quality Meat & Poultry Market..............43
Sogno Bagno ..............175
St. Mary Pharmacy..............198
Stitch by Stitch ..............91
Sunny Bar & Restaurant ..............184
SunRipe ..............197
Swaey Bros. Ltd..............15
Swan..............150
T. Spiteri..............199
Ta' Dernis Properties..............187
Ta' Falzon Landrovers Ltd..............106
Ta' L-Ingliż Fenkata..............100
Ta' Soldi Pizzeria & Take Away..............202
Ta' Soldi Restaurant ..............111
Taċ-Ċanti Bar & Restaurant..............201
Tal-Lajku Pastizzeria & Dolceria ..............76
Tal-Majjistra Eat House ..............39
Tal-Plitt Frott u Ħaxix ..............178
Tal-Vaxxel .............. inside front
The Professionals ..............103
Thermaseal Ltd ..............190
Tomabnina Wine Room ..............101
Treecake Confectionery ..............201
Twanny Zammit ..............176
United Bar & Restaurant..............20
Upward Doors Systems Ltd ..............151
Usasfuso ..............145
V & A Detergent Shop ..............100
V & C Contractors Ltd..............206
Vassallo Self Service..............104
Vella Mechanical Services Co. Ltd.......... inside back
Vella Wholesalers..............38
Vexillina ..............16
VZ Lines Ltd..............21